# L-Imnara

Vol. 8 Numru 1 2004 Ħarġa Numru 28

"L-Imnara" hu perjodiku li joħroġ darba fis-sena mill-Għaqda Maltija tal-Folklor. Jitqassam b'xejn lill-membri ta' l-Għaqda u ma jinstabx għall-bejgħ. Il-ħlas tas-sħubija fl-Għaqda (li jista' jiġi rivedut) hu ta' LM1.50 fis-sena għall-membri f'Malta, LM2.50 fis-sena għall-membri fl-Ewropa, u LM 3.00 fis-sena għall-membri fl-Awstralja. Titħallas ukoll lira oħra bħala reġistrazzjoni darba biss.

**Min irid jissieħeb fl-Għaqda Maltija tal-Folklor u jirċievi "L-Imnara" taħt il-kundizzjonijiet msemmija, għandu jibgħat il-ħlas dovut lit-Teżorier: Is-Sur George Glanville, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, PLA 16.**

Il-perjodiku "L-Imnara" ilu joħroġ mill-1978. L-artikoli jittrattaw il-folklor lokali u huma riżultat ta' osservazzjonijiet u riċerki oriġinali. Il-kitbiet huma prinċipalment bil-Malti, iżda jistgħu ikunu bl-Ingliż.

**Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur: Is-Sur Ġużi Gatt, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan SLM 13.**

## L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:

Il-Kumitat għas-sena 2004:

President: Is-S'na Maria R. Pisani; Viċi President: Is-Sur Angelo Dougall; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Membri: is-Sur Frans Farrugia; Dr. Ġorġ Mifsud Chircop; is-S'ra Adelina Zerafa.

## IS-SEBGĦA U GĦOXRIN SENA TA' PUBBLIKAZZJONI

## WERREJ

**Ġużè Cassar Pullicino, Riżq Għall-Kultura Maltija:** Ġorġ Mifsud-Chircop 1

**Id-Daqq tal-Qniepen f'Malta u Għawdex:** Joseph Goggi 6

**Il-Madonna Taċ-Ċiċri u t-Tiftix għall-Ilma:** Ġużi Gatt 12

**Talb, Brajbu u Kliem ir-Riqi Miġbura minn Fomm il-Poplu** Guido Lanfranco 19

**Għad Baqa' X'Jinġabar fil-Folklor Malti** Angelo Dougall 25

**Ġorġ, Bejjiegħ il-Faħam** George Cilia 27

**Iċ-Ċampella, il-Pjejn u x-Xiber: Logħob ta' Fuq is-Swar Maltin** Steve Borg 28

**Imkejjen bi Ġrajja fil-Birgu: Bank il-Għażż** Anton Attard 30

**Il-Fratellanzi tas-Snajja' / Fatati fil-Birgu** Lorenzo Zahra 31

**It-Toponomastika ta' Kemmuna** Alex Camilleri 33

**Xogħlijiet ta' dan l-aħħar minn membri ta' l-Għaqda tal-Folklor** 43

**Membri effettivi 2004** 47

Bullettin ta' L-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-Għaqda jew ta' l-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

*Indirizz ta' l-Editur: 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan, SLM 13*

# ĠUŻE` CASSAR-PULLICINO RIŻQ GĦALL-KULTURA MALTIJA (1)

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

Ġorġ Mifsud-Chircop

Fl-aħħar ittra tiegħu tat-3 ta' Frar, 1874, il-folklorista Sqalli Giuseppe Pitre` (1841-1916) kiteb: "Qaddisi u x-xeħta tiegħi jimbottawni lejn l-istudju tad-djalett, imma l-bżonn li naqla' x'niekol jorbotni mas-sodda tal-morda qalb il-miżerja u d-dulur kollu ta' l-umanita` muġugħa. Il-ħażin kollu jwassal għat-tajjeb, u għalhekk stajt niġbor, biex inqajjem fija dawk it-tradizzjonijiet li għandhom sehem tant mill-istudji fqajra tiegħi. Jien ngħix fost il-poplu u għall-poplu." (2)

Bejn wieħed u ieħor hekk ukoll nistgħu ngħidu li ġara lill-ħabib għażiż tagħna Ġuże` Cassar-Pullicino. Minn dejjem kellu x-xewqa li jsir avukat imma fl-istess ħin ried jikteb fuq l-Istorja ta' Malta, u din il-ħerqa għall-Istorja wasslitu għall-folklor. Minħabba bosta raġunijiet, fosthom il-familja u l-eqqel tal-gwerra, ma setax jasal għall-ewwel karriera, imma x-xogħol fil-qasam ta' l-Istorja ntefa' fuqu sewwa. Hu stess stqarr fl-10 ta' Diċembru, 1970 f'intervista ma' Tony Barbaro-Sant:

"L-aktar suġġett għal qalbi kienet l-Istorja ta' Malta. Sa minn qabel is-snin tal-gwerra, dejjem kelli xewqa li nikteb xi ħaġa fuq l-Istorja ta' Malta. Kont għadni żgħir u mort, niftakar, insaqsi ħalli nara l-manuskritti kif ikunu l-Biblijoteka, iżda kemm kemm riedu juruli għax kont għadni żgħir wisq ta' ħdax jew tnax-il sena, imma kuljum kont immur hemmhekk u sirt midħla tal-kollezzjonijiet illi hemm. Imbagħad mill-gwerra 'l hawn tista' tgħid sal-lum ma naqsitx ġurnata ħlief fis-sajf li tkun magħluqa wara nofsinhar, illi ma mmurx nagħmel xi nofs siegħa jew tliet kwarti tiftix." (3)

Mhux ta' b'xejn li Ġuże` Aquilina kien Iħobb isejjaħlu "il-Pitre` ta' Malta". U kif qaltli kemm-il darba l-folklorista Franċiża Micheline Galley, li ħarġet ma' Cassar-Pullicino aktar minn studju wieħed, "intom il-Maltin għandkom biex tiftaħru b'Ġuże` "

Il-laqgħa ma' Ninu Cremona (1880-1972), studjuż tal-lingwa u tal-folklor, bħala l-għalliem tiegħu tal-Malti l-Liċeo, u ma' Ġuże` Aquilina bħala l-professur tiegħu tal-Malti fil-kors tal-Letteratura l-Universita`, kompliet tkebbes fih in-nar għall-Malti u għall-folklor. Cremona kien li kkoreġielu l-ewwel kitba tiegħu fuq il-folklor, Aquilina kien li ppubblikahielu u nkuraġġieh biex jaqbad il-linja tal-folklor. Minn hawn meraħ fuq il-Malti bħala kultura waħda fit-tliet oqsma tagħha tal-lingwa, tal-letteratura u fuq kollox tal-folklor. Kif stqarr fl-istess intervista ma' Barbaro-Sant, "Malta hija l-pern ta' l-istudju tiegħi: Storja, lingwa u folklor." (4) L-ambjent qerriedi tal-gwerra quddiemu bħala spettur sanitarju Ħal Għaxaq (1940-1941) u r-riċerka li kien jagħmel ma' Aquilina f'Għawdex, komplew xprunawh, bħalma għamel f'bosta folkloristi ta' barra minn Malta, biex l-identita` li kienet qed taqa' quddiemu, jistinka forsi jsibha fil-kuxjenza moħbija ta' niesu. Ix-xogħol li għamel xi għaxar snin wara (1953-1958) bħala bibljotekarju b'riżq il-librerija ta' din l-Universita` joqgħod sewwa fit-tisħiħ tal-kultura fis-sens wiesa' biex jirtifed t-tagħlim għaż-żgħażagħ, il-

mexxejja ta' Malta tal-ġejjieni - kien hu li, fost l-oħrajn, ħadem biex tinbena għall-ewwel darba taqsima sabiħa fuq it-teorija u l-prattika tal-folklor f'Malta.

Jekk ikollna nieħdu dawn it-tliet oqsma f'daqqa żgur li jolqotna l-binarju (1) tal-ħidma prattika fir-riċerka, daqskemm (2) is-sehem attiv fl-għaqdiet marbuta magħhom. Mela, għalkemm ħalla l-kors akkademiku li beda l-Universita` u beda jaħdem mal-gvern, xorta baqa' membru tal-kunsill ta' l-Għaqda tal-Malti bejn 1942-1945 u fl-Għaqda tal-Malti (Universita`) bħala assistant-direttur tar-rivista tagħha *Leħen il-Malti* (1944-1952). Bejn l-1942-46 kien is-segretarju tax-Xirka ta' l-Ilsien Malti. Din il-ħidma għall-Malti kompliet fis-snin ta' wara bir-riċerka u bil-kitba wkoll. Magħhom jidħlu l-oqsma ta' l-Istorja u l-folklor billi sar editur tal-*Melita Historica* (1952-1961) u tal-*Maltese Folklore Review* (1962-1973).

It-tlieta ħares lejhom mill-perspettiva kulturali u għalhekk waħda ssaħħaħ u tnewwel lill-oħra għax mibnija fuq ir-riċerka li wasslitu għall-pubblikazzjoni ta' studji ewlenin. Fil-lingwa u fl-Istorja Soċjali ħareġ *Unpublished Maltese Dictionaries* (1947), *Id-Djalogi ta' De Soldanis* (1947), *Kitba u Kittieba ta' Żmienna* (3 volumi, 1962-1964, b'edizzjoni riċenti f'*Kitba bil-Malti sa l-1870* (2001) u *Kitbiet Oħra tas-Seklu Dsatax* (2002), *Aquilina u l-Malti* (1974), *Malta fis-Seklu Tmintax: Xi Djarji Maltin ta' l-Imgħoddi* (1981) u *Ġuże` Muscat-Azzopardi: Studji* (1991). Fil-letteratura Maltija ppubblika *Kelma Waħda Biss* (1971), *Dun Karm. Tagħrif Ġdid u Noti Kritiċi* (1985), *Poeżiji ta' Ġorġ Zammit. Noti Kritiċi* (1985), u *Ġuże` Ellul-Mercer, Il-Kitbiet Miġbura* (l-ewwel ktieb, 1985). L-interess għat-tisħiħ tal-lingwa u l-letteratura Maltija baqa' wkoll għaddej miegħu għax tul il-karriera tiegħu bħala bibljotekarju ta' l-Universita' u fiċ-Ċivil fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u fil-Ministeri tax-Xogħol u l-Industrija (1965-1968) u fuq kollox bħala Direttur ta' l-Industrija (1971-1979), ħa ħsieb dejjem jimbotta 'l quddiem l-interessi ta' bosta oqsma Maltin, fosthom Id-*Dizzjunarju Bijo-Bijografiku Nazzjonali* (1960-1965) ta' Robert Mifsud-Bonnici u t-traduzzjoni ta' *L-Infern* (1964), l-ewwel taqsima ta' *La Divina Commedia* ta' Dante minn Erin Serracina-Inglott.

Kellu jkun l-interess fl-Istorja ta' Malta li fil-folklor wasslu biex jieħu l-ewwel il-materjal storiku u jistħarrġu. 'Il quddiem stinka ħafna biex infetħu ċ-ċentri tas-snajja' Maltin f'Ta' Qali, il-belt Valletta u Għawdex kif jixhduh ir-ritratti li hawn għall-wiri fil-wirja li se nniduha l-lejla. It-tliet oqsma: il-letteratura, il-folklor, u l-Istorja Soċjali, għallimhom ukoll lill-istudenti tal-Baċellerat ta' l-Arti (1965-1978) u fuqhom qara xi studji f'kungressi internazzjonali f'Malta, Kiel, Kopenħagen, Katanja, Ġirba (it-Tuneżija) u l-Kanada. Fost il-pubblikazzjonijiet fuq il-folklor ta' min wieħed isemmi *An Introduction to Maltese Folklore* (1947); *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor* (4 vol., 1957-59) u li għadu kif reġa' ħareġ din is-sena f'edizzjoni ġdida; *Il-Folklor Malti* (1960; it-tieni ediz. riveduta, 1975); *Linguistic Analysis of Fr. Magri's Folktales* (1961); *Stejjer ta' Niesna* (1962); *Il-Bennejja tal-Folklor Malti* (1964), *Ethno-Linguistic Aspects of Animals in Malta* (1967), *Studies in Maltese Folklore* (1976, bit-tieni ediz. riveduta u mkabbra fl-1992); *Skunġrar u Orazzjoni fil-Poeżija Popolari Reliġjuża f'Malta* (1981); *Studi di tradizioni popolari maltesi* (1989); *L-Imgħoddi tal-Ġens Tagħna: Bejn Storja u Folklor* (1990); *Ħżuż Manwel Magri. Ktieb tan-Notamenti dwar il-Folklor Malti* (1991); *Kemużell. A Maltese Practical Joker*, edizzjoni tax-xogħol miġbur f'Malta minn Bertha Ilg (1995), *Maltese Oral Poetry and Folk Music* (1998) mal-Prof. Charles Camilleri, u *Folktales of Malta and Gozo* (2000). Jien kont l-mezz biex fl-aħħar inħarġulu erbgħa minnhom, il-kotba fuq Dun Karm u Ġorġ Zammit, il-ġabra ta' Ilg u l-ktieb fuq Magri. U naf biżżejjed b'liema ħerqa u entużjażmu Cassar-Pullicino jidħol għax-xogħol. L-istess ngħid għax-xogħol li għamilna bi sħab fuq in-narrattiva folkloristika Maltija fl-1997 fl-enċiklopedija internazzjonali li għadha ħierġa minn Berlin

mis-Soċjeta` Internazzjonali għar-Riċerka tan-Narrattiva Folkloristika.

Bir-raġun kollu li l-ħidma tiegħu ġiet rikonoxxuta minn ħafna bħal fl-1970 meta ngħata l-midalja tal-fidda mill-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċiviċi, fl-1975 meta rebaħ il-*Malta Government Prize* għall-aħjar ktieb maħruġ fl-1974, fl-1978 meta ngħata l-*Premju Letterarju* għax-xogħol oriġinali ta' riċerka dwar Ġuże` Muscat-Azzopardi, fl-1979 il-*Malta Literary Award*, fl-1989 il-*Premio Citta` di Valletta* (1989) u fl-1993 l-grad ta' *Master of Philosophy* mill-Universita` ta' Malta u l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika ta' Malta.

## CASSAR-PULLICINO FOLKLORISTA

L-ambjent li trabba fih fi tfulitu u f'żgħożitu Ħal Luqa, Ħat-Tarxien u Għawdex laqqa' lil Cassar-Pullicino għall-ewwel darba mal-kuxjenza Maltija f'ħafna mill-oqsma tal-ħajja tat-tfal, bħal m'huma l-logħob, il-ħwejjeġ moħġaġa, il-brejku, it-taqbil u d-divertiment, u tal-kbar bħalma huma s-snajja'. Sa ommu Elena stess kienet narratriċi prima għalih; narraturi oħra kien hemm, fosthom Ġużeppi Schembri, imlaqqam Żaże`, u ieħor Leli, plejer mal-Hiberians.

Ix-xogħol tiegħu bħala folklorista nistgħu naqsmuh fi tlieta: (1) Il-ġbir tal-materjal b'mod sistematiku, (2) il-ħidma proattiva biex ċerti aspetti jkunu organizzati aħjar, u (3) l-istudju u l-pubblikazzjoni ta' kollox biex jolqot mhux biss liż-żewġ livelli tas-soċjeta` Maltija imma wkoll lill-istudjużi barranin. Mal-klassi ta' isfel ried jippopolarizza l-qasam ġdid ta' l-istudju tal-folkor, l-aktar bir-Rediffjuxin (mill-1952 'il quddiem), bil-gazzetti bil-Malti u bl-Ingliż u b'xi wirjiet, bħal dik fil-Mużew Nazzjonali bejn April-Mejju, 1971 f'isem l-Għaqda tal-Folklor Malti. Fil-ħidma proattiva stinka biex isiru dokumentarji mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni fuq il-folklor Malti u mill-1953 nieda l-Konkors ta' l-Għana fil-Buskett bl-għajnuna tas-Soċjeta` Agrarja. Għall-Maltin beda jippreżenta studji ġodda biex joħloq l-istorja tal-folklor Malti u joħroġ konklużjonijiet ġodda wara x-xogħol ta' Manwel Magri u Cremona. Għall-barranin mhux biss daħal f'korrispondenza ma' studjużi u riċerkaturi bħal Margaret Murray, Ettore Rossi, Paolo Toschi, u fuq kollox ma' Bertha Ilg, mhux biss ħa sehem attiv b'taħdita fil-Kungress Internazzjonali għar-Riċerka fuq in-Narrattiva Folkloristika li sar Kiel u Kopenħagen f'Awissu 1959 u kien membru fundatur ta' l-istess soċjeta`, imma ħareġ ir-rivista *Maltese Folklore Review* (1962-73) biex jifqa' l-ħajt lingwistiku li jsibu quddiemhom il-folkloristi barranin meta sa żmienu fuq il-folklor tagħna kważi kollox kien għadu jinkiteb bil-Malti.

L-oqsma ewlenin li stħarreġ u stinka ħafna għalihom huma t-teorija, l-istorja (*Il-Bennejja tal-Folklor Malti*, 1964) u l-prattika tal-folklor Malti (*Il-Folklor Malti*, 1960, it-tieni ediz., 1975), l-arti verbali (il-ħrejjef, leġġendi, it-taqbiliet, il-ħwejjeġ moħġaġa, l-għana, l-għajjat tal-bejjiegħa) u l-kultura materjali (is-snajja'). Tinħass sewwa l-influwenza romantika diretta li kellu fuqu Ninu Cremona (1880 - 1972) li qara ħafna mill-kitba ta' Pitre`, bil-perspettiva tas-salvataġġ ta' kulma qed jintilef mill-kultura Maltija, ir-*Rettungsgedanke* li jsemmi Giuseppe Cocchiara fuq Gotthold Ephraim Lessing (1729 - 1781), Herder (1744 - 1803), l-aħwa August Wilhelm (1767-1845) u Friedrich (1772-1842) von Schlegel u Pitre`. (5) Hawn il-poplu Malti, il-*folk*, ifisser in-nies tal-kampanja u r-raħal, ir-rappreżentanti waħdanin li jgħixu mill-qrib mal-wirt nazzjonali. Fit-tiftix bikri tiegħu dar fuq l-iskavar



ta' l-Istorja antika u mhux daqshekk antika bis-saħħa taċ-ċiklu tal-leġġendi storiċi marbutin ma' bosta fażijiet ta' l-Istorja ta' Malta minn żmien il-bidu ta' l-era nisranija 'l hawn, bħalma huwa San Pawl, il-furbani u t-Torok, il-Kavallieri, u l-Franċiżi. (6) Iktar 'il quddiem beda jħaddem il-metodu Finniku, mibdi u żviluppat fil-bidu tas-seklu għoxrin minn Antti Aarne (1867-1925) u li għal ħafna snin matul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, kien meqjus bħala l-uniku metodu aċċettabbli għar-riċerka fl-istudju tal-Folklor. Il-metodu jrid jikxef in-nisel u l-istorja tal-folklor u jrid ikun imsaħħaħ b'firxa wiesgħa ta' riċerka komparattiva.

Cassar-Pullicino ntefa' b'ruħu u ġismu sa minn nofs l-erbgħinijiet biex jiġbor u jsalva min-nisi l-wirt tal-poplu li kien qiegħed jgħib minn quddiem għajnejh, il-ħajja u l-arti inkonxja tar-raħli idilliku Malti biex jerġa' jibni l-identità nazzjonali mit-tradizzjoni. Il-fidi qawwija tiegħu fil-*vox populi*, il-kuxjenza storika tiegħu fejn tidħol it-tradizzjoni folkloristika, u l-impuls patrijottiku u umanitarju tiegħu mogħni b'fidi sħiħa f'dak li kellu f'moħħu, fasslulu programm ċar ta' xogħol quddiemu, għalih innifsu u għall-ġenerazzjonijiet ta' warajh. Madankollu, għal ħafna żmien baqa' jaħdem waħdu u ħadd ma newwillu l-appoġġ sħiħ li kellu bżonn.

Ix-xogħol il-ġdid li għandna quddiemna llum *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ ieħor* jista' jservina bħala eżempju f'waqtu fuq hekk. Ħarġu bejn l-1957-1959. Imma bdieh billi ntefa' għar-riċerka ħafna snin qabel. Ngħidu aħna, sa l-1947 diġà kellu 70 ħaġa moħġaġa. Imma mbagħad bil-ħidma persistenti tiegħu u bl-għajnuna ta' ħbiebu, l-aktar f'dan il-każ ta' Guido Saliba li għaddielu t-testi li kienu bagħtu s-semmiegħa biex jixxandru fuq ir-Rediffjuxin bejn 1950 u l-1951, wasal sa l-għadd sabiħ ta' 187 waħda, (7) minbarra l-għadd l-ieħor ta' taħbil il-moħħ bħat-taħwid ta' kliem u tagħwiġ ta' lsien, mistoqsijiet ta' ħsieb u logħob il-għadd. Imbagħad kompla miexi billi jaddatta l-fehmiet u l-metodoloġija ta' l-istudjużi ta' żmienu. Il-ħwejjeġ moħġaġa, bħall-ħrejjef, għandhom strutturi sintattiċi u semantiċi għalihom u li jagħżluhom mid-diskors ta' kuljum li jkunu rrakuntati fih. Huma forom artistiċi li jintgħarfu kulturalment bħala kategoriji distinti ta' komunikazzjoni. Il-ħaġa moħġaġa hija qasam affaxxinanti tal-kultura folkloristika Maltija u li tant għadha qawwija fostna, iżda ftit li xejn tkun qed studjata b'mod frisk. (8) Trid tkun ġdida jew tinstema' stramba biex l-udjenza tagħti kasha. Il-ħaġa moħġaġa jkun fiha bilfors żewġ elementi ewlenin: l-immaġni ppreżentata u t-tweġiba li tingħata lill-udjenza. Il-livell folkloristiku jingħażel mil-livell lingwistiku għax l-immaġni tkun dejjem mistoqsija anki jekk lingwistikament tkun interpretata bil-forma ta' l-istqarrija. Ngħidu aħna, ħa nħarsu lejn il-ħaġa moħġaġa (20) miġbura mill-Ħamrun u li hi ġdida fl-edizzjoni li għandna llum tax-xogħol tiegħu:

Hawn ħaġa:
Għaxar sefturi,
Sinjura waħda,
U ħajta.
(*Il-ħajjata*)

Għalkemm lingwistikament din hija stqarrija, folkloristikament hawn il-mistoqsija implikata: x'inhi dik il-ħaġa li għandha għaxar sefturi ma' sinjura waħda u ma' ħajta? It-tlaqqigħ ta' l-immaġni tas-sinjura u l-għaxar sefturi tagħha mat-tweġiba tal-ħajjata joħloq il-metafora tal-ħaġa moħġaġa. Imma f'dan il-każ bħal f'kull ħaġa moħġaġa folkloristika, barra dan it-tlaqqigħ ta' l-immaġni jkun jonqos funzjoni li toqgħod għat-tweġiba, il-ħajjata, imma mhux għas-sefturi. Il-ħajjata m'għandhiex "sefturi" imma, kif ifissirha Cassar-Pullicino, "il-ħafna lavranti . . . qegħdin biex jgħinu l-ħajjata." (9) Mela, it-tweġibha m'hix arbitrarja imma mibnija fit-test imlissen għall-udjenza, għalkemm dejjem fir-restrizzjonijiet soċjali u kulturali ta' Malta. Huwa sewwa sew f'dan ix-xogħol li lill-awtur narah li qed juri kemm l-arti verbali f'Malta hija ħajja, 'il bogħad ħafna mill-prinċipju ta' ħafna prinzipjanti jew dilettanti tal-folklor, li kienu u li għadhom jgħidu li l-folklor huwa mejjet jew qiegħed biex. It-testi tal-ħaġa

moħġaġa jinħalqu huma u jingħadu u jinbnew quddiem għajnejn l-udjenza. U kull darba li jkunu mtennija dejjem ikun hemm il-possibbilta` qawwija li xi ftit jew wisq jinbidlu.

Mertu kbir ta' Cassar-Pullicino jolqot żewġ livelli tax-xogħol komparattiv tiegħu. L-ewwel, kontra Manwel Magri (1851-1907) li ħares biss lejn il-lvant, u kontra Cremona li saħaq fuq l-Ewropa, Cassar-Pullicino jieħu l-Mediterran sħiħ u jqabbel ma' kull fejn jeħtieġ, bla suġġettiviżmu ta' xejn fil-limiti tal-komparattiviżmu tiegħu. Fil-fatt, l-aqwa xogħol tiegħu marbut mal-metodu komparattiv fl-isfond Mediterranju. It-tieni, Cassar-Pullicino baqa' sa l-aħħar ifittex u jirrevedi kulma jkun sema' qabel, dejjem skond ir-reqqa xjentifika tar-riċerka kif jitlob il-metodu komparattiv. Ngħidu aħna, quddiem l-iżviluppi kbar li bdew iseħħu mis-sittinijiet 'l hawn fil-folklor internazzjonali, hu ma baqax lura milli jistqarr fl-1992:

"Barra l-ġbir u t-tixbih wieħed irid jieħu l-analiżi tat-testi u l-istrutturi tad-diversi ġeneri." (10)

U għadni niftakar il-kliem li qalli fit-28 ta' Lulju, 1971 aħna u nitkellmu fuq ix-xogħol tiegħu u stqarrli u ngħid is-sewwa ħasadni:

"Kemm inħossni li għadni m' għamilt xejn, u dan sew imħabba l-materjal mhux ippubblikat li għandi fil-kexxun u wkoll għax issa hu l-waqt meta nħossni ppreparat, l-iktar għax-xogħol ta' tixbih. Jien iddixxiplinat fix-xogħol tiegħi; dejjem stennejt iż-żmien għall-istudju komparattiv; iżda llum il-folklor sar id-disperazzjoni tiegħi, għax ħin m'iniex insib."

Dan hu l-messaġġ li jgħaddilna llum Cassar-Pullicino fl-eta` veneranda ta' 82 sena magħluqa: mill-fehmiet romantiċi li kienu jagħmlu sens għal Malta ta' wara l-gwerra li bdiet tfittex l-identita` tagħha, Cassar-Pullicino qiegħed jistedinna biex ngħaddu għall-analiżi testwali li m'għandniex xi ngħidu trid tagħti kas ukoll tas-semantika kulturali fid-diskursivita` tagħha. Qed jistedinna biex nibqgħu dejjem naġġornaw ruħna fir-riċerka u fl-istudju modern tal-folklor kif għamel hu mill-erbgħinijiet 'il quddiem u kif jerġa' jissuġġerilna fid-disgħinijiet. Qed jistedinna biex inkunu ddixxiplinati u dak li għandna nagħmlu u li rridu nibdew fir-riċerka, naqbdu u nagħmluh issa. Ma nistgħux inħallu għall-għada jew nibqgħu qisu fid-dinja ta' l-akkademja qatt ma ġara xejn għalina u ma ninfetħux għall-fehmiet u t-teoriji moderni.

Grazzi, grazzi ħafna, għall-ħidma tiegħek b'riżq il-kultura tagħna.

(1) Taħdita li saret fil-Lejla f'ġieħ Ġużè Cassar-Pullicino organizzata mil-Librerija ta' l-Universita` u l-Għaqda tal-Malti (Universita`) fis-17 ta' Diċembru, 2003.

(2) Ara, A. Dundes, ed., "On the Need for a Bibliography of Folklore", *International Folkloristics. Classical Contributions by the Founders of Folklore*, Oxford, 1999, p.57

(3) Ġ. Mifsud-Chircop, *Ġużè Cassar-Pullicino Folklorista*, teżi għall-grad ta' B.A., Malta, l-Universita` ta' Malta, 1972, p. 94.

(4) *Ibid.*, p. 97

(5) Ara, Ġużè Casar-Pullicino, *Il-Bennejja tal-Folklor Malti*, Malta, 1964, pp. 93-94; *id.*, *Studi di tradizioni popolari maltesi*, Malta, 1989, p.38. Ara wkoll, Ġorġ Mifsud-Chircop, "Sehem Temi Zammit fil-Folklor Malti, *Analiżi*, vol. 4/5, Malta, Ġunju-Settembru, 1991, pp. 18-19, Ottubru-Novembru, 1991, pp. 14-15.

Għat-tifsira tar-*Rettungsgedanke*, ara, Giuseppe Cocchiara, *The History of Folklore in Europe* (1971), trad. John N. McDaniel, Philadelphia, 1981, pp. 187, 197-203, 212, 224-25, 230, 351-71, 539.

(6) Ara l-istudji tiegħu: "Pauline Traditions in Malta", *Scientia*, vol. 10, 1944, pp. 19-31; "Pirates and Turks in Maltese Tradition," *ibid.* vol. 14, n. 4, 1948, pp. 164-90; "The Order of St John in Maltese Folk Memory," *Scientia*, vol. 15, 1949, pp. 149-75, u "The French Occupation in Maltese Tradition," *The Sundial*, vol 4, n. 8, 1948, pp.27-32.

(7) Ġużè Cassar-Pullicino, *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor*, l-1el ediz., 1957-1959, p. 20.

(8) Ir-reċensjonijiet *kollha* li nharġu s'issa fuq dan il-ktieb huma kollha ripetizzjoni ta' kulma qal l-awtur innifsu.

(9) Cassar-Pullicino, *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor*, it-2 ediz., M. Mifsud u O. Vella, ed., Malta, 2003, p.16.

(10) Paul Falzon, "Bejn Paġna u Oħra", Ġużè Cassar-Pullicino intervistat, *Il-Mument*, 26.01.1992.

# ID-DAQQ TAL-QNIEPEN F'MALTA U GĦAWDEX

Joseph Goggi S.Th.Dip.

Qabel xejn ta' min jikteb li l-qniepen huma fonduti minn minerali li huma Landa (22.5%), Ram (77%), u xi minerali oħra (.5%). Il-qniepen huma wkoll intonati fuq skali differenti biex meta jindaqqu jagħtu tunatura kompatta u sabiħa għall-widna. Meta grupp ta' qniepen jiġi fondut fl-istess funderija jissejjaħ sett. Ħafna knejjes tal-gżejjer Maltin għandhom settijiet ta' qniepen fonduti l-aktar fl-Londra u f'Loughborough ġewwa l-Ingilterra, f'Milan, Novara, u Vercelli fl-Italja, ġewwa Annecy fi Franza u ġewwa Aarle fl-Olanda. Jeżistu wkoll ħafna qniepen fonduti f'Malta stess minn funditturi Maltin bħal Ġulju Cauchi, missieru Salvu Cauchi, Ġwakkin Triganza u l-aħwa Bastjan u Ferdinandu Leotta. Dawn ta' l-aħħar kienu Sqallin residenti f'pajjiżna. F'Malta għandna wkoll xi toroq imsemmijin għal funditturi tal-qniepen f'Ħal Tarxien, Ħal Safi, Ħal Luqa, Ħal Balzan, u f'Bormla fost l-oħrajn.

Il-qniepen jiddendlu ma' travi fl-erba' ħnejjiet, waħda f'kull faċċata tal-kampnar. Fil-biċċa l-kbira mbagħad, il-Qanpiena l-Kbira tiddendel fin-nofs tal-kampnar. Huwa dejjem idejali li fejn hemm żewġ kampnari l-qniepen jiddendlu f'kampnar wieħed; dan biex waqt il-moti toħroġ tunatura magħquda. F'xi knejjes il-Qanpiena l-Kbira titqiegħed għaliha waħedha f'wieħed mill-kampnari bħal f' Ħal Luqa, Il-Mellieħa, Il-Furjana, Tas-Sliema (Stella Maris), kollha f'Malta u Iż-Żebbuġ, Il-Qala, Ta' Sannat, u r-Rabat (San Ġorġ), kollha f'Għawdex. F'xi oħrajn, il-qniepen ta' l-arloġġ wkoll jitqiegħdu għalihom bħal fl-Isla u f'San Bastjan ta' Ħal Qormi. Uħud mill-qniepen fihom ħafna dekorazzjonijiet u tiżjin ieħor minqux fuqhom kif ukoll xi skrizzjonijiet li ġeneralment jgħidu l-istorja tagħhom. Qniepen qodma għandhom skrizzjonijiet bil-Latin. Imma mill-1990 il-quddiem il-parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli saret l-ewwel waħda li ordnat sett ta' tlett qniepen mill-Italja li fuqu jġib kitba bil-Malti.

Dan li ġej m'hu xejn ħlief x'jgħaddi minn rasi meta nisma' l-qniepen idoqqu, jnaqqru jew jagħtu l-ħin. Wieħed jistagħġeb kemm il-qniepen huma marbutin ma' ħajjitna minkejja li kważi bilkemm nindunaw. Fil-ħajja tal-elettronika u t-teknoliġija ta' l-informatika ta' llum, wieħed donnu bħal jinsa li dawk ta' qablu għalkemm aħna narawhom 'antiki' jew 'qodma' dawn għal żmienhom kienu moderni meta mqabbla ma' l-antenati tagħhom.

L-eqdem qanpiena fil-gżejjer Maltin tinsab fil-kampnar tax-xellug tal-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina, tħares lejn L-Imtarfa. Ħaġa ta' l-iskantament din għadha tintuża sa llum minkejja l-mijiet ta' snin li għaddew minn fuqha. Kienet tintuża anki mal-qniepen tal-

Katidral il-Qadim li ġġarraf bit-terremot ta' l-1693.



Niftakar lil ommi tgħidli li dari l-qniepen kienu jdoqqu tokki biex ibiegħdu s-sajjetti. Skond l-antiki, it-tunatura mżewqa tagħhom kienet tkeċċi s-sajjetti. Kienu jindaqqu wkoll biex iħajruna nitolbu 'l Alla jbiegħed minna l-flaġġel tas-sajjetti. Dan kien għadu jsir hawn Malta sas-snin ħamsin ftit qabel il-Konċilju Vatikan II.

Fil-funerali għadhom sa llum jintużaw l-iżgħar żewġ qniepen għal fidili. Imma għas-saċerdoti li huma l-Ministri tal-Mulej fil-funeral jindaqqu l-qniepen kollha. Jindaqq transitu bil-Qanpiena l-Kbira u t-Tieni. Transitu tfisser il-mogħdija minn dil-ħajja għall-oħra. Imbagħad tindaqq mota tal-mejtin. Din il-mota tal-mejtin tindaqq ukoll kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar biex titfakkar il-mewt ta' Kristu fuq is-Salib. Imma hija ironija li nhar il-Ġimgħa l-Kbira dan it-transitu ma' jindaqqx għaliex il-qniepen kollha jkunu siekta. Huwa biss f'każ eċċezzjonali li skond kif tiddeċiedi l-Konferenza Episkopali jkunx jista' jsir daqq ta' qniepen jew le. U la qiegħdin fuq is-suġġett tal-funerali ta' min jikteb li filwaqt li normalment jindaqq transitu fil-funerali tal-kbar, fil-funerali tat-trabi tindaqq mota wkoll insejħa 'Frejħa' bl-iżgħar żewġ qniepen. Dan għaliex it-trabi ma' jafux x'inhu ħażen u allura qatt m'għamluh. Allura l-qniepen jindaqqu f'mota ta' ferħ għax marru jgawdu 'l Alla mill-ewwel filwaqt li l-fidili li għandhom l-użu tar-raġuni xi darba jew oħra setgħu għamlu xi żball matul ħajjithom. Il-quddiesa tat-trabi hija magħrufa bħala 'de Angelis' u fiha wkoll tingħad il-glorja.

Matul ir-Randan u l-Avvent il-qniepen inaqqru għall-eżerċizzi flok li jdoqqu moti ferriħija għaċ-ċerimonji liturġiċi. Anki għall-quddiesa konventwali kantata tal-Ħdud, mill-qniepen jindaqqu tnejn biss, alternattivament, tokk b'waħda u tokk bl-oħra. Biss għad hemm tlett eċċezzjonijiet. Fl-Avvent tiġi l-festa tal-Kunċizzjoni nhar it-8 ta' Diċembru. Fir-Randan jiġu l-festi ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu, u tal-Lunzjata fil-25 ta' Marzu wkoll. F'dawn it-tlett festi, l-Knisja tneħħi l-Vjola u tilbes l-Abjad, tingħad il-Glorja fil-quddiesa u jindaqqu l-qniepen f'moti ta' ferħ bil-kbir.

Fit-tlett ijiem tat-Tridu Mqaddes, Ħamis ix-Xirka, Il-Ġimgħa l-Kbira u Sibt il-Għid id-daqq tal-qniepen ivarja ħafna.

L-aħħar li jindaqqu huwa fil-Glorja ta' nhar Ħamis ix-Xirka. Il-qniepen jibqgħu siekta nhar il-Ġimgħa l-Kbira kollu u Sibt il-Għid il-jum kollu sal-Glorja tal-Quddiesa tal-Vġili tard wara nżul ix-xemx. Kont nismagħhom jgħidu li nhar Sibt il-Glorja fl-antik il-qniepen tal-knejjes filjali ma' kinux idoqqu qabel ma l-parroċċa tkun hi l-ewwel li tagħti s-sinjal. Dan niftakru sew għaliex meta kont tifel kont indoqq il-kunvent ta' Sant'Alfons, illum is-Santwarju ta' Santa Tereża, f'Birkirkara, kont inkun fil-kampnar ma' sħabi nistennew il-Bażilika ta' Santa Liena tintona l-Glorja u l-knejjes filjali kollha magħha jdoqqu u jidwu mar-raħal kollu. Dan kien jiġri anki jekk il-quddiesa fil-knejjes filjali tkun ġa spiċċat.

Fil-Belt kien jeżisti każ tassew interessanti u kurjuż pjuttost storiku dwar id-daqq tal-Glorja f'Sibt il-Għid. Billi l-eqdem Parroċċa tal-Belt hija dik tal-Portu Salvu u San Duminku li twaqqfet mill-Papa San Piju V, fl-1571, din kellha d-dritta li qabel ma' l-Kappillan Dumnikan jintona l-Glorja u jdoqqu l-qniepen tal-parroċċa tiegħu l-ebda knisja oħra fil-Belt ma' setgħet iddoqq il-qniepen tagħha. Dan sikwit kien joħloq ferment mal-Parroċċa l-oħra ta' San Pawl Nawfragu u mal-Konventwali ta' San Ġwann u San Pawl li ma' kienet tagħmel ma' l-ebda parroċċa. Illum fortunatament dan kollu spiċċa għax kull parroċċa hija awtonoma.

Drawwa sabiħa ħafna li sa fejn naf jien hija waħdanija għall-gżiritna hija ddaqq bil-qanpiena l-kbira tal-'Mota tal-Ħamis' u tal-'Mota tal-Mewt' nhar ta' Ġimgħa. Ta' l-ewwel tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija, festa ta' ferħ; tat-tieni tfakkar il-mewt ta' Kristu fuq is-Salib, tifkira ta' swied il-qalb. Il-'Mota tal-Ħamis' ġeneralment tindaqq wara l-quddiesa ta' filgħaxija jew wara l-adorazzjoni u l-barka. Ta' nhar ta' Ġimgħa tindaqq fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Din id-drawwa oriġinali taf il-bidu tagħha fil-Kottonera. Kien l-Isqof Vincenzo Labini li fl-1781 ħareġ ċirkulari biex din id-drawwa sabiħa tiġi estiża għall-parroċċi u l-knejjes kollha tal-gżejjer Maltin. Ta' min jgħid hawnhekk li dak iż-żmien il-gżejjer Maltin kienu jiffurmaw djoċesi waħda. B'hekk din it-tradizzjoni daħlet ukoll f'Għawdex.

Hallejt għall-aħħar il-festa titulari. Bla dubju ta' xejn l-ibliet u l-irħula tagħna jkunu fl-aqwa tagħhom fil-ġranet tal-festi titulari. Terġa' xi wħud mill-parroċċi għandhom żewġ festi titulati bħal Ta' Kerċem (Tas-Sokkors u ta' San Girgor), Il-Qala (San Ġużepp u L-Kunċizzjoni), Il-Katidral Ta' Għawdex (Santa Marija u Sant'Ursula), Il-Belt Valletta (Ta'Portu Salvu u San Duminku) Il-Kon-Katidral tal-Belt Valletta (San Ġwann u San Pawl). Fil-festi titulari m'hemmx limitu għad-daqq ta' qniepen. Is-soltu ma' jistax isir

## Ġimgħa qabel il-festa jsir il-ħruġ tal-vara minn-niċċa.

daqq bejn id-9 p.m. u s-6 a.m. ta' l-għada filgħodu. Biss fil-Milied minħabba l-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl, f'Sibt il-Għid minħabba l-Quddiesa tal-Vġili u nhar il-festi titulari m'hemmx limitu għad-daqq.

Ġimgħa qabel il-festa jsir il-ħruġ tal-vara minn-niċċa. Fejn issir novena, iċ-ċelebrazzjoni tal-ħruġ tal-vara minn-niċċa ssir anki xi ġimgħtejn qabel. Sa minn nofsinhar jindaqqu moti bil-Kbira jew bit-Tieni, ta' qabel il-Kbira. Biex tħabbar il-bidu tal-festa. Filgħaxija mbagħad,

qabel jew wara l-quddiesa jsir il-ħruġ tal-vara minn-niċċa bid-daqq tal-qniepen kollha bil-qanpiena l-Kbira. F'xi parroċċi qabel il-ħruġ jindaqqu tlett tokki bil-qanpiena l-Kbira bħala sinjal għall-isparar tas-salut ta' 21 masklu. Mat-tokki bil-qanpiena l-Kbira fil-mota, il-vara titfaċċa fil-bieb il-kbir jew sa fuq iz-zuntier u tinħaraq musketterija mill-Każin tal-Banda. Dawn jgħinu lil tal-kamra tan-nar biex tinħaraq il-kaxxa nfernali. Mad-dħul lura ġewwa tal-vara fil-knisja il-qniepen jieqfu u kollox jerġa' lura għan-normal. F'xi parroċċi l-ħruġ isir qabel il-quddiesa tan-novena bħal f'Ħal Lija jew wara l-quddiesa bħal f'San Pawl Nawfragu l-Belt, u f'Santa Liena f'Birkirkara.

Fil-jiem tat-tridu jindaqqu l-qniepen kollha sat-Tieni ta' qabel il-Kbira. Pereżempju minn sett ta' ħamsa jindaqqu erba'. Pero' fil-Kottonera m'hemmx dit-tradizzjoni. Fl-Isla jindaqqu ħamsa minn seba' qniepen, f'Bormla jindaqqu erba' minn sitt qniepen ukoll bħal fil-Birgu San Lawrenz. Imma fil-knisja tal-Lunzjata, fil-Birgu wkoll, jindaqqu ħamsa minn sitt qniepen fit-tridu ta' San Duminku.

Anki fil-festi titulari tal-Kottonera, it-tliet Kolleġġjati għandhom tradizzjonijiet għalihom. Per eżempju fl-Isla lejliet u nhar il-festa jintużaw l-akbar erba' qniepen biss fil-kampnar tal-lemin. It-tlieta ta' l-arloġġ fil-kampnar tax-xellug ma' jindaqqux. F'Bormla l-iżgħar qanpiena ma' ddoqqx ma' l-oħrajn lanqas meta l-moti jkunu bil-Kbira. Ħafna parroċċi ma' jużawx l-iżgħar qanpiena meta l-moti jkunu bil-Kbira. Dawn huma drawwiet folkloristiċi ħelwin u rqaqat interessanti. Ta' min jikteb ukoll li għalkemm ħafna parroċċi llum imissu ma' xulxin kull waħda għandha xi ħaġa partikulari li tagħmilha speċjali minn oħra, ġara tagħha.

Wara t-tielet jum tat-tridu, nhar is-Sibt filgħodu, ssir il-Quddiesa tat-Tedew (Te Deum). Ma' l-intonazzjoni ta' dan l-Innu ta' Tifħir tindaqq mota għall-ewwel darba bil-Kbira. B'hekk jingħalqu l-festi ta' tħejjija għall-festa titulari. F'ċerti postijiet waqt it-Tedew jindaqqu wkoll il-qniepen tal-knejjes filjali ma' tal-parroċċa bħala sinjal ta' għaqda fil-parroċċa kollha kemm hi. Dan għadu jsir sa llum fil-Kottonera għax għalkemm huma tlett Parroċċi u Kolleġġjati awtonomi, il-festa titulari ta' waħda hija parti minn reġjun sħiħ. Pereżempju fit-Tedew ta' San Lawrenz jindaqqu l-qniepen tal-Kottonera kollha. L-istess isir fil-festa tal-Vitorja fl-Isla.



Il-qniepen jiddendlu ma' travi fl-erba' ħnejjiet, waħda f'kull faċċata tal-kampnar

Terġa u tgħid anki l-għada meta tkun ħierġa l-purċissjoni bil-vara titulari ta' San Lawrenz u l-Bambina, iż-żewġ Kolleġġjati jdoqqu l-qniepen tagħhom bil-Kbira bħala tislima lil Kolleġġjata l-oħra.

Il-qofol tal-festa jibda s-Sibt f'nofsinhar bid-daqq ta' l-Angelus bil-Qanpiena l-Kbira u mbagħad erba' moti bil-qniepen kollha barra ż-Żgħira f'xi parroċċi. Dawn il-moti jindaqqu biss fil-festa titulari għalkemm f'xi parroċċi jindaqqu wkoll fil-Milied , fl-Għid il-Kbir, f'Għid il-Ħamsin u f'Santa Marija ta' Awissu. Fil-festi l-oħrajn jindaqqu tlett moti jew anki mota waħda dejjem skond il-grad tal-festa li tkun.

Qabel l-Ewwel Għasar issir it-Transulazzjoni bir-relikwa tal-Qaddis/a Padrun/a. Din hija purċissjoni minn xi knisja filjali bil-fdalijiet (għadam) tal-qaddis/a lejn il-knisja li qed tiċċelebra l-festa. Dari, qabel ma' daħlet id-drawwa tal-purċissjoni bil-vara titulari, din il-purċissjoni kienet l-unika waħda li ssir waqt il-ġranet tal-festa 'l barra mill-knisja. Meta daħlet id-drawwa tal-vara wkoll, xorta din baqgħet tkun akkumpanjata bir-relikwa. Wara l-kant ta' l-Ewwel Għasar tindaqq l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Għal wara l-Barka jindaqqu erba' moti bil-Kbira. Huwa nteressanti x'jiġri wara, tard filgħaxija meta jsir il-logħob tan-nar ta' l-art, il-ġiġġifogu. Wara li tinħaraq kull raddiena, jindaqq tokk bil-Qanpiena l-Kbira. Dan ġeneralment faċli li jsir għax in-nar ta' l-art jinħaraq fil-pjazza ta' quddiem il-parroċċa. Dawn it-tokki huma l-bidu ta' mota b'żewġ tifsiriet. L-ewwel hija li l-Vġili (lejliet il-festa) issa spiċċat u għalhekk deħlin fil-festa propja. It-tieni li issa bdiet il-festa propja mal-qlib ta' nofs il-lejl. Mela n-Novena jew Tridu u l-Vġili huma kollha jiem ta' tħejjija għal festa propja u li l-festa issa bdiet. Kull ħaġa li kienu jħejju missirijietna dejjem kien ikun fiha messaġġ.

Nhar il-festa jindaqqu bil-Qanpiena l-Kbira l-ewwel tokki tal-*Pater Noster*. Fortunatament jidher li did-drawwa reġgħet daħlet f'xi parroċċi. Dari il-*Pater Noster* kien jindaqq fl-3.45 ta' filgħodu. Imma llum jindaqq aktar tard bejn il-5.30 u s-6. ta' filgħodu. Meta ma jindaqqx bil-Kbira jindaqq bit-Tieni. Ftit wara l-*Pater Noster* jindaqqu erba' moti għall-kant tal-Lawdi, it-Talba ta' Filgħodu. F'Birkirkara, fl-Imdina u fil-Belt nhar Santa Liena, San Pietru u San Pawl (l-Imnarja), u San Ġwann Battista, eżatt wara l-Lawdi tibda ħierġa l-purċissjoni bil-Quddiesa l-Kbira bil-Paneġierku kollha f'ċerimonja waħda filgħodu. Fil-parroċċi l-oħra kollha isir kollox bħal hawn fuq minbarra l-purċissjoni li ssir filgħaxija wara t-Tieni Għasar. Imma fl-Imdina, Birkirkara u l-Belt filgħaxija jkun hemm biss it-Tieni Għasar, ir-Ripożizzjoni tar-Relikwa u l-Barka Sagramentali. It-tliet lokalitajiet fuq imsemmija huma waħdanin fil-gżejjer Maltin. Dan mhux xi privileġġ imma l-mod kif isiru ċerimonji liturġiċi f'festi titulari u oħrajn ewlenin. Hekk suppost isir: Lawdi, Purċissjoini, Quddiesa, Għasar, Barka u mhux Lawdi, Quddiesa, Għasar u Purċissjoni.

Fejn il-Purċissjoni ssir filgħaxija l-qniepen jindaqqu b'erba' moti għall-Quddiesa l-Kbira biss b'tokk miżjud wara kull mota; wieħed, tnejn, tlieta, u disa' tokki wara l-aħħar mota. Mill-bidu tal-quddiesa sa wara l-Vanġelu jindaqqu tokki ta' tnaqqir bil-qanpiena l-Kbira biss biex issejjaħ lil poplu għal Paniġierku. Waqt il-Glorja tal-Quddiesa l-Kbira il-qniepen idoqqu mota ta' ferħ bħal fl-Għid il-Kbir għax il-festa hija wkoll 'L-Għid ta' l-Assunta' jew 'L-Għid ta' San Lawrenz' eċċ. Fis-Santu tal-Quddiesa (il-Qaddis) u matul il-Konsagrazzjoni jindaqqu tokki bl-akbar żewġ qniepen: Il-Kbira u t-Tieni. Ta' l-aħħar tnaqqar it-tokki u meta l-Ostja u

l-Imbid ikkonsagrati jiġu mgħollijin għal Adorazzjoni tan-nies iż-żewġ qniepen il-kbar jalternaw tokki bejniethom għal tlett darbiet. Hekk tintemm il-Liturġija ta' filgħodu.

Wara nofsinhar jindaqqu l-aħħar erba' moti għat-Tieni Għasar. Wara l-kant tas-Salmi ta' l-Għasar titkanta l-*Magnificat* (Ruħi tfaħħar lill-Mulej). Waqt dan l-innu l-qniepen idoqqu mota ferreħija bħalma ferħet Marija meta marret iżżur lil Eliżabetta.

Issa jkun jonqos biss il-Purċissjoni tal-festa. Għal ħafna dan huwa l-qofol kollu tal-Festa li huwa żball. Il-Quddiesa l-Kbira hija l-qofol tal-festa kollha kemm hi. Il-purċissjoni hija l-għeluq. Għalhekk hemm aktar messaġġ liturġiku qawwi fil-purċissjoni u l-quddiesa li jsiru filgħodu milli filgħaxija.

Wara tmiem it-Tieni Għasar jindaqqu tlett tokki bil-qanpiena l-Kbira b'sinjal tal-ħruġ tal-purċissjoni meta jitfaċċa l-istandard iż-żgħir aħmar magħruf bħala 'Tal-Vjatku' . Hawn parroċċi li flok tlett tokki tibda mota mill-ewwel bil-qanpiena l-Kbira flok biż-Żgħira. Pereżempju hekk isir, f'Ħal Luqa, fiż-Żurrieq, u fl-Imqabba. F'postijiet oħra, wara tlett tokki tibda mota twila ħafna tul il-purċissjoni kollha. Dan isir f'Birkirkara, Ħal Balzan, Ħal Lija, u n-Naxxar. F'Birkirkara wara tlett tokki bil-Kbira tibda l-mota biż-Żgħira. Imma malli tasal biex tindaqq il-Kbira, iż-Żgħira tieqaf. F'Birkirkara wkoll hemm id-drawwa li l-qanpiena l-Kbira tibda ddoqq l-ewwel tokki tagħha fil-mota malli l-istatwa ta' Santa Liena titfaċċa fil-bieb il-kbir tal-Bażilika fit-8 ta' filgħodu. Dan ikun ukoll sinjal biex tingħata l-kaxxa nfernali tal-ħruġ. Fatt kurjuż huwa li l-parroċċi ta' Għawdex tul il-purċissjoni titulari tindaqq biss il-qanpiena l-Kbira. Mota b'qanpiena waħda li m'hi mota xejn imma monologu kampanoloġiku. Sa fejn naf jien dan imkien ma jsir f'Malta. Jeżistu parroċċi oħra fejn tindaqq biss mota tal-ħruġ għal madwar siegħa mbagħad il-qniepen jieqfu. Malli mbagħad il-purċissjoni titfaċċa f'tarf il-pjazza tard filgħaxija, tibda l-mota tal-wasla , mota ta' merħba lil qaddis/a u lir-relikwa tiegħu/tagħha. Waqt il-kant ta' l-Innu ta' Tifħir lil Qaddis akkumpanjat minn Banda mistiedna, il-qniepen jieqfu. Malli jispiċċa l-Innu il-qniepen jindaqqu kollha f'daqqa u tibda wkoll kaxxa nfernali tal-kulur għax issa jkun dalam sewwa.

Ħafna rħula jġibu nies apposta, daqqaqa tal-qniepen sa minn lejliet il-festa f'nofsinhar sal-Barka ta' wara l-purċissjoni biex jieħdu ħsieb kollox huma f'dak li għandu x'jaqsam ma' daqq tal-qniepen matul lejliet u nhar il-festa. Dan isir bi ħlas mill-fondi tal-parroċċa stess. Niftakar ukoll fi tfuliti fil-bidu tal-ħamsinijiet li kienet tindaqq mota ta' l-aħħar 'Mota ta' Ringrazzjament' lil Alla li l-festa għaddiet b'wiċċ il-ġid u ma' korra ħadd.

Hekk kienet tagħlaq il-Festa Titulari li allaħares kellha tkun bla qniepen għax tkun monotona għall-aħħar. Bħalma l-Ewkaristija hija l-ħajja tal-Knisja fuq ġewwa, il-qniepen huma l-istess ħajja fuq barra, dawk li jgħaqqdu 'l bniedem ma' Alla.

Dawn kienu xi ftit ħsibijiet li xtaqt naqsam magħkom il-qarrejja ħsibijiet dwar taħlita ta' Folklor, Tradizzjoni u Drawwiet missirijietna. Xi wħud minnhom għaddejt minnhom jien stess, qalithomli ommi meta kont għadni tifel jew is-sagristan tal-knisja fejn kont abbati u għalhekk, għall-inqas għalija, għandhom valur doppju. Qed ninqeda bil-kitba biex tagħrif bħal dan minn ras il-għajn ma' jintilifx. Fi żmienna dawn it-Tradizzjonijiet qegħdin jintilfu u jiġu mirbuħa mill-era Elettronika u Teknoloġika.

BIBLJOGRAFIJA QASIRA:

Kummissjooni Liturġika Maltija, Missalin tal-Ħdud u l-Festi Sena B, Malta, 1979, p. 204.

Joseph Goggi, Qniepen F'Malta u Għawdex u F'Pajjiżi Oħra, Malta, 2003, p. xi-xiii.

The Malta Year Book, Malta, 1993, pp. 447-454

The Malta Year Book, Malta, 1997, pp. 433-439

Fundazzjoni Patrimonju Malti, Treasures Of Malta, Vol. IV, no.1, Malta, 1992, pp. 61-64 Artiklu bit-titlu 'Antique Maltese Clocks.'

# Il-MADONNA TAĊ-ĊIĊRI U T-TIFTIX GĦALL-ILMA

Ġużi Gatt

Fir-raħal taż-Żebbuġ, Għawdex, fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja parrokjali ta' Santa Marija, għandek issib triq twila li jisimha 'Triq il-Madonna taċ-Ċiċri'. Iż-Żebbuġin kollha jafu il-għala t-triq jisimha hekk. F'din it-triq, ftit 'l isfel mill-knisja, hemm dar b'niċċa tal-Madonna fuq il-bieb. In-niċċa kien bniha, snin ilu, sid id-dar, li kienu jgħidulu 'ċ-Ċiċra' jew 'taċ-Ċiċri', u n-niċċa ħadet ukoll l-istess laqam. Ir-raġuni għala ċ-Ċiċra kien bena n-niċċa hi magħrufa wkoll: għax kien ħaffer fil-blat fil-ġnien ta' wara d-dar tiegħu u sab l-ilma, kif xtaq hu. Allura għamel in-niċċa b'ringrazzjament lil-Madonna.

Kif għidna, din l-istorja hi diġa magħrufa, u x'aktarx li din il-kitba ma kinetx tinkiteb li kieku jien, kull darba li nitla' s'Għawdex, ma nħobbx immur infittex lil Piju Borg, ir-Regettier, li għandu l-ħanut ta' l-antikitajiet li hemm fi Pjazza Savina, wara t-Tokk, ir-Rabat t'Għawdex. Piju hu għajn ta' tagħrif folkloristiku.

Xi żmien ilu, Piju qalli din l-istorja: "Dari kien hemm wieħed, ma nafx x'jismu u






In-niċċa tal-Madonna taċ-Ċiċri

lanqas ta' min kienu jgħidulu, imma naf li kien min-Nadur t'Għawdex. Il-bdiewa kienu jafu bih u spiss kienu jfittxuh, jaqilgħuh minn daru, u jieħduh fir-raba' tagħhom. Kien ineħħi l-qorq minn saqajh, jinża' ħafi u joqgħod wieqaf fuq xi blata mikxufa, x'imkien fejn ma jkunx mgħotti bil-ħamrija. Kien jieqaf jaħseb ftit, imbagħad kien jagħti l-verdett tiegħu. Kien jgħid: "Tistaqsunix f'kemm fond, imma jekk tħaffru hawn, issibu l-ilma."

Skond Piju Borg, kien dan ir-raġel min-Nadur li qal lil sid id-dar fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri li jekk iħaffer fil-ġnien tiegħu għandu jsib l-ilma. "Sid id-dar ħa dil-biċċa bis-serjeta u beda jħaffer. Issa r-raħal taż-Żebbuġ hu mibni fuq għamla ta' blat iebes ħafna. Hawn min laqqmu "irħam ta' Malta". Il-knisja tar-raħal hi miksija bih fuq in-naħa ta' ġewwa tagħha. Jekk tibda tagħti fuqu bil-baqqun, jibda jtir ix-xrar, u l-art terġa' tobżoqlok il-baqqun għall-wiċċek." Meta raw lil sid id-dar iħaffer, il-ġirien liemuh. Qalulu li ma kienx jaf x'qed jagħmel u li l-blat kien iebes wisq u ma kienx se jasal. Sid id-dar webbes rasu u baqa' jagħti bil-baqqun, anke fost it-tegħmis u l-botti tal-ġirien. Imma biex ikun iktar ċert, talab l-għajnuna tas-sema. Għamel wegħda u daħħal lill-Madonna fil-kustjoni! Meta fl-aħħar mill-aħħar l-ilma sabu, lill-Madonna għamlilha n-niċċa li kien wegħda. "Illum tista' tgħid li n-nies kollha tat-triq għandhom spiera li minnha jtellgħu ilma tajjeb. Imma kollox kien bis-saħħa ta' dak li ħaffer l-ewwel wieħed."

Piju Borg insista miegħi li dan ir-raġel min-Nadur li kien "iħoss" l-ilma kien jeżisti tassew u li kien jisma' 'l missieru jsemmih. Peress li n-niċċa tal-Modonna taċ-Ċiċri ġġib id-data ta' l-1795, iktar minn mitejn sena ilu, jidħollok ftit tad-dubju kemm il-memorja popolari tista' tmur lura daqshekk il-bogħod mingħajr ma jibdew jinbtu l-leġġendi. Imma Piju ma kienx l-uniku wieħed li jiftakar jew jaf b'nies li jħossu l-ilma.

## Titkellem xejn ma' ħadd

Salvu Grixti, minn Ħ'Attard qalli li missieru kien isemmi wieħed patri li l-bdiewa kienu wkoll jaqilgħuh biex isibilhom l-ilma. Salvu qalli li qabel ma jaċċetta li jmur, dan il-patri kien "jorbtok bil-kelma li ma titkellem xejn ma' ħadd". Ħaġa bħal din tagħtik x'tifhem li l-patri ma kienx joqgħod fuq l-għarfien xjentifiku li kellu hu fuq il-ġeoloġija u s-saffi tal-blat imma li kien sempliċement "iħoss" l-ilma u forsi kien jidhirlu li l-knisja tista' tħares bl-ikrah lejn ħaġa bħal din u tqisha bħala xi seħer.

Spiru Callus 'Iċ-Ċavier' mis-Siġġiewi u Saver Sultana mix-Xagħra Għawdex, it-tnejn kienu semgħu b'nies li jħossu l-ilma u t-tnejn spjegawli l-biċċa kif issir:

"Taqta' għasluġ minn siġra tal-ħawħ (jew minn siġra msejħa Safsafa). Minn tarf wieħed taqsam l-għasluġ fi tnejn minn tulu, imma mhux it-tul kollu; l-aħħar xiber jew



tnejn tħalli l-għasluġ sħiħ biex ikun jista' jinfetaħ fl-għamla ta' l-ittra "Y". Tgħolli l-qmis u tikxef żaqqek fuq il-laħam, u tqiegħed it-tarf il-maqsum ta' l-għasluġ, maqsum fi tnejn, ma' ġenbejk, biċċa fuq naħa u biċċa fuq in-naħa l-oħra. It-tarf is-sħiħ ikun qiegħed dritt quddiemek. Timxi fuq il-blat fejn taħseb li hemm l-ilma, (mhux it-tnejn insistew li trid timxi bilfors ħafi), u jekk ilma jkun hemm, l-għasluġ jogħla 'l fuq u jitla' lejn wiċċek."

Bil-kelma 'għasluġ' iż-żewġ sinjuri kienu jifhmu zokk maqtugħ minn siġra ħajja u allura zokk li jkun għadu aħdar u tari minn ġewwa.

Dawk bħali li jħobbu d-dokumentarji fuq it-TV żgur li xi darba raw nies li jfittxu l-ilma, jekk mhux b'għasluġ, b'xi virgi tal-ħadid, waħda f'kull id. Meta l-individwu jgħaddi minn fuq xi blat li taħtu jkun hemm l-ilma, il-virgi jiċċaqalqu minn naħa għal oħra.

Ix-xjenza ma temminx b'dan il-fenomenu, imma fl-istess ħin, ħafna pajjiżi u kulturi differenti jemmnu li hawn nies li kapaċi jħossu l-ilma. Bl-Ingliż dan il-fenomenu jissejjaħ *dowsing* jew *water witching*, u nissuspetta li xi ftit mit-tagħrif fuq dan is-suġġett wasal għand il-bdiewa Maltin m'għand xi emigranti fl-Awstralja. Imma il-prinċipju fih innifsu hu qadim ferm.

## Malta ta' l-imgħoddi

Sa mill-qedem, il-bniedem ħabrek mhux biss biex irieġi l-ilma tax-xita li jiġri fil-widien, fuq wiċċ il-blat, u saħansitra dak li jaqa' fuq il-bjut ta' daru u jsewqu għal ġol-bjar u l-ġwiebi, imma ħabrek wkoll biex jerfa' l-ilma li jkun hemm maħżun fil-blat taħt l-art u jużah għax-xorb u t-tisqija tar-raba'. Jista' jkun li fl-imgħoddi mbiegħed, Malta ma kinetx tkun abitabbli li ma kienx għall-ilma maħżun fis-saffi tal-blat. Tajjeb, mela, li wieħed ikun jaf fuq is-saffi tal-blat.

Kull min jaħdem fil-barrieri jew li dari kien ibaqqan fit-trinek jew iħaffer l-bjar jaf li l-blat 'kull xiber iqalleb'. Filli qed tħaffer fl-artab, u filli ssib il-qawwi. M'hix ħaġa ħafifa li tikklassifika l-għamliet tal-blat. Imma tul dawn l-aħħar mitejn sena, l-istudju tal-ġeoloġija wasal fi qbil li Malta hi magħmula minn ħames saffi ta' blat differenti.

Is-saff ta' fuqnett jissejjaħ IL-QAWWI TA' FUQ. Das-saff hu blat iebes imma għandu l-pori tiegħu ħoxnin b'mod li l-ilma jgħaddi minnu bla tbatija. Taħtu hemm is-saff li jissejjaħ IL-ĠEBLA S-SAFRA jew TAR-RINA. Dan mhux xi saff oħxon u rari biex f'Malta u Għawdex issibu aktar minn metru għoli. L-ilma lanqas minn dan is-saff ma jibża'. Jgħaddi minnu bla tbatija. Imma meta jasal sat-tielet saff ta' blat, l-ilma isib bużillis. It-tielet saff hu s-saff tat-TAFAL. Mit-tafal, l-ilma ma jgħaddix, allura jiżżerżaq u jiġri fuqu sakemm fl-aħħar, jekk isib minn fejn, jerġa' jnixxi 'l barra għall-arja f'NIXXIEGĦA li ġġelben mal-ġnub tal-widien. L-ilma tan-nixxiegħat u l-għejun, u dak li jiġri taħt l-art jissiejjaħ ILMA ĠIERI.

F'Malta mhux kullimkien issib il-ħames saffi tal-blat kollha fuq xulxin. Biex naqtgħu linja dritta, mir-Rabat ta' Malta (bejn wieħed u ieħor) 'l isfel lejn Marsaxlokk, l-ewwel tliet saffi li semmejna; il-qawwi ta' fuq, ir-rina, u t-tafal, kollha ttieklu mill-elementi fuq medda ta' eluf kbar ta' snin. F'dawn il-postijiet, fil-wiċċ insibu IL-GLOBIĠERINA. Il-famuża 'franka' li minna nibnu l-bini tagħna, hi parti mis-saff tal-globiġerina (ara d-disinn aktar iddettaljat fil-paġna li jmiss).

Taħt il-globiġerina insibu l-aħħar saff: IŻ-ŻONQOR jew IL-QAWWI TA' TAĦT.

Imma ejja nikkonċentraw fuq l-ewwel tliet saffi: mill-qawwi ta' fuq, sat-tafal. Peress li mit-tafal l-ilma ma jgħaddix, iż-żewġ saffi ta' fuqu jsiru qishom sponża mxarrba. Il-bdiewa jagħmlu użu minn dan l-ilma maqbud fil-blat billi jħaffru spiera. Bil-mezzi moderni ta' żmienna tista' tħaffer f'kemm trodd salib. Dari kont trid tħaffer bil-baqqun, u kont trib tkun taf is-sengħa ta' kif tisraq l-ilma mill-blat.






Spiera tkun magħmula min toqba tonda mħaffra 'l isfel fil-blat. It-toqba tkun wiesgħa biżżejjed li jkun jista' jgħaddi bniedem minnha, imma fl-istess ħin dejqa biżżejjed biex bniedem jista' jinżel fiha billi jqabbad sieq waħda ġo toqba li tkun imħaffra fil-ġenb fuq naħa, u s-sieq l-oħra ġo toqba oħra mħaffra fuq il-ġenb l-ieħor. Dawn it-toqob jissejħu MQÂBAD u jkun mgħawrin 'l isfel, f'għamla ta' ħawt żgħir, biex ikollhom ħanek ma' fejn wieħed jista' jiggranfa. Malli l-ħofra tasal fil-fond biżżejjed; jekk jista' jkun sakemm jinstab it-tafal, titħaffer MINA, jew tnejn jew tlieta. Il-ħsieb ikun li l-ilma maqbud ġol-blat ikun jista' joqtor, bil-mod il-mod, ġol-mina. Itwal ma tkun il-mina, jew aktar ma tħaffer mini, iktar aħjar, għax l-ilma jkollu firxa akbar minn fejn joqtor. B'hekk, il-mina tkun saret QATTARA, bl-ilma joqtor mis-saqaf u mill-ġnub tagħha. Isfelnett, bi dritt il-bokka, titħaffer ħofra li tissejjaħ IL-MAĦŻNA jew IL-ĦAŻNA. Peress li l-art tal-mina titħaffer bil-pindil; jiġifieri titħaffer ftit imżerżqa, l-ilma li joqtor jiżżerżaq u jiġri 'l isfel għall ġol-maħżna. Minn ġol-maħżna l-ilma jittella' 'l fuq bħalma jittella' l-ilma minn ġo xi bir.

Mhux ċar il-kelma 'spiera' minn fejn hi ġejja. X'aktarx li hi kelma barranija li ħadet post kelma eqdem u aktar Maltija. Din il-kelma eqdem u aktar Maltija hi l-kelma QANA. (Il-kelma 'qana' għandha tingħad b'vokali qosra, biex taqbel mal-kelma 'mara' , jew 'dara', MHUX bl-ewwel vokali twila bħal fil-kelma 'vara' jew 'ħmara'. Dan jgħodd ukoll għall-isem tal-post magħruf bħala 'Buqana'.)

Dari, il-kelma 'qana' tant kienet importanti li hi waħda mill-ftit kliem bil-Malti li l-Professur Godfrey Wettinger sab imniżżla f'manuskritti medjevali fl-arkivji ta' Malta u ta' Sqallija. Il-manuskritti jkunu miktuba bl-Isqalli jew bit-Taljan jew bil-Latin; imma l-kittieb xi kultant kien isib ċerta diffikulta` biex ifisser ruħu u kien iniżżel il-kelma kif tinħass fil-Malti. (1) Din il-kelma tissemma wkoll fil-ktieb ta' Gian Francesco Abela "Della Descrittione di Malta" meta tkellem fuq il-bini ta' l-akwidott ta' Wignacourt. F'paġna 111 insibu miktub ". . . cana, o` *mina nella rocca*". (2) In-nisel ta' dil-kelma hu qadim ħafna. Imur lura mill-inqas 3000 sena u, m'għandniex xi ngħidu, il-kelma ma ġietx ivvintata f'Malta.

Li kellu wieħed jaqbad ajruplan u jtir fuq dak il-pajjiż li llum insejħulu 'l-Iran' imma li dari kien magħruf bħala 'l-Persja',

malajr junduna kemm il-klima ta' dan il-pajjiż hi xotta. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiż ma tagħmilx iktar minn 15 sa 25 centimetru xita. Partijiet oħra tad-dinja fejn ix-xita hi daqshekk skarsa, bħal ngħidu aħna il-ġewwieni ta' l-Awstralja, issibhom niexfa qoxqox u nieqsin minn kull ħjiel ta' biedja. Imma l-Iran mhux biss ikabbar l-ikel li għandu bżonn, imma jsiefer il-qoton, il-frott imqadded u ż-żrieragħ tiegħu lejn pajjiżi oħra. Dan kollu bis-saħħa tas-sejba tal-prinċipju ta' kif taħdem il-qana. (3)

tagħhom fil-majjistral ta' l-Iran tal-lum. Dan ġara, m'għandniex xi ngħidu, wara li Sarqun kien ħabat għalihom u għelibhom. Qana li bena ibnu Sennakarib (705 - 681 qabel Kristu) għadha sal-lum twassal l-ilma lill-belt ta' Irbil. (4)

Ġie żmien meta l-influwenza tal-Persja kienet tasal sa l-Indja fuq in-naħa tal-Punent, u san-Nil, l-Eġittu, fuq in-naħa tal-Lvant. Bejn is-snin 550 u 331 q.K. il-mexxejja Persjani kienu jagħtu l-waħda, u mill-Persja, sa l-Afganistan, tul dik li hi magħrufa bħala l-mogħdija tal-ħarir (*silk road*) fl-Asja Ċentrali, u t-Turkistan li llum hu parti miċ-Ċina. Meta r-Rumani saru l-werrieta ta' ħafna minn dawn il-postijiet, it-tħaffir tal-qwieni kompla, imma l-istudjużi ftit għandhom dubju li biex it-tagħrif wasal u qabad fis-sod akter lejna fl-Afrika ta' Fuq, fi Spanja, u fi Sqallija (u allura probabbli li anke f'Malta), kellna nistennew sa żmien l-Għarab, li wasslu din it-




Spiera mħaffra bil-mod tradizzjonali

L-għarfien ta' min kienu dawk li ħaffru l-ewwel qwieni nagħfuh lil kitba qadima minquxa fuq l-amar ta' Sarqun (Sargon) it-Tieni, is-Sultan tal-Babilonja, li fiha s-sultan ftaħar li kien seraq is-sigriet ta' kif tieħu l-ilma mill-blat m'għand in-nies ta' Ururtu, li kellhom l-art

inċentiv li min iħaffer qana jkun jista' jgawdi l-qligħ ta' xogħolu għal ħames ġenerazzjonijiet sħaħ. Bis-saħħa ta' dan l-inċentiv nibtu eluf ta' irħula ġodda u tħaffru qwieni mill-Mesopotamja, sax-xtut tal-Mediterran tal-Lvant u n-naħat ta' fuq u t'isfel ta' l-Eġittu fuq naħa teknoloġija sal-belt ta' Madrid fi Spanja. Maż-żmien, il-qana qasmet l-Atlantiku u waslet sal-pajjiżi ta' l-Amerka t'Isfel.

Imma kif taħdem il-qana? L-istess bħal fil-każ ta' l-ispiera, l-ewwel trid tħaffer toqba tonda 'l isfel fil-blat

sakemm issib il-ħażna ta' l-ilma li jkun nixxa' fil-blat. Il-mina, li minn issa 'l quddiem nistgħu insejħula il-QATTARA, din id-darba titħaffer b'mod li tibqa' sejra, miexja, miexja, sakemm fl-aħħar tinfed il-blat u tfiġġ għall-arja fil-ġenb ta' xi wied. Peress li l-qattara għandha mnejn tkun twila mhux ħażin, titħaffer iktar minn toqba waħda li tagħti 'l fuq għall-arja. Dan isir kemm biex il-mina timtela bl-arja u min iħaffirha ma jmutx fgat, u wkoll biex il-ħaddiema jkunu jistgħu itellgħu it-terrapien u l-laqx li jinqala' waqt li jkunu jħaffru. F'tarf il-mina, jiġifieri fil-post fejn l-qattara tinfed il-blat u ssib id-dawl tax-xemx, jitqiegħed xi ħawt biex jimtela bl-ilma u l-qana sservi ta' għajn li minnha jixorbu n-nies u l-bhejjem. Jew inkella tista' tinbena sistema ta' swieqi jew kanali li minnhom jiġri l-ilma biex isaqqi r-raba' ta' madwar, li l-biċċa l-kbira jkun imtarraġ 'l isfel. Sistema ta' tisqija bħal din tissejjaħ SAQQAJJA. Dari, qwieni bħal dawn kienu komuni ħafna fir-raba' ta' madwar l-Imdina, ir-Rabat, Ħad-Dingli, u wieħed għadu jista' jarahom, speċjalment f'Wied ir-Rum fejn hemm ħafna ġonna b'ismijiet bħal 'Il-Qattara', 'Ta' Baldu', Tas-Simblija', eċċ.

Taħt is-swar tal-belt il-qadima ta' Malta, jiġifieri l-Imdina, hemm qana imħaffra fil-blat, sewwa sew fir-rokna li tħares lejn ix-Xlokk. Malta kollha taf li t-telgħa li hemm fuq dik ix-xaqliba tar-Rabat tissejjaħ 'it-telgħa tas-saqqajja'. Taħt is-swar tal-belt il-qadima t'Għawdex, jiġifieri dik li llum nsejjħula ċ-Ċittadella, hemm qana oħra, tħares ukoll lejn ix-Xlokk. Il-ħruġ tal-qana qiegħed fil-foss li jintuża bħala *car park*. (5) Fil-każ tal-qana ta' taħt iċ-Ċittadella, xi impjegati fiċ-ċentru tas-snajja' li hemm fi Triq Bieb l-Mdina qaluli li taħt iċ-ċangaturi li jiksu t-triq, sewwa sew taħt il-koxxa x-xellugija tal-bieb ta' l-uffiċċju tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-ilma, hemm toqba fonda li tibqa' nieżla sal-qana. Dan x'aktarx li hu wieħed min-'nifsijiet' li kien jitħaffru waqt li jkun għaddej ix-xogħol fuq il-qana. Minflok jintradmu, qwieni bħal dawn għandhom jiġu esplorati u studjati għat-tagħrif storiku li jistgħu jagħtu. Ngħidu aħna, x'aktarx li mhux b'kumbinazzjoni li kemm il-qana ta' taħt l-Imdina u kemm l-oħra ta' taħt Iċ-Ċittadella jħarsu lejn ix-Xlokk. (6)




Tista' tħaffer spiera biex issib l-ilma imma fil-fatt ma ssib xejn; jew inkella issib 'vina tax-xabgħa'. Dan ikun ifisser li aktar ma jersaq is-sajf, l-ilma aktar jonqos, sakemm jasal li jispiċċa għal kollox. L-ilma jerġa' jibda ġej fix-xitwa, għax tkun qed tieħu mill-ilma li jifdal wara li l-ħamrija tkun infaqgħet u l-art tkun xorbot dak li għandha tixrob mill-ilma tax-xita. Imma hawn ħafna spieri u qwieni oħra fejn l-ilma 'ma jispiċċa qatt'. Waqt li kont għaddej bil-ġbir tat-tagħrif għal din il-kitba, smajt aktar minn bniedem wieħed li esprima miegħi l-fehma li "la darba dan l-ilma ma jispiċċa qatt, bilfors li ġej minn barra minn Malta!" Din illum tinħass bħala fehma redikola, u fil-fatt hekk hi, imma kien hemm żmien meta din kienet il-fehma anke ta' l-aqwa esperti ta' żmienhom. Isimgħu din l-istorja:

Fi żmien l-Ingliżi, sewwa sew tul it-tmexxija tal-Gvernatur Sir William Reid, bil-popolazzjoni ta' Malta dejjem tiżdied, il-Gvern kien iddiskuta ma' l-inġiniera ta' dak iż-żmien

fuq kif tista' tiżdied ukoll il-provista ta' l-ilma f'Malta. Fis-sena 1854, il-*Literary and Scientific Institute of Malta* nieda konkors ta' *essays* fuq is-suġġett: *The Water Supply of Malta.* Il-premju intrebaħ minn essay li kitibha Dr. Nicola Zammit mis-Siġġiewi. Dr. Zammit irraġuna li ħafna mill-ilma tax-xita li tinżel jispiċċa biex jintilef, u parti żgħira biss minn wiċċ l-art ta' Malta u Għawdex jirnexxiela tixrob biżżejjed ilma biex dan jispiċċa maħżun taħt l-art. Dr. Zammit ikkalkula li dan l-art ma kienx fiha aktar minn tmien mili u nofs kwadri. Il-medja ta' xita li tinżel kull sena, dejjem skond Dr. Zammit, kienet ta' 15-il pulzier. Allura l-ammont ta' ilma li l-art setgħet tixrob kien ta' 468,637,519-il gallun. Imma dak iż-żmien Malta kienet qed tiġbed 699,799,200 gallun ilma minn taħt l-art. Mela allura, irraġuna Dr. Zammit, bilfors li ħafna minn dak l-ilma ġej minn barra minn Malta. Il-kumitat maħtur mill-*Literary and Scientific Institute of Malta*, magħmul minn, fost l-oħrajn, il-Kurunell Whitworth u Mr. W. Stratton Whitaker, deher li qabel ma' dan l-irraġunar, u ta l-premju lil Dr. Nicola Zammit.

Mal-medda taż-żmien, b'għarfien aħjar tal-ġeoloġija u bi strumenti u metodi ta' kejl li dejjem jitjiebu, kien ħareġ li l-kalkoli ta' Dr. Zammit kienu ħżiena. Fl-1931, Sir Temi Zammit ippubblika studju li wera li l-medja tax-xita f'Malta kienet ta' 25 u mhux 15-il pulzier, u li l-medda tal-art li setgħet taħżen l-ilma kienet ta' 70 mil kwadru u mhux 8 mili u nofs. (7)

*Disinn li juri kif tkun QANA: Qana bħal din tinsab, taħt il-qortin ta' Għajn Żejtuna; post li hu magħruf ukoll bħala 'Taħt il-Palma', l-Għadira. Jekk tgħaddi minn quddiem il-boathouses ta' l-Għadira u tibqa' miexi mal-mogħdija li tieħdok fil-ftit raba' maħdum li għad baqa' dik in-naħa, malajr tibda tara l-għadajjar u t-tajn. Jekk issegwi l-miġra ta' l-ilma għandek issib il-ħruġ tal-qana, u wkoll il-ħwat u s-swieqi li flimkien jiffurmaw is-saqqaja; sistema ta' tisqija li ssaqqi r-raba' li jkun 'l isfel mill-ħruġ tal-qana. Fuq il-qortin, imbagħad, għandek issib il-bokok ta' mill-inqas tliet nifsijiet, imbegħdin mhux ħażin minn xulxin; fatt li juri li l-mina jew il-qattara hi twila sew.*




(1) Godfrey Wettinger, *Kliem Malti Qadim fl-Arkivji ta' Malta u Sqallija Medjevali*, taħdita li ngħatat bħala "Il-Konferenza Ġuże' Galea 2003" fl-Universita' ta' Malta. Waqt il-konferenza ingħata wkoll fuljett li fih lista ta' kliem Malti misjub f'dokumenti Medjevali miktuba b'lingwi oħra.

(2) Gian Francesco Abela, *Della Descrittione di Malta*, Malta, 1647, pġ. 111

(3) Fuq dan is-suġġett ara Goblot, H. *Le probleme de l'eau en Iran*, li ġie ppubblikat fl-*Orient, xxiii* (1962), imbagħad maqlub għall-Ingliż f' *The economic history of Iran 1800-1914*, ed. C. Issawi.

(4) Laessoe, J., Reflections on modern and ancient oriental waterworks fil-Journal of Cuniform Studies, vii (1953), pġ. 5-26

(5) Ara t-teżi ta' l-M.A. *Medieval and Early Modern Cave-Settlemts and Water galleries in North-West Malta South of the Great Fault: a Field Survey and Gazetteer*, ta' Keith Buhagiar, 2002.

(6) Jekk mill-Imdina tiġbed lejn ix-Xlokk, tispiċċa fil-port ta' Marsaxlokk. Jekk tibqa' sejjer u taqsam il-baħar, tasal l-Eġittu. Jekk ifettillek tkompli miexi, taqsam il-Baħar l-Aħmar, u fl-aħħar għandek tasal Mekka.

(7) Sir Temi Zammit, *The Water Supply of the Maltese Islands*, Malta, l-Istamperija tal-Gvern, 1931.

# TALB, BRAJBU U KLIEM IR-RIQI MIĠBURA MINN FOMM IL-POPLU

GUIDO LANFRANCO

Ġbart diversi talb, għajdut, taqbiliet orali u għana li għadhom magħrufin fost il-poplu tas-seklu għoxrin. Minbarra dak li ġbart minn fost individwi u familji li kont naf jew sirt naf, kelli ħafna okkażjonijiet li nagħmel programmi folkloristiċi fuq il-mezzi tax-xandir u fejn stajt orjentajt is-suġġett biex inħajjar lis-semmiegħa jgħidu dak li jafu u jiftakru permezz tal-*phone-ins*. Dawn irrekordjajthom u ttraskrivejthom bil-fehma li nippubblikahom. F' *"L-Imnara"* , l-perjodiku maħruġ mill-Għaqda Maltija tal-Folklor, ġa ppubblikajt xi ħaġa minn dan il-folklor orali li ġbart jien. Dawn kienu: Eżempju wieħed ta' riqi kontra l-qarnita (1980); taqbiliet popolari u talba (1988); 3 talbiet antiki u 67 *quatraine* ta' għana (1992); 72 *quatraine* oħra (1993); 24 għanja, għanja tal-ballata, 2 għanjiet ta' żmien il-gwerra u 3 talbiet antiki (1996); 6 taqbiliet tat-tfal (1997); 7 għanjiet u 12-il makkjetta kollha bil-mużika magħhom (1998); 37 għanja oħra (1999) u l-għanja tal-ballata tal-1996 f'artiklu dwar is-soqfa (2003).

F'din il-ġabra qed nagħżel (i) TALB, għażla żgħira għal diversi okkażjonijiet. (ii) BRAJBU popolari li kienu jħobbu jgħidu ta' qabilna. Fih kien jingħad kliem jirreferi għall-ħajja jew għall-Kruċifissjoni ta' Kristu, aktarx bi kliem bħallikieku qed jingħad mill-Madonna. Il-brajbu kien bosta drabi jingħad tliet darbiet kuljum, jiġifieri filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija, għalhekk kemm-il darba kien jingħad bħala talba ta' filgħaxija qabel l-irqad, tant li xi drabi jdaħħlu fih kliem minn talb iqsar ta' qabel l-irqad. (iii) Eżempji ta' RIQI jew SKUNĠRAR li kien isir permezz ta' tbaħħir jew involviment ta' oġġetti jew amuleti li bihom wieħed jaħseb li jista' jelimina deni jew ħsara immaġinarja u superstizzjuża (bħal l-hekk imsejħa għajn ħażina) u mard, bi kliem misterjuż, u ċerimonji bosta drabi magħġunin ma' ismijiet ta' qaddisin. Din l-għażla għandha tkun ta' siwi għal min jistudja d-devozzjonijiet, twemmin u kliem popolari antiki . Billi dawn jingħadu u jinstemgħu minn ġenerazzjoni għal oħra bla ma jinkitbu bilfors li jkollhom ħafna varjanti, għalkemm fuq l-istess tema, u jvarjaw sewwa minn distrett għal ieħor kif spiss jidher fl-għażla ta' qaddisin imsemmija, kif ukoll jitwalu jew jiqsaru skond il-memorja jew l-immaġinazzjoni ta' l-individwi li jgħiduhom, xi drabi bi bċejjeċ li mhux dejjem jagħmlu sens.

*TALB* (i) Wara viżta fil-knisja.

*Mara, 11-V-1993:*

Ġesu' se mmur se nħallik
mgħandix x'intik;
Intik dak li wegħedtek
Bi dnubieti ma nżidx noffendik.(*)
Ġesu' se mmur se nħallik,
Mhux għax xbajt mill-orazzjoni,
Inħalli qalbi fuq l-artal
Biex dejjem tadurak.
Ikun magħruf, adurat, Ġesu',
Fis-Santissmu Sagrament ta' l-artal

*(*) Mara oħra, 25-V-1993. Qalet l-ewwel żewġ linji biss.*

*Mara, 25-V-1993:*

Ġesu' se mmur u se nħallik.
M'għandix x'intik,
Ntik qalbi u ġismi.
Nħallihomlok fuq il-mejda tat-tqarbin

*Mara, 1-VI-1993:*

Ġesu' se mmur u nparti minnek / Mhux għax qalbi xebgħet minnek
Sinjura omm tiegħi, / Ħu ħsiebi bħala ħaġa kollha tiegħek.
Noffrilek idejja, lsieni, fommi, ġismi kollu,
Ħarisni u assistini minn dan il-periklu li ninsab fih.
O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa
Aqlalna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija.

*Mara, 1-VI-1993:*

Ġesu' sejra mmur f'dari
Qabel xejn irrid inselli.
Xtaqt li jien noqgħod ftit miegħek
Kieku żmien jien seta' kelli.

'Ma Ġesu' int tista' kollox
Tista' tiġi miegħi d-dar;
Immela agħmel Inti,
Nagħtik qalbi b'altar.

*TALB* (ii) Għal wara t-tqarbin.

*Mara, 25-V-1993; Ommha kellha aktar minn disgħin sena meta kienet għadha tgħidha:*

Ruħ tiegħi, x'jonqsok aktar din l-għodwa ladarba ġie iżurek Alla? Hu ġie biex jħennik u jgħanik u jkun għalik rahan għall-ħajja ta' dejjem.

*TALB* (iii) Viżti fil-knisja.

*Mara, 25-V-1993; Kienet tgħidhielhom waħda xiħa antika:*

O Ġesu' ġibtlek dil-warda
Għadha ġejja mill-qasrija,
Magħha ruħi jien noffrilek
Tadurak fl-Ewkarestija.
X'ħin il-lejla nerġa' niġi
Biex neħodha miegħi id-dar,
Flokha qalbi inħallilek
Tadurak fuq dan l-altar.

*TALB* (iv) Viżta tax-xewqa.

*Mara 1-VI-1993; Din it-talba għallmuhielha bil-fomm u mhux mill-kotba, u qalet li jgħiduha speċjalment meta jgħaddu minn quddiem knisja magħluqa jew jekk jistenbħu bil-lejl:*

O Ġesu' Sagramentat / Kemm nixtieq li ninvistak / Min kulħadd abbandunat.

*TALB* (v) Fis-sawma tas-7 bukkuni u l-Ġimgħa l-Kbira

*Mara, 1-VI-1993:*

Metas konna nagħmlu s-sawma tas-seba' bukkuni, (*) meta konna żgħar, konna ngħidu:

O Marija Omm id-Duluri
Imbikkija bla ma turi,
Tara 'l Ibnek mislub
Biex tarana mingħajr dnub.

*(*) Is-sawma tas- seba' bukkuni kienet issir billi nhar il-Ġimgħa tad-Duluri qabel il-Ġimgħa Mqaddsa, bosta tfal, sa ftit żmien wara t-tieni gwerra u wkoll kbar, bħala sagrifiċċu kienu jsumu u jieklu biss seba' biċċiet ħobż li kienu jittallbu bieb bieb mingħand il-ġirien.*

*Mara, 1-VI-1993; jgħiduha l-aktar fi żmien id-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira:*

Duluri, / Imbikkija mingħajr ma turi,
Li tat 'l binha mislub
Imsallab mingħajr dnub.

*TALB* (vi) Waqt is-sajjetti

*Mara, 1-VI-1993; qalet:*

L-importanti hu li nixgħelu x-xemgħa tal-gandlora li trid tkun pura, tan-naħal; pura għax għandha setgħa speċjali

Santa Barbara, / La deni u lanqas ħsara
Santu Wistin, il-Madonna u l-Bambin.

*TALB* (vii) Ta' qabel l-irqad

*Helen Xuereb, 11-V-1993:*

Sejra norqod u nirpoża
Noffri ruħi 'l Santa Roża
Sejra norqod u nistrieħ
Noffri ruħi lill-Erwieħ,
Ma nafx nerġax inqum
Żewġ ħwejjeġ irrid mill-knisja
Qrar u tqarbin minn idejn il-konfessur.

*Mara, 11-V-1993, kif għallmitha nannitha; qalet li kienu jgħiduhom u għadhom jgħiduhom:*

San Franġisk (*) Ferreri
Smajt id-daqqa tal-qanpiena,
L-anġli miġburin quddiemek
Jaduraw 'l Alla bil-ħniena.

*(*) Aktarx li riedet tgħid San Vinċenz.*

*Mara 11-V-1993. Għallmithielha ommha li kienet tgħallmitha mingħand in-nanna; għadhom jgħiduha:*

Ġesu tiegħi jien se norqod,
Ma nafx nerġax inqum;
Inqerr dnubieti 'l Alla
Bħallikieku l-konfessur.
Ġesu tiegħi jien se norqod
Ma nafx xi jkun fija,
Inqerr dnubieti 'l Alla u 'l Verġni Marija.
Ġesu Marija, Ġesu Marija, Ġesu Marija għal tliet darbiet.
Għamdi mmut, għandi mmut, Għandi nsir trab u dud.
Inħares, Muleja, bi dnubieti venjali u mortali, la nqerrhom għand il-papa, lanqas għand isqof jew kardinal; Inqerrhom għandek għax Inti taf il-kuxjenza tiegħi.
San Mark, San Ġwann, San Luqa u San Mattew, l-erba' evanġelisti raw ir-ruħ tiegħi.
Ġesu, Ġużeppi, Marija.

Eleonora Bartolo, l-Imsida 30-4-2002

Se norqod u nistrieħ
Nirrikmanda ruħi lill-erwieħ.
Se norqod u nirpoża
Nirrikmanda ruħi lil Santa Roża.
Se norqod u ma nafx x'se jkun fija
Nirrikmanda ruħi lill-Verġni Marija.
Se norqod u ma nafx jekk inqumx
Inqerr dnubieti 'l Alla minflok il-konfessur.
San Mark u San Luqa
Berkulna s-sodda li se norqod fuqha.

*Mara, 11-V-1993:*

Se norqod u nirpoża,
Ruħi noffri 'l Santa Roża.
Ma nafx xi jkun fija,
Noffri ruħi 'l Alla u 'l Marija.
Malli norqod, malli nqum,
Malli nimxi kullfejn immur,
Ġesu dnubieti tafhom;
Midd idejk u berikni,
L-Att ta' l-indiema ngħid bil-qalb: *(u tgħid l-att ta' l-indiema).*

*Mara 18-V-1993; (i) Kienet tisma' lin-nanna tgħid:*

Tanta Tanta Kamra Santa
Ħames anġli Kristu fin-nofs;
Jiena naf li għandi mmut
Nagħti kont 'l Alla.
La ta' kif, la ta' sabiex...
Tliet ħwejjeġ irrid mill-knisja;
Qrar, tqarbin u griżma;
Int dnubieti tafhom,
Għandek niġi nqerrhom.
Erfa' jdejk u berikni,
Kun salvani minnhom.
Ħlaqtni meta ridt / Tibgħatli kulma trid,
Ħudni f'dak l-istat
Li jiena nkun fil-grazzja tiegħek... Amen

*(ii) Din għadha tgħidha kultant qabel torqod:*

Żewġ wejsa' wesgħiet
Sal-ponta ta' l-imwiet.
Tlieta *kalonji (?)* / Erba' Vanġelji,
Ħames pjagi, / Sitta blanduni /
Seba' Sagramenti, / Tmint erwieħ,
Disa' kori ta' l-anġli, /
Għaxar kmandamenti, / Ħdax-il dixxiplu, /
Tnax l-appostlu, /
Tlettax-il *ġenna ġostru (?)* / Erbatax-il kelma li ħarġu minn fomm Kristu.

*Mara, 18-V-1993:*

Se norqod u nirpoża
Glorja 'l Alla u għall-Erwieħ.
Se norqod u nirpoża
Nagħti ruħi 'l Santa Roża;
Ġiex anġli fejn rasi / Ġiex anġli fejn riġlejja,
Spirtu Santu berikni.

*Mara mill-Mosta, 25-V-1993; In-nanna kienet tgħidilhom din it-talba qabel jorqdu, bl-amment. Kienu jgħidulha: "Għidilna 'Alla jtina' u kienet tgħidilhom din:*

Madonna tal-Madonni tieħu lili tħalli 'l ommi
Dik ommi Santa Klara, Dak missieri San Franġisk.
Ħuti l-Kapuċċini, l-Għarus tiegħi il-Kurċifiss.
Għandi ġnejna ġewwa qalbi, kollha ward u ġiżimin,
Imsoqqija bl-ilma tal-ġenna
Qalb il-ward u l-ġiżimin.
Knisja ċkejkna ċkejkna,
Imdellija b'erba' xemgħat
Tnejn hada rasi / Tnejn hada riġlejja.
Kristu f'fommi / U l-Madonna f'idejja.
Norqod u nistrieħ
Għal Alla u għall-erwieħ.
Norqod u nirpoża
u ma nibża mill-ebda ħaġa.
Ħwejjeġ ħżiena jillargaw minna,
Il-kumplament tal-lejl it-tajjeb lilna u 'l proxxmu tagħna kollu.

*Mara, 25-V-1993; Missierha li kellu 83 sena meta miet, kien jgħidha qabel jorqod. Din hi biċċa li tiftakar għax jonqos xi biċċa oħra li ma tiftakarx:*

Se norqod u nistrieħ
Għal Alla u għall-erwieħ,
Ħa norqod u nirpoża
Ma nibża mill-ebda ħaġa;
Żewġ anġli hada rasi, żewġ anġli hada riġlejja,
Kristu ġewwa qalbi u l-Madonna ġewwa jdejja.
Sodda Salib, imħadda Kuruna...

*Mara ta' 64 sena, 1-VI-1993; kienet tgħidhielha n-nanna li kieku għandha mitt sena Kien jgħidhielhom ukoll missierhom:*

Se norqod u nistrieħ
Nirrikmanda ruħi 'l Alla u 'l Erwieħ.
Se norqod u nimtedd
Nirrikmanda ruħi 'l Alla u 'l San Ġużepp.
Se norqod, ma nafx x'se jsir fija,
Nirrikmanda ruħi 'l Alla, 'l Ġesu, 'l Ġużeppi u 'l Marija
Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa,
Agħmel li noħorġu minnha mingħajr ħtija.

*Mara, 1-VI-1993; Kienet tgħidha n-nanna mill-Belt u tgħidha lit-tfal tagħha:*

Se norqod u nirpoża
Noffri ruħi lil Santa Roża.
Se norqod u nimtedd,
Se noffri ruħi lil San Ġużepp.
Se norqod u nistrieħ
Noffri ruħi 'l Alla u 'l Erwieħ.

*Mara, 1-VI-1993; Dan li ġej sejħitlu "frejżu" waqt li tkellimna fuq il-brajbu, imma qalet "Nafu bl-amment; niftakru minn meta kont żgħira u (konna) nibżgħu jakk ma ngħiduhx qabel norqdu wara r-rużarju." Jidher li hu taħlita ta' talba imma jispiċċa b'biċċa minn brajbu.:*

O Ġesu' ħanin minn tiegħi
Tini d-dawl fil-menti tiegħi,

Issa u qabel immut, / Ikun mishut id-dnub,
Mill-kbara tiġi l-ħsara,
Dan ma jemmnux bih l-Insara.
Min ma jroddx il-ġuħ
Ma jroddx lill-missier u l-omm jibku,
Għax duttrina qatt ma bagħtuni.
Liġi t-Alla qatt ma smajt;
Ja ħasra kemm għarrajt,
Ja ħasra għalija! / Kemm intant blugħija,
Kif immut immur ġo n-nar;
L-imsejkna ruħ!
Dak Alla jgħidli le sejjaħtlek,
Tal-missjoni jiena bgħattlek,
Jiena ridt nagħtik il-ġenna
U int biha ma riedx tithenna.
Qerr, ibni qerr, Għax jiena bniedem bħalek,
Li ġara lili jiġri lilek.
Kemm intant niżżu ħajr 'l Alla
Kemm sibna patri ħanin;
Ifakkarna fid-dnubiet,
Barka jtina tal-Bambin.
U s-sodda salib, / Fuq l-imħadda l-kuruna,
Min Iħobb lill-Bambin ċkejken
Ikollu xortih fortuna.
Il-fortuna tal-Madonna
Deheb u fidda maħdumin.
Ċangaturi msoqqijin
Mill-konfessuri kollha.
Il-baħar jibla' l-art,
Il-muntanji jimxu fl-art.
Min jaf il-frejżu jgħidu
Jgħidu tliet darbiet kuljum,
Il-pwieni ta' l-infern qatt ma jara,
Għax il-ġenna dritt imur.

*Mara, mir-Rabat, 1-VI-1993; kienu jgħiduha meta kienu żgħar, ukoll meta kienu jieqfu mill-logħob:*
Kredu kredtu / Lis-sema wiegħdtu
Lill-anġli tajtu
Lill-Madonna ppreżentajtu.
Bil-ktieb f'idu jaqra u jgħid:
"Ġanni, Ġanni, safejn wassaltni?"
"Sal-bieb tal-ġenna."
Warda xandrija u oħra rumana,
Il-baħar li sar xkuma
Il-baħar bela' l-art.
U l-muntanji waqgħu fl-art.
Il-ħrieqi tal-Bambin
Minxurin fuq il-ħitan.
Madonna u Santu Rokku,
San Ġużepp kemm hu ferħan.

*BRAJBU* (ara wkoll it-talb ta' qabel l-irqad)

*Evelyn Hollier-Dougall, Hal Tarxien 30-I-2000; innanna tagħha kienet tgħidhielhom qabel jorqdu. Din tidher li hi parti minn brajbu aktar fit-tul:*
Brajbu naf, brajbu ngħid:
Kristu ħabbu u riedu biex jissallab fih,
Ħames pjagi friski friski
Irieghedu s-sema u l-art.

*Mara, 11-V-1993, kif għallmitha nannitha; qalet li kienu jgħiduhom u għadhom jgħiduhom*
Il-Madonna ħarġet titlob
U għaddiet mill-wied il-wied,
Sabet knisja daħlet fiha
Mimlija bil-qaddisin.
Imbierka dik it-tarbija
U mbierek dak il-ħalib,
Sodda Salib, imħadda kuruna,
Min iħobb lil Bambin ċkejken
Ikollu xorti u vintura
L-għarajjes ta' Ġesu Kristu
Kemm iħobbu jħobbuni,
Telgħin fil-glorja tal-ġenna
Qalb il-pjagi u l-kuruni.

*Miriam Agius, Ħaż-Żabbar, 1-VI-1993; (dan il-brajbu deher fl-Imnara No.16 p.71):*
Brajbu naf u brajbu ngħid
Salib maqbru għall-mawrien,
Ġesu' ħabbu, Ġesu' riedu,
Fuqu ssallab, fuqu miet.
Min ma jafx dan il-brajbu jfittex jitgħallmu,
U jgħidu tliet darbiet kuljum;
Piena tan-nar le ma jara
Ġewwa l-ġenna dritt imur.

*Mara, 18-V-1993; Tgħallmitu minnghand ommha:*
Warda xandrija / Din hija dawl id-dija;
Żewġ annimali jippassiġġaw fil-manġatura,
Jaduraw l-isbaħ kreatura.
Smajt trumbetta ddoqq,
Ħriġt nara min hu għaddej.
Kien għaddej Sidna Ġesu' Kristu.
Mill-istess trejqa li kien ġej
Kienet ġejja ommu Marija.
Qaltlu "Ibni, għalfejn sejjer?"
Qallha "Sejjer għat-tbatija."
"Għat-tbatija niġi miegħek"
U tawh daqqa ta' ħadida,
Fuq ommu l-għażiża...
Min jgħid tliet darbiet
L-Evanġelju kuljum,
Piena t'Alla qatt ma jara
U l-ġenna dritt imur.

*Mara,, 1-VI-1993:*
Brajbu naf u brjabu ngħid
Salib tal-mabri u l-mabrim *(?)*
Kristu riedu, Kristu ħabbu,
Kristu ried jissallab fih.
Ħames pjagi prinċipali
Li regħedu s-sema u l-art.
Ħarġet il-Madonna
bil-kotba tas-smewwiet kollha,
Ħareġ San Ġwann Evannġelista jaqra l-brajbu,

Min ma jafux jitgħallmu;
Jgħidu tliet darbiet kuljum.
Il-pwieni tan-nar qatt ma jara
U il-ġenna dritt imur.

*Mara, 1-VI-1993; tgħid brejbu minflok brajbu kif qalu l-oħrajn:*

Brejbu naf u brejbu ngħid
Salib magru hemm għalih
Ġesu' ħabbu stalab fih,
Ħames pjagi friski friski,
Huma jagħtu s-sema u l-art.
Kbar u żgħar kulħadd jinġabar
Ġewwa l-wirt ta' Ġesu' ħaj.
San Ġwanni il-Battista
Bl-ittri tad-deheb f'idu,
Il-Madonna timxi u tgħid:
Min jafu l-brejbu jgħidu,
Min ma jafux għandu jitgħallmu.
Jgħidu tliet darbiet kuljum,
Pwieni tan-nar qatt ma jara,
U l-ġenna dritt żgur imur.

*Mara, 1-VI-1993; kienet tgħidulha n-nanna:*

Imxejt, imxejt, imxejt,
Żarbun ta' l-anġli xeddejt,
Wasalt sal-bieb tal-ġenna,
Sibt l-għadu qiegħed jistenna.
Għedtlu: "Lil min qed tistenna?"
Qalli: "Qed nistenna lilek."
Għedtlu: "Lili mgħandekx xi tridni
Għax ruħi miktuba 'l Alla.
Soddtu salib, / L-imħadda l-kuruna.
Min iħobb lill-Bambin ċkejken
Ikollu xortih ventura.
Vinturi tal-ventura,
Ħalli 'l ommi u ħu lili.
Ommi Santa Klara, / Missieri Santu Wistin.

*Mara, 73 sena, iż-Żejtun, 1-VI-1993; għallmitulha ommha; qalet kollox bħalma qalet ta' qabilha preċiż, imma minflok l-aħħar erba' linji qalet dawn:*

Sodda salib, / Imħadda kuruna,
Min iħobb lill-Bambin ċkejken
Ikollu xorti vintura.
Vintura tal-vinturi / Dik ommok Santa Klara, / Missierek Santu Wistin.
Ħaduni l-Kapuċċini
L-għarus tiegħek il-Bambin.

*RIQI* (i) Fit-tbaħħir

*Mara, 11-V-1993; Din kienet tingħad waqt it-tbaħħir.*

Silenzju Papas, / Min jitkellem ikun fartas;
Hemm xi ħaġa taħt is-sodda
Jimpalaw bid-denb u r-ras.
Tela', niżel, niżel, tela';
L-aħħar kelma tas-sultan.

*Mara,25-V-1993;*

Ommi biex tbaħħar kienet issib għatu tal-landa tal-gallettini, kienet tpoġġi fih weraq taż-żebbuġ, melħ (il-melħ għall-għajn), u tgħid:

"San Barnabaw,
l-Għajn ħażina tmur minn hawn."

Iddur ukoll sa taħt is-sodda (f'Sibt il-Glorja) ukoll fuq ir-ras tat-tfal u sat-taraġ tal-bejt; tibda nieżla minn fuq għal isfel.

*Mara, 25-V-1993:*

Għandi važett, li ommi qalgħet fit-tieġ, tal-fuħħar bil-għatu bit-toqob. . . għat-tbaħħir.(*) Meta kien ikolli n-nervi ommi kienet tgħidli: "Għandi bżonn inbaħħrek!". Meta kienet tiġi xi problema fid-dar konna nbaħħru taħt is-sodda u mad-dar.

*(*) Dan kien važett jew buqar li jintuża għat-togħlija tal-ħalib u l-għatu bit-toqab kien biex ma jħallix ir-rgħawa tfur.*

*Mara, Bonavia, il-Fgura, kienet toqgħod Ħal Tarxien, 25-V-1993:*

In-nanna tiegħi (kieku għandha qrib id-90 sena) kienet issib il-weraq taż-żebbuġ niexef, ġo taġen ħażin u tbaħħar kull nhar ta' Ħamis, iddur kull erba' rkejjen tal-kmamar, warajha t-tfal jgħidu l-Kredu u hi tgħid:

"San Pawl ta' Ruma,
Jekk hawn xi għajn reġġagħha lura!"

L-irmied kienu jiġbruh ġo karta u jarmuh f'salib it-toroq. (*) Meta kien idum ma jaqbad iż-żebbuġ kienet tgħid: "Mela veru hawn għajn ħażina fid-dar!"

*(*) Salib it-toroq kellu sinjifikat li jifrex u jisparixxi d-deni jew ħażen ma' l-erbat irjieħ. Nafu wkoll li kien hemm min jarmi l-ilma li fih tkun inħaslet tarbija marida, f'salib it-toroq.*

*Mara, il-Mosta, 25-V-1993:*

Fit-tbaħħir lil xi waħda marida jew sfortunata kienu jgħidulha: "Ara kif insteħtet din! . . . Xi ħadd seħetha!" . . . u jbaħħru bi ftit weraq taż-żebbuġ, ftit xemgħa tat-tniebri u 7 melħiet, u jgħidu t-talb. Jidħlu 7 darbiet fil-kamra jew fejn ikunu, taħt is-sodod, madwar dak li jkun; . . . Hi stess m'ilhiex li marret tbaħħar lil waħda għax ġiet għaliha biex tbaħħarha għax qalet li misħuta; anki tgħaddi minn quddiemha seħtitha persuna, u għajnitha. Tidħol u toħroġ 7 darbiet u titlob: Missierna u ħobżna, Sliema u Qaddisa, u Glorja kull darba, u tgħid:

"F'ġieħ San Pietru Pawl ta' Ruma, jekk għandek xi għajn ta' xi għira, ta' xi mibgħeda, terġa' lura! F'ġieħ San Barnabaw, jekk hawn xi xjaten oħroġhom minn hawn!"

*Mara, 25-V-1993; Kienet tgħix man-nanna:*

Meta kien ikollha xi dubju f'xi ħaġa kienet tbaħħar, ukoll nhar ta' Ħamis, meta ddoqq il-qanpiena f'xis-sebgħa ta' filgħaxija. Wara li kienet tixħet il-melħ kienet tgħid:

"San Barnabaw, keċċi t-tentazzjoni minn hawn!"

u żżid Missierna, Ħobżna, Ave Marija u Glorja. Kienet tbaħħar bit-taġen fuq ras kulħadd u titfa' l-melħ. Meta jibda jaqbeż il-melħ, jgħidu "Ħarġet l-għajn!" Ibaħħru minn ġewwa għall-bieb ta' barra. Kienu jħalltu x-xemgħa tat-tniebri.

*Mara, ta' 30 sena 1-VI-1993; qalithielha xiħa ta' xi 80 sena:*

San Barnabaw / Daħħal l-għajn it-tajba
U oħroġ il-ħażina minn hawn!

*RIQI* (ii) Fil-mard ta' l-għajnejn

*Mara, 18-V-1993:*

Meta kont żgħira, kelli xi erba' snin, kien ikolli għajnejja juġgħuni u ħomor u z-zija tiegħi, oħt ommi, kienet tgħidli pregiera u kien ikollha għajn tal-qarnita, tgħaddihieli fuq għajnejja, minn ġewwa għal barra, waqt li tgħid il-kliem, iżda qabel tagħmel salib fuq moħħi:

"Salib indew indew,
San Mark u San Mattew,
Inżilt max-xtajta x-xtajta
Sibt lil Ġesu Bambin,
Qalli: "Binti, x'għandek?"
Għedtlu: "Għandi għajnejja tuġani."
Qalli: "Mur fil-ġnejna tiegħi
U sib il-bisbula(*) ħadra,
Żrajtha b'idejja
Saqqejtha bi dmugħ għajnejja."
Santa Margerita / Neħħili il-qarnita."

*(*) Minflok bisbula aktar hemm min jgħid bużbieża. Il-qarnita hawn imsemmija hija kundizzjoni fl-għajnejn magħrufha bħala pterygium. L-hekk imsejħa għajn tal-qarnita hija għatu (fil-konkoloġija magħruf bħala operculum) tal-qoxra ta' bebbuxu tal-baħar fiż-żoloġija magħruf bħala Astraea rugosa.*

*Giovanna Vella, Tas-Sliema, 7-V-1980: Kienet taf b'min juża ċurkett bl-"għajn" tal-qarnita*

Salib iddew iddew
San Mattija, San Mattew;
Ltqajt ma' Ġesu Bambin qalli: "Int fejn sejra?"
Għedtlu: "Għandi għajnejja tuġgħani."
Qalli: "Mur fil-ġnejna tiegħi
Għandi bużbieża ħelwa ħelwa,
Żrajtha b'idejja,
Saqqejtha bi dmugħ għajnejja,
Issib lil Santa Margerita
Tneħħ l-għabra u l-qarnita,
Issib lil Santa Luċija ttik id-dawl u d-dija"

*(Din dehret l-ewwel darba f' L-Imnara Nru.3,1980)*

# LOGHOB BIL-KLIEM

Dan l-aħħar xtrajt il-ktieb *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ lehor* ta' Ġuże Cassar Pullicino. Jien u naqra moħħi mar lura għas-snin sittin, meta kont għadni tfal, u kont immur ngħum ma' tal-Mużew fil-post magħruf bħala 'l-Ħofra ż-Żgħira' f'Dellimara. Wara li konna nitilgħu mill-baħar u noqgħodu bil-qiegħda nieklu biċċa ħobż biż-żejt, is-superjur kien iħobb jgħidilna xi żewġ ċajtiet jew jirrakkonta xi storja. Darba niftakar kien semma logħba bil-kliem, li kien jiftakar minn tfulitu, u li baqgħet, għal xi raġuni, stampata f'moħħi. Is-superjur kien jismu Duminku Galea, u għalkemm kien minn x'imkien fil-Kottonera, x'aktarx mill-Birgu, meta kont nafu jien kien joqgħod Raħal Ġdid. Din il-logħba bil-kliem ma jidhirlix li qatt rajtha stampata u għaddieli l-ħsieb li forsi ta' min lġibha fl-Imnara:

1) Iż-żiemel ta' l-għuda.
2) L-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
3) Il-bieba ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
4) Is-serratura tal-bieb ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
5) Il-muftieħ tas-serratura tal-bieba ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
6) Il-ħabel tal-muftieħ tas-serratura tal-bieba ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
7) Il-ġurdien li gerrem il-ħabel tal-muftieħ tas-serratura tal-bieba ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
8) Il-qattus li kiel il-ġurdien li gerrem il-ħabel tal-muftieħ tas-serratura tal-bieba ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
9) Il-kelb li għamel għall-qattus li kiel il-ġurdien li gerrem il-ħabel tal-muftieħ tas-serratura tal-bieba ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.
10) Il-kaċċatur sid il-kelb li għamel għall-qattus li kiel il-ġurdien li gerrem il-ħabel tal-muftieħ tas-serratura tal-bieba ta' l-istalla taż-żiemel ta' l-għuda.

U tibqa' sejra hekk; min għandu l-ħila li jgħidha jgħaġġel bla ma jitfixkel u jkompli jżid is-sentenza u jtawwal fuq ħaddieħor

Ġużi Gatt

# GĦAD BAQA' X'JINĠABAR FIL-FOLKLOR MALTI

Angelo Dougall

**Il-folklor Malti mhuwiex eżawrit daqs kemm jaħsbu xi wħud u, tabilħaqq, għad baqa' x'jinġabar. Fil-ktieb tiegħu *Il-Folklor Malti* , (t-tieni edizzjoni miżjuda) stampat mill- *Malta University Press* 1975, fil-kapitlu XVI, paġna 142 *et seq.*, Ġużè Cassar Pullicino, mimli bil-għomor, fil-kitba tiegħu f'dan il-ktieb, jagħtina parir, fost kollox, sabiex noqogħdu għal dawk li huma għajdut il-poplu u għal dak li jintqal, u sabiex niktbuh. F'paġna 151 ta' l-istess ktieb ikompli jħeġġiġna: " jeħtieġ l-ewwelnett li ssir midħla sewwa tal-poplu u li jirnexxielek titħabbeb biżżejjed biex tkun tista' tisma' minn fomm il-poplu dak l-għerf li sallum għadu bla miktub. Li kieku kulħadd joqgħod b'għajnejh u widnejh miftuħa kull fejn imur fil-gżejjer tagħna u jniżżel dak li jara u jisma' . . . . . . "**

**Dwar il-furbani** Fid-distrett t'isfel ta' Malta, speċjalment fost il-bdiewa ta' madwar il-bajja ta' Marsaxlokk għad baqa' fil-memorja tagħhom għajdut u rakkonti ta' nżul il-furbani fuq l-art għas-serq ta' ħwejjeġ u ħtif ta' nies. Għalkemm din il-bajja, għal mijiet ta' snin, kienet imħarsa b'fortizza, bi swar u għassiesa, xorta waħda l-furbani kienu kultant jirnexxilhom jinżlu bil-moħbi sabiex jissakkeġġaw u jaħtfu nies għall-jasar, jitilqu nkiss inkiss u jaħarbu fil-beraħ bla tarf tal-baħar. Ftit li xejn kienu jiġu suspettati, u dawn il-furbani kienu jsalpaw u jbaħħru bil-priża tagħhom lejn il-Barbarija. Baqgħu ġrajjiet u leġġendi msawrin mal-verita tal-ħajja ta' dak iż-żmien, u xi ġrajjiet minnhom għadhom magħrufa bħala "ta' żmien il-furbani". F'dak iż-żmien, madwar il-Bajja ta' Marsaxlokk, bini kien hemm ftit li xejn, ħlief għal xi rziezet l-hawn u l-hinn, xi wħud minnhom iffortifikati għalli jista' jinqala' għal għarrieda, u wieħed għadu jara minn dawn sa llum.

**Katrina** Niftakar xi qraba tiegħi minn dik in-naħa tad-Distrett t-Isfel, jirrakkuntaw li xi ħamsin sena ilu ftit jiem qabel mietet iz-zija Ġanna (mart iz-ziju Ġanni ħu n-nannu Kola) u li kellha qrib il-mitt sena, bdiet thewden: "Miskina! Min jaf x'sar minnha Katrina!" Kienet tirrakkonta li, meta kienet daqsxejn ta' tifla ta' xi għaxar snin, darba waħda filgħodu kmieni telqet bil-mixi miż-Żurrieq ma' Katrina, waħda żagħzugħa ħabiba tal-familja u li kienet ftit snin akbar minnha, sabiex jaraw xi qraba tagħhom f'Birżebbuġa. Dik il-ħabta, madwar ir-Ramla ta' Birżebbuġa u d-daħla ta' Kalafrana ma kienx hemm bini ħlief ftit irziezet u kemm tara b'għajnejk raba', għelieqi, siġar tal-ħarrub u qasab. Iz-zija kienet tkompli tirrakkonta li, kif waslu qrib ir-ramla, lemħu skuna li minn fuqha niżel gaj ta' baħħara li, malli lemħu lil dawn iż-żewġ tfajliet, bdew jiġru għal warajhom. Dawn it-tfajliet twerwru għax raw li kienu furbani, telqu jiġru u nħbew. Imma l-furbani bdew ifittxuhom u rnexxielhom jaħtfu lil Katrina, u billi z-zija Ġanna kienet moħbija sewwa ma setgħux isibuha għalkemm damu ftit ħin ieħor ifittxuha. Ftit wara l-furbani telqu lura lejn l-iskuna tagħhom iġorru 'l Katrina. L-iskuna salpat u tbiegħdet fil-beraħ tal-baħar bla ma ħadd biss induna x'kien qed jiġri! Imbilli dan il-każ ġie rrappurtat lill-kuntistabbli taż-Żurrieq! Bħas-soltu

kien tniżżel rapport fl-"okkorrenzi tal-pulizija" tad-distrett, saru t-tfittxijiet, imma kien kollu għalxejn. Kien forsi t-thewdin ta' ziti, jew kienet waħda minn dawk l-għajdut dwar il-furbani? Kif ġa għedt, l-istejjer kienu ħafna. "Miskina! Min jaf x'sar minnha Katrin!" baqgħet thewden iz-zija Ġanna, qabel ma għalqet għajnejha għal dejjem. Imma baqgħet tiftakar f'dik il-ġrajja kerha ta' tfulitha anke wara dak iż-żmien kollu. Kienet ġrajja li sseħħ darba kultant u bħala baqgħu leġġendi fil-folklor tagħna. Għalxejn il-poplu ta' dawk l-inħawi, u magħhom kienu ġew oħrajn miż-Żurrieq, ħarġu jfittxu lil Katrina, imma Katrina għebet u baqgħet ma nstabetx misruqa mill-furbani li, sa ftit aktar minn mitt sena ilu kien għad kellhom liberta, mingħajr ħadd ma jżommhom li jinżlu f'dik il-bajja; u l-leġġendi baqgħu!

Għal ħafna nies għad baqa' leġġendi ta' furbani kif ukoll rakkonti ta' ġrajjiet aktar qodma li baqgħu jingħadu madwar dik il-bajja ta' Marsaxlokk, li sa ftit snin ilu kienet għadha miftuħa u esposta għat-traffikar illegali

**Għar Ħasan** Domt ħafna sa ma rnexxieli biex wieħed bidwi minn Bengħisa jtarrafli xi ħaġa ta' folklor minn dak li kien għadu jiftakar. Kien bin ir-raba' joqgħod f'razzett antik xi ftit maqtugħ. Kien bniedem mistħi u sensittiv. Xi ftit snin ilu kien qalli li baqa' jiftakar xi strofi ta' għanja li kien sema' fi tfulitu. Għar Ħasan hu magħruf ħafna bħala post ta' attrazzjoni turistika f'dik in-naħa ta' Malta mimlija leġġendi u rakkonti ta' furbani, imdawwar b'atmosfera ta' sibi.

Manwel Grixti (1936-2003) kien baqa' jiftakar dawn il-ftit strofi minn għanja li forsi kienet itwal; forsi wkoll kienet "għanja tal-fatt" marbuta mal-leġġenda ta' Għar Ħasan, u Manwel kien joqgħod fil-qrib ta' l-għar:

**Għar Ħasan**

**Din għanja tislet il-ħniena ,**
**Dwar tfajliet tant imsejknin,**
**Waqt li kienu jaħdmu r-raba'**
**Għal għarrieda misruqin.**

**Kien jisraqhom mill-għelieqi**
**Ta' l-inħawi ta' Ħal Far,**
**Mill-irdum kien iniżżilhom**
**U jaħbihom ġewwa l-għar.**

**L-ommijiet jibku l-uliedhom**
**Għaliex dawna ma nstabux,**
**U l-irġiel għalxejn ifittxu**
**Għax x'sar minnhom ma jafux.**

**Kien jonsobhom u jisraqhom**
**U jaħbihom f'Għar Ħasan,**
**Jeħodhom lejn Barbarija**
**Għotja għall-ħarem tas-Sultan.**

**Dan Ħasan kien furban aħrax,**
**Kellu qilla ta' għafrid,**
**'Ma tagħna sabulu rkaptu**
**Ma ħallewhx jagħmel li jrid.**

Dawn huma l-ħames strofi li baqa' jiftakar Manwel mill-għanja li kien sema' fi tfulitu, imma ma qallix min kien l-għannej u lanqas il-post fejn kien semagħha.



**Razzett iffortifikat, Bur Cassar**
**Triq il-Kartaġiniżi, Birżebbuġa**

26-VII-2002

# ĠORĠ, BEJJIEGĦ IL-FAĦAM

George Cilia

Fis-snin tletin fil-bidu ta' Triq Britannika fil-Birgu kien hemm ġabra ta' ħwienet, li kollha flimkien kienu jiffurmaw suq żgħir. Kien hemm Wenzu l-barbier imlaqqam Iċ-Ċicajo, Indri jsewwi u jbiegħ iż-żraben, Żarena bil-ħanut tal- grocer (tal-merċa), Ċikkulo bil-ħanut tal-frott u l-ħaxix, Tax-Xwejħa bil-ħanut tax-xorb, Ġammari bil-ħanut tat-tjur, bajd u fniek u kien iżomm żiemel għax-xogħol, u quddiemhom kien hemm ħanut tal-laħam ta' żewġ aħwa jsibuhom b'Ta' Kas. Id-dar ta' Peppi l-ħajjat tiġi eżatt quddiem id-dar tagħna, dak iż-żmien magħrufa bħala d-dar tal-Kurċifiss ta' l-Iġġustizzjati, bit-tieqa tal-knisja tisporġi fuq il-ħanut tal-barbier. Dan il-Kurċifiss kien jiddomina fuq il-ħwienet li semmejna. Indri kien jarmah bil-brazzi tad-dawl u l-fjuri fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira. F'dawk il-granet kienu jgħaddu minn quddiemu l-fratellanzi jkantaw is-salmi tal-mizerere. Bejjiegħa oħra, bħalma huma dawk tal-ħobż u tal-pitrolju, tas-silġ, tal-ħut, ir-raħħal bil-merħla tal-mogħoż ibiegħu il-ħalib, u tal-faħam, kienu jgħaddu fuq riġlejhom. Quddiem Wenzu l-barbier, karattru ħelu u dħuli, kienu jieqfu jsellmulu u jgħidulu xi ċajta, iżda l-aktar wieħed magħruf man-nies tal-Birgu u ħabib ta' Wenzu kien Ġorġ il-bejjiegħ tal-faħam. Ġorġ kien isellem bil-mistħija u jitbissem lil kulħadd, kien ta' ftit kliem ħlief għal bniedem wieħed, Wenzu l-barbier ta' taħt it-tieqa tal-kċina tagħna. Il-bejjiegħa tal-faħam kienu jduru mat-toroq bil-karrettun li fuqu kien ikollu kaxxa kbira mingħajr għatu mimlija faħam u kien ikun hemm xi żewġ xkejjer mimlijin bil-faħam. Kienu jixtruh mhux biss in-nisa tad-dar imma wkoll ħafna oħrajn tax-xogħol bħal-ħajjata, landiera u ħaddieda. Il-faħam kien jinbiegħ bil-kejl, siegħ faħam tliet karnijiet, nofs tomna sitt soldi, tomna xelin. Sa ħamsin jew sittin sena ilu, l-aktar fl-irħula, ma kienx hemm dar li ma kellhiex il-kenur għas-sajran ta' l-ikel. Fil-kenur kienu jkebbsu n-nar tal-faħam.

Ta' kull filgħodu Ġorġ kien jgħaddi mit-triqat iqassam il-faħam, dejjem b'wiċċu u jdejh imgermdin suwed minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu, u l-abjad ta' għajnejh ileqq. Darba fil-ġimgħa kien jixtri l-faħam mill-maħżen ta' ħdejn Ta' Ċejlu, jarma l-karrettun bil-ħmar u jitlaq lejn il-Birgu fejn kellu kantina għall-ħażna u kenn għall-ħmar. Meta jlesti mid-dawra tat-toroq tal-Birgu u jeħles mill-ixkora tal-faħam li kien igorr wara daharu, Ġorġ kien jasal wasla sa għand il-barbier biex jew jaqta' xagħru jew biex iqaxxar il-leħja, u f'dak il-ħin jitkellmu fuq il-ġrajjiet tal-ġurnata. Wenzu kien jifhem kif jaf hu l-aħbarijiet lil imsejken Ġorġ, li kien bla skola, ġuvni, jgħix waħdu minn Ħaż-Żabbar li dejjem xtaq forsi jiġi joqgħod il-Birgu f'xi post b'kera baxxa. Il-barbier kien jaf fejnhom id-djar vojta u b'kemm kera kienu jinkrew; b'10, 16 jew 20 lira sterlina fis-sena, iżda ħej, kien jibża' jiġi joqgħod fil-Birgu għax kienu qalu li jekk tfaqqa' l-gwerra l-Birgu jkun fil-periklu. Għal dawn il-qlajjiet Wenzu kien jitmasħan u jsostni li Malta m'għandha x'taqsam xejn u mhux se tidħol fil-gwied fil-każ li tqum gwerra fl-Ewropa. Lil Ġorġ kien iħajru jsib xebba u jiżżewweġ ħalli jtajjar dawk il-ħsibijiet minn moħħu, jew imur jidderverti fil-luna park li kien hemm fil-grawnd tal-Fortini. Kollu għal xejn; Ġorġ ma kienx maqtugħ għaż-żwieġ meta jiftakar fil-ħmieġ tax-xogħol tiegħu u l-qligħ baxx li jibqagħlu mill-bejgħ tal-faħam.

F'dik il-ħajja trankwilla tas-snin tletin twelidt jien, u ommi Lorenza xtaqet issemmini Ġorġ b'tifkira tal-mejjet missierha. Oħt ommi Tereża, miżżewġa bla tfal, xtaqet li jingħażel isem aħjar u modern bħal Wilfred jew Sunny basta mhux Ġorġ bħal dak tal-bejjiegħ tal-faħam tal-Birgu. Missieri ma ndaħal xejn f'din il-kwistjoni ta' l-isem, biss tahom parir li jistaqsu lill-konfessur u ħabib tal-familja Dun Elija fuq isem xieraq. L-aħwa qablu li jistaqsu lil Dun Elija kif jaħsibha fuq ismi. Staqsew lil dan is-saċerdot umli u skrupluż li pront wieġeb li dan l-isem mhux biss Ġorġ tal-faħam iġibu, imma tant huwa popolari mad-dinja li r-Re ta' l-Ingilterra (u ta' Malta) jġib l-isem ta' George V; ismijiet oħra jistgħu jingħataw lit-tarbija fil-fonti. Id-diffikulta ta' l-għażla ta' l-isem waqfet hawn; Ġorġ tal-faħam sa daħal fl-istorja ta' ħajti.

F'Ġunju tal-1940 faqqgħet il-gwerra li fiha daħlet ukoll Malta, u n-nies kollha li semmejna ħargu barra mill-Birgu. Ġorġ ma deher imkien iżjed, aktarx li fil-gwerra nqabad suldat bil-lieva, iżżewweġ u mar joqgħod fin-naħa ta' fuq ta' Malta.

Illum il-familji jużaw cookers tal-gass jew ta' l-elettriku għat-tisjir, u l-użu tal-faħam spiċċa għal kollox, u suq kbir beda jintrama barra s-swar tal-Birgu.

# Iċ-ċampella, il-plejn u x-xiber: logħob ta' fuq is-swar Maltin

**kitba ta' Steve Borġ**

### Iċ-ċampella: logħba Bormliża bil-flus u l-ġebel

Tkellimt ma' Raymond Chircop Taċ-Ċirott, li joqgħod Bormla nhar it-Tnejn 7 ta' Ġunju 2004

"Meta tkun fqir trid tara kif se tivvinta l-logħob sabiex tgħaddi l-ħin. Logħba minnhom jisimha ċ-ċampella[i], li konna nilgħabu fuq is-sur ta' Santa Liena f'Bormla. Tintlagħab fuq it-torba, mhux il-qatran għaliex inkella jtiru l-flus u ċ-ċampella tibqa mixja. Tilgħab għal sold, tlett soldi u tmintax irbiegħi. Għal xejn ma tistax tilgħab għax ma hemmx sugu. Sa ħamsa u għoxrin ruħ f'logħba konna. Bniedem ikollu ftit flus f'butu. Ikollok xi tlettax-il sena u tilgħab mal-kbar ukoll."

"Xi trid tagħmel biex tilgħab? Issib ġebla barra u taħdimha għall-idejn, li tista' taħtafha sew. Dik insejjħulha ċ-ċampella. Imbagħad tagħmel għaxar passi lura mill-*master*, li kienet ġebla wieqfa li warajha jkun hemm il-flus ta' min daħal għal-logħba."

"Hija logħba tal-Ħadd filgħodu u tintlagħab fuq is-sur. Jien qatt ma smajt li lagħbuha ż-Żejtun fejn twelidt. Biex tibda naqtgħu bl-idejn. Ma tkunx taf kemm se joħorġu l-oħrajn u jista' jitla' sa mija. Il-flus tad-dħul fil-logħba jitqiegħdu wara l-*master* u jitgħattew bi ftit trab ħalli ma jtirux. Twaddab iċ-ċampella biex ittajjar il-*master* jew tqarribha lejn il-flus. Mhux faċli li tirbaħ ma' l-ewwel tefgħa. Iċ-ċampella tibqa' tilgħab fejn tinżel u ma tinġabarx. Ta' warajk jista' jilgħab fuqek biex iwarrbek, ibiegħdek u jidħol flokok hu."

"Jekk tilgħab ma' l-ewwel tefgħa u ċ-ċampella tiġi fuq il-flus, ma tirbaħx jekk il-*master* ikun għadu wieqaf. F'dan il-każ, iċ-ċampella tinġabar biex terġa' titfa' minn wara l-linja, dejjem, meta jkun imissek, għaliex sa dak il-ħin tkun għadek tilgħab. Jekk il-*master* ikun waqgħa u jkun imissek, għandek dritt li titlob li dan iwaqqfuh. Dan għaliex jekk ikun mimdud ikun hemm ċans kbir li toqorsu, itir il-bogħod mill-flus u ċ-ċampella ta' ħaddieħor tkun eqreb il-flus u jirbaħ hu."

"Mela biex tirbaħ irid ikollok iċ-ċampella eqreb lejn il-flus mill-*master* li jrid ikun mimdud. Issa jekk il-flus taru u l-*master*, li hu mimdud, ittajjar 'l hemm dawn il-flus jintrebħu skond iċ-ċampelli li hemm qribhom. Jistgħu jirbħu anki, ngħidu aħna, sebgħa f'daqqa u tirbaħ skond il-flus. Jista' jmissek ġiex tmintax irbiegħat u ieħor jirbaħ tlett skorfini tat-tlett soldi. Dan għaliex jekk id-dħul maqbul ikun xelin, int tkun tista' tpoġġi munita waħda ta' xelin jew jekk trid tnax -il sold."

"Jekk tilgħab, taqleb il-*master* u dan jiġi fuq il-flus, li jkunu ktajjen u ċ-ċampella tiġik tmiss mal-flus, ma tiħux jekk dan ikun mimdud. Ġieli jiġru ż-żinnijiet. Tilgħab u l-*master* li jkun mimdud jintlaqat u jiġi wieqaf. Ta' warajk jista' jidħol sħab ma' min għandu l-eqreb ċampella mal-flus sabiex dak li jmissu jilgħab jipprova jwaqqa' l-*master*, jirbaħ l-ieħor u jaqsam miegħu. Kulħadd ikollhu għajnejn ta' seqer għax ġieli kien ikun hemm aktar minn paga ta' ġimgħa qed tilgħab. Trid tkun moħħok hemm għax jaħdmuk."

### Il-plejn: logħba tal-Mandraġġara Ġirbin

Tkellimt ma' Lawrence Ċiantar Tal-Ġimgħa mill-Birgu nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju 2004.

"Il-plejn[ii] hija logħba bil-ballun tal-lasktu jew tal-kamoxxa, li kienet tintlagħab il-Mandraġġ tal-Birgu. L-antiki jsejjħulha l-bullar[iii] ukoll. Din il-logħba kienet tintlagħab mal-ħajt tas-sorijiet ta' Santa Skolastika. Kien kbir u ma kienx hemm twieqi li jtellfu. U s-sorijiet kienu tal-klawsura, mhux se joħorġu għalik għaliex qed tħabbat mal-ħajt tagħhom minħabba li dawk maqfulin hemm ġew. Mal-ħajt inħożżu linja qisha mogħla ġiex piedi mill-art, ġieli b'żebgħa[iv] sewda, ħadra jew li ssib. Min jitfa' jrid jagħti d-daqqa bl-għekiesi ta' ġewwa tal-ponn magħqud jew bil-pala tal-id miftuħa."

"Dan irid iħabbat[v] 'l fuq mil-linja u l-ballun irid imiss darba mal-art. Jekk il-ballun jolqot il-linja ta' mal-ħajt, mela dak li qed jilgħab irid jerġa jħabbat. Min ikun imissu jilgħab ma jistax iħalli l-ballun imiss darbtejn mal-art. Jekk jiġri hekk, mela jieħu punt min ta d-daqqa. Min ileħħaq it-tmienja jew il-ħdax jirbaħ. Kull daqqa fiha l-ħsieb. Jekk tkun daqqa tal-għekiesi suppost tkun aktar b'saħħitha, iżda bil-pala tal-id meta tkun ħdejn il-ħajt qed twieġeb għad-daqqa ta' qablek u kważi tmewwet il-ballun."

"Ġieli tintlagħab wieħed ma' wieħed, jew tnejn tnejn u anki tlieta tlieta. Logħba tieħu mal-għoxrin minuta. In-nies li jilgħabuha kienu tan-naħa tal-Mandraġġ, ħafna drabi barklora. Joħorġu ġiex xelini jew tmintax irbiegħi 'il wieħed u tirbaħ lira u nofs jew għal xi flixkun luminata. Niġu sitt gruppi ta' tnejn b'min jitlef jinqala'."

"Fix-Xitwa kienet tintlagħab is-Sibt u l-Ħadd filgħodu, iżda fis-Sajf, wara nofsinhar. Jaqtgħu għal min se jitfa' l-ewwel u dan jibda. Kont stajt tħabbat mal-ħajt kollhu. L-għekiesi tal-ponn iġġibhom pjaga, kollha grif. Hija logħba li trid tuża l-ħażen. Jekk tolqot taħt il-linja titlef. Ilha tletin sena li spiċċat. Il-logħba waqfet meta ttieklet il-faċċata tas-sorijiet u ġew il-karozzi. Spiċċajna li llum lanqas it-tfal tal-Mandraġġ ma jafu x'inhi. Iżda l-linja tal-logħob hemm għadha mal-ħajt."

## Ix-xiber: logħba bil-flus tad-Due Balli

Tkellimt ma' Roman Cutajar Tal-Ħaddied mill-Belt Valletta nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju 2004.

"Niftakar logħba msejjħa x-xiber tintlagħab f'nofs in Snin Ħamsin. Kont għadni tifel niġri mat-toroq tad-Due Balli, l-Belt fejn trabbejt. Din il-logħba kienet tintlagħab mas-swar tal-Belt iżda l-aktar ma' dak tal-Baviera. Il-lagħba kienu ħafna drabi rġiel mid-Due Balli, sidien tal-briedel jew tal-ħwienet tax-xorb ta' Strada Stretta. Dawn kien ikollhom ħafna flus, anki mitt lira fuqhom, fi żmien meta paga ta' raġel kienet xi tlett liri fil-ġimgħa. U aħna t-tfal, jekk ikollna sikspenz fil-but, konna niskantaw b'dawk il-flus kollha u l-irġiel kienu jkeċċuna."

"Tismagħhom jgħidu "Imxi nħabbtu xiber!" "

"Tilmaħ l-irġiel niżlin ta' kuljum in-niżla tal-Fossa fejn idellel wara nofsinhar. Għaliex din aktar tintlagħab fis-sajf għax in-nies toħroġ. Jieħdu sehem minn ġiex sa' anki għaxart irġiel. Kien hemm latrina, illum imtajjra, b'bejt lixx infistat tajjeb mingħajr trab u ġebel u jilgħabu fuqha. Il-logħba tibda billi jiftiehmu għal kemm ħa jilgħabu. Jibdew minn tmintax irbiegħi sa anki tlett liri, ħafna drabi b'muniti iżda xi drabi anki b'liri tal-karti li fuqhom jagħmlu biċċa ġebla."

"Il-flus li jintlagħbu, jitqiegħdu f'linja maġenb xulxin 'il bogħod mill-ħajt skond kif miftiehem bejn il-lagħba. Kulħadd jilgħab bis-sold tiegħu, jagħtuh kull forma, anki mgħawweġ ħalli meta dan jitħabbat mal-ħajt ikun jista' jersaq qrib il-flus li hemm fin-nofs. Jaqtgħu t-tokk u min jiġi jibda. Kulħadd kellhu t-tattika tiegħu kif iħabbat is-sold mal-ħajt. Ġaladarba dan jaqgħa mal-art u jkun qrib il-flus, dak li jkun għadu kif lagħab ikejjel b'xibru minn fejn straħ is-sold sal-flus. Dak li jilħaq b'xibru jirbaħ. Iżda dan mhux kollox, għaliex jekk b'xibrek tilħaq is-soldi ta' ħaddieħor toqtolhom, jiġifieri jieqfu mil-logħba. Trid tarahom, kulħadd iġebbed xibru."

"Min imissu jilgħab jerġa' jerfa' soldu, dejjem jekk ikun għadu ħaj. Min kellu l-pala tal-id kbira kellu vantaġġ, u mhux l-ewwel darba jew tnejn li minn kellu xiber żgħir tnaffar. Il-logħba tista' ddum mill-ewwel tefgħa ta' sold sa' anki nofs siegħa, dejjem skond il-bogħod li qed jitfgħu."

"Din il-logħba kontra l-liġi iżda qatt ma rajna puliżija lil hemm. Mhux l-ewwel darba li kienu jintrebħu ħamsa u għoxrin lira f'logħba. Ix-xiber ilha daqs tletin sena li nqatgħet. Hekk kif telqu l-Amerikani u majnat Strada Stretta din bdiet tinqata'."

---

[i] Żaren Busuttil Tal-Lixka jiftakar lix-xjuħ ta' Bormla jsejħu lill-munita tat-tmintax irbiegħi bl-isem ta' ċampella. Dan fi żmien meta n-nofs lira u l-lira kienu għadhom tal-karti. "Ikun hemm xi wieħed bajjad li se jbajjadlek u jgħidlek "Agħtini ċampella!" bħala ħlas. Din f'Bormla tinftiehem bħala munita qawwija." 14 ta' Lulju 2004 f' Ħaż-Żabbar.

[ii] Roman Cutajar Tal-Ħaddied mill-Belt Valletta jiftakar varjant ta' din il-logħba li kienet tintlagħab lejn l-1955 mit-tfal tad-Due Balli fuq is-sur ta' Sant Iermu. "Konna nsejjħulha Iċ-Ċama. Min ikun se jħabbat il-ballun irid jiċċama isem ta' ħaddieħor fl-istess ħin biex dak li jissemma jrid ikun pront jaqbad il-ballun qabel ma dan jaħbat darbtejn ma' l-art." 7 ta' Ġunju 2004 f'Wied il-Għajn.

[iii] Tifsira ta' din il-logħba kitibha Anton Attard fl-artiklu *'Il-logħba tal-bullari fuq is-Sur tat-Toqba, fil-Birgu'*. Dan ġie mitbugħ f'L-Imnara, Ħarġa 23, volum 6 numru 2 fl-1999. Jien ħassejt li kien hemm xi tagħrif siewi ieħor marbut ma' din il-logħba li huwa xieraq li jiġi ddokumentat.

[iv] Johnny Elseworth jgħidli li "xi ħadd jaħdem Sant' Anġlu kien iddobba xi laned kbar taż-żebgħa tal-laneċ tal-Ingliżi, li jużaw għall-qiegħ sabiex ma jżommx koċċli. Kienet lewn demm il-barri, qisha *maroon*, aħmar dagħmi. Tgħidx kemm kienet tajba għaliex ma' kull daqqa tal-ballun tal-kamoxxa mal-ħajt, din kienet terħi ż-żebgħa, turi li ntlaqtet il-linja u b'hekk taqta' ħafna paroli u ġlied." 5 ta' Ġunju 2004 fil-Birgu.

[v] Ġużi Ċiantar il-Kaxma, mandraġġar ġirbi, jgħarrafni li "min ikun se jibda l-logħba irid jgħid "Se nitma' jien", għaliex int tkun qed titma' l-ballun lill-ħajt. Kieku fit-tennis, bl-Ingliż tgħid *"It's my service"*. 7 ta' Ġunju 2004 fil-Birgu.

# IMKEJJEN BI ĠRAJJA FIL-BIRGU TA' L-IMGĦODDI;

# BANK IL-GĦAŻŻ

Anton Attard

Ix-xaqliba tal-Birgu magħrufa bħala "Il-Fortini', sa ftit snin ilu, kienet fost l-aktar inħawi mfitxija minn-nies ta' dawk in-naħat waqt il-ħin ħieles tagħhom. It-tfal, iż-żgħażagħ u xi kbar li jħobbu l-ballun kienu jehdew fil-grawnd maqtugħ xi ħames filati għoli mit-triq li twassal għall-Kalkara jew Ħaż-Żabbar. Oħrajn, l-aktar irġiel imdaħħlin fiż-żmien, u oħrajn mhux daqstant, kienu jintasbu bilqiegħda fuq ċint ta' żewġ filati, maqtugħ għalih, imdellel minn siġar għoljin u folti ta' **għeneb id-dib**, fuq il-lemin f'tarf in-niżla, qabel taqbad it-telgħa li twassal għall-Mina tas-Salvatur.

Dawk li ta' kuljum kienu jintasbu hemm, kemm filgħodu kif ukoll wara nofsinhar sa tard filgħaxija, erħilhom jiddiskutu, jargumentaw u jirrakkuntaw fuq kollox u, aktarx, fuq kulħadd. Billi fil-biċċa l-kbira kienu jkunu l-istess nies, aktarx bla xogħol jew qabżu s-sittin, iċ-ċint, forsi inġustament, ma damx ma tlaqqam '*Bank il-Għażż*; titlu li, ma' nies ta' ċerta eta', għadu mċappas bih sa llum.

Iżda aktar minn mitt sena ilu, l-għan li għalih inbena ċ-ċint kien differenti għal kollox u billi kif jgħidu, kull rokna fil-Birgu għandha xi storja, dan, kif se naraw, ma jagħmlilhomx għajb.

Daqs seklu u nofs ilu, dawk l-inħawi kienu differenti għal kollox minn kif huma llum. Kemm il-grawnd tal futbol, kif ukoll l-iskola Lorenzu Gafa' u magħhom it-toroq ta' madwar ma kinux hemm. Kien hemm biss wesgħa fejn fiha kien isir ix-xogħol tal-ħbula mill-ħafna kurdara li kien hemm fil-bliet tal-Kottonera. B'hekk, it-triq li twassal għall-Kalkara kienet waħda dejqa, pjuttost mogħdija, f'xifer il-wied, li għalkemm illum fadal xi ftit ħjiel tiegħu, biċċa kbira minnu ttieklet mill-bini li tela' mal-medda tas-snin.

Ġara li nhar it-Tlieta 7 ta' Settembru 1880, żewġt itfal, waqt li kienu jimbuttaw karretta fil-mogħdija msemmija, meta waslu f'xifer il-wied, it-tagħbija li kellhom fuqha għelbithom u waqgħu b'kollox għal isfel. Waqt li l-karretta saret biċċiet, wieħed minnhom ħelisha ħafif bi ftit brix u, forsi għax staħa, ħarab jiġri minn fuq il-post bla ma ħadd rah aktar. L-ieħor ittieħed l-għassa fejn il-ġrieħi li ġarrab f'rasu iddewwew mit-tabib tal-pulizija.

Il-ġurnal *The Malta Times* tas-Sibt 11 ta' l-istess xahar, waqt li xandar dan l-inċident ilmenta mill-qagħda mwiegħra ta' din il-mogħdija u ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jkunu fih il-ħafna suldati li jterrqu f'dawk l-inħawi lejn u minn Forti Rikażli u kwartieri militari oħra tal-qrib, speċjalment wara nżul ix-xemx. Hawn ta' min iżomm quddiem għajnejh li dawn, fil-biċċa l-kbira, kienu jkunu sejrin lura wara sigħat jixorbu fil-ħwienet tal-Kottonera. Barra minn dan, il-ġurnal imsemmi issuġġerixxa li, biex tiġi evitata xi disgrazzja aktar serja, fejn seħħ dan l-inċident għandu jinbena ċint, imqar ta' żewġ jew tliet piedi għoli, li l-kittieb tar-rapport qies li ma jiswiex aktar minn ftit xelini.

Is-suġġeriment tal-ġurnal ngħata widen fi żmien qasir. Iċ-ċint inbena u kif ġa għidna, għal għadd ta' snin, kien fost l-imkejjen popolari u frekwentati tal-Birgu.

Għadu wieqaf hemm sa llum, għalkemm biż-żieda kbira ta' traffiku li issa jgħaddi minn hemm, in-nies ma baqgħetx tfittxu aktar u safa ninsi minn kulħadd. Il-ġebel immermer jixhed is-seklu u kwart li għaddew minn fuqu u, skond kif kienu jgħidu xi wħud, kieku l-ġebel kien jitkellem min jaf kemm għandu x'jgħid.



# IL-FRATELLANZI TAS-SNAJJA'

## Lorenzo Zahra

Fil-knisja parrokkjali kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta wieħed jista' josserva l-kappelli bl-altari tagħhom li dari kienu jiffurmaw parti mill-ħajja soċjali tagħna. Dan għax kienu jappartjenu lill-fratellanzi marbutin mal-mestier ta' l-imseħbin.

B'hekk naraw il-kappella ta' San Mikiel li dari kellha fratellanza mwaqqfa fl-1644, l-aktar għal dawk li kienu jinnegozjaw fil-laħam u l-ħaxix, għalhekk il-miżien kien l-emblema tagħhom. Naraw il-kappella ta' San Martin bil-fratellanza mwaqqfa fl-1620 li kien patrun tal-ħaddiema tal-lukandi u ħwienet ta' l-ikel. Fis-sena 1611 twaqqfet il-fratellanza ta' Sant Omobonu li kienet tiġbor fiha l-ħajjata u l-bejjiegħa tal-ħwejjeġ. Grupp ieħor kien dak ta' l-arġentiera li kienu miġbura fil-fratellanza ta' Sant Elena imwaqqfa fl-1607. L-iskrapan kienu fi fratellanza taħt il-protezzjoni ta' San Krispin u San Krispinjanu. Fi knejjes oħra hemm fratellanzi oħra, bħal ngħidu aħna, f'Santu Wistin kien hemm fratellanza ta' San Kristofru għall-ħaddiema tal-ġarr li twaqqfet fl-1634. Fil-knisja ta' San Franġisk, fl-1635 twaqqfet dik tat-tobba taħt il-protezzjoni ta' San Kosma u San Damjan. Saħansitra l-barbiera kellhom il-fratellanza tagħhom li twaqqfet fl-1797 li għal bidu kienet fil-knisja tal-Ġiżwiti taħt il-protezzjoni ta' San Luigi re ta' Franza. Fratellanza oħra kienet dik tal-baħħara bi protettur tagħha San Franġisk de Paola, annessa mal-knisja ta' Santa Luċija.

Il-barklori kellhom fratellanza fil-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla u fil-parroċċa kien hemm dik ta' Sant Andrija għas-sajjieda. Fl-Isla, il-fratellanza tal-Madonna tal-Ħniena, msejħa Tal-Karita għall-iskjavi u servjenti. Fil-Birgu kien hemm dik ta' San Ġużepp għall-mastrudaxxi, u l-kurdara kellhom dik ta' Santa Katarina. F'Għawdex, fil-knisja ta' San Ġorġ kien hemm tal-ħwienet u l-bejjiegħa fil-fratellanza ta' San Mikiel. Fi żmien l-Ordni, il-Gran Mastru kien jista' jżid ir-rappreżentanti tas-snajja' fil-kunsill; Perellos kien żied tal-landiera.

Ta' nteress hu l-fatt li, meta kellna t-tmexxija ta' l-Universitas bil-kunsill, għal kull sena' kien ikun hemm konslu biex jista' jagħti parir dwar min jista' jingħata liċenzja f'dik is-sena' partikolari. B'eżempju nafu li Nettu Cristoforo tal-fratellanza ta' Sant Omobono tal-Birgu li kien jirrappreżenta t-tlitt ibliet ried jagħti permess lil ċertu Adamo jiftaħ ħanut ta' ħajjat; l-imħallef tal-kriminal kien oġġezzjona għax dan Adamo kien jaħdem ma' Nettu u ried jissuġġetah għal eżami għand Ċensu, l-konslu tal-fratellanza tal-Belt Valletta. Dan ġara fl-1804 meta kienet għadha tibda l-ħakma Ingliża. Mhux ta' min jinsa li l-konsli tas-snajja' Maltin kienu jmorru Sqallija għall-laqgħat dwar il-mestjeri tagħhom.

# FATATI FIL-BIRGU

Fl-imgħoddi konna nisimgħu xi stejjer li kienu jirrakuntaw uħud li fihom kienu jgħidu li raw xi ħaġa stramba. Aktarx kienu jgħidu li raw ħares jew fatat. Ukoll fil-Birgu hemm djar partikolari li jingħad li fihom raw il-ħares. Hawn min jgħid li tkun xi ruħ qed tistenna t-talb. Jista' jkun li hemm xi obbligi fuq dar li ma jkunux qed jitwettqu?

Fil-Birgu kellna dar li jgħidu li fiha kien jidher qassis bla ras, u jingħad li f'dik id-dar xi darba kien hemm kjeriku li safa mitfugħ fil-forn. Il-Kanonku Dun G.M.Farrugia kien jirrakkonta li meta l-werriet kjeriku ġie l-Birgu mill-Imdina jżur lil qrabatu ma deherx aktar u jingħad li biex jeħdulu sehemu tefgħuh fil-forn; in-nies raw biss il-ħmara tiegħu li kien ħalla marbuta mal-ħadid tal-monument tal-Vitorja fil-pjazza.

Meta din id-dar kienet inkriet b'ċens għal ħames snin, min kien jabita fiha jgħid li kien jara 'l dan il-qassis bla ras, u minħabba l-biża' kellu jikri band'oħra, imma kellu jibqa' jħallas iċ-

ċens sa ma għalaq. Jgħidu li meta l-Beata Emilia de Vialar kienet ġiet il-Birgu u fetħet skola fil-Palazz Bettina, dan il-post kienet krietu għal ħames snin, iżda wara sentejn kellha tabbandunah u tmur fil-Belt Valletta għax it-tfajliet *boarders* kienu qalu li raw qassis bla ras.

Jgħidu li fil-Kastell Sant' Anġlu kienet tidher forma ta' xbejba. Jgħidu li ma rawhiex il-Maltin biss, għax li meta hemm kienu jgħixu bosta baħrin Ingliżi dawn kienu jgħidu li waqt l-għassa ta' bil-lejl ġie li rawha għaddeja u kienu laqqmuha *The Grey Lady.* Is-Sur John Powell, li għadu mimli bil-għomor, jgħid li meta kien baħri u jmissu għassa bil-lejl fil-Kastell Sant' Anġlu kien raha nieżla t-taraġ li hemm għat-torri Tal-Bandiera jew *Saluting Tower.*

Fl-istess kastell, meta fit-Tieni Gwerra Dinjija kien okkupat minn ħafna baħrin Maltin u Ingliżi kienu ħaffru xelters fil-blat u f'wieħed minn dawn fejn kienu jinġabru għar-rikreazzjoni darba raw jittajjar farfett il-lejl sewdieni u billi deherilhom li din kienet ħaġa stramba huma laqqmu l-post *The Black Bat.* Iżda uħud stħajluh fatat jew ħares.

Hemm min jgħid li fl-imgħoddi f'Sant' Anġlu ġie li deher serp kbir u kienu jemmnu li jekk jidher dak is-serp kbir tkun ġejja xi diżgrazzja f'pajjiżna.

Jien u għaddej minn Triq it-Tramuntana fil-Birgu, fuq bieb imbarrat bil-ħaġar nara skrizzjoni li diffiċli tinqara minħabba li għadda ż-żmien minn fuqha. Il-kitba titfa' dawl fuq piżijiet ta' talb jew quddies għall-erwieħ, għax dari kienu bosta dawk li, qabel imorru d-dinja l-oħra, fit-testment kienu jordnaw li mid-dħul ta' dik id-dar kellu jsir xi quddies għal ruħhom. Dnub li skrizzjonijiet bħal dawn ma nagħtux kashom, għax dawn juruna l-passat tagħna meta magħhom konna nassoċjaw għajdut dwar dehriet ta' spirti.

Min qara l-ktieb tas-Sur Anton Attard dwar il-M.U.S.E.U.M. tad-duttrina fil-Birgu jaqra li meta nfetaħ dan il-post f'Dar iż-Żenqa fi Triq Santa Skolastika, mhux darba u tnejn xi soċi kienu jisimgħu taħbit u ħsejjes bla ma jaraw lil ħadd. Meta qalu b'dan lil Dun Ġorġ Preca hu kien irrikmandalhom biex jissuffragaw kemm jistgħu lill-erwieħ.

Lorenzo Zahra

# TIBŻAX MINNI: JIEN TARANS

Ommi hi mara raħlija li għadha temmen bil-ħares. Tgħid ħafna stejjer li issa smajna' ħafna bħalhom: il-ħares li jibdel il-flus f'bebbux, nies li qalgħu xi xebgħa kbira mill-ħares, djar li fihom bil-lejl jaraw xi purċisjoni b'xi tebut, eċċ. Imma fost l-oħrajn tgħid storja li fiha jissemma karattru li qatt ma smajt lil ħaddieħor isemmih. L-istorja hi din:

"Iz-zija Mari' kellha kamra li kienet f'nofs it-taraġ. Kienet iżżomm ħafna ħsajjar u tapiti, li ma tkunx qed tuża, irrumblati u mqiegħda f'xi rokna ġo fiha. Kull darba li kienet tgħaddi minn quddiem il-kamra kien joħroġ il-ħares minn ġot-tapiti u jdoqq il-fliexken. U kien idoqqhom sabiħ. U kien jgħidilha: "Tibżax minni: jien TARANS".

Din l-istorja għandha bżonn xi ftit tifsir. (1) Il-kelma Tarans" tingħad bl-istess aċċent tal-kelma 'Kalanġ' jew 'Parank'. (2) Idoqq il-fliexken jiġifieri li l-ħares ikollu flixkun f'kull id u jċekċikhom ma' xulxin biex joħroġ ħoss mużikali bħal meta xi ħadd idoqq b'xi kuċċarina fuq xi tazzi.

Ommi m'għandha l-ebda spjegazzjoni oħra ħlief li Tarans hu ħares li ma tibżax minnu għax mhux talli mhux vendikattiv u ma jagħmilx ħsara, imma talli jagħmel affarijiet sbieħ bħal, ngħidu aħna, jdoqq mużika tajba!

Peress li dejjem kelli kurżità' fuq dil-kelma 'Tarans' u qatt ma sibt lil ħadd li seta' jilluminani fuqha, ftit ilu fettilli nfittex il-kelma fl-*internet.* B'għaġeb kbir tiegħi, skond l-*internet*, *'Tarans'* fil-folklor SKOĊĊIŻ huma l-erwieħ ta' tfal li jmutu mhux imgħammda, li kienu jħufu fil-boskijiet waqt li jnewwħu għax ma jistgħux jidħlu l-ġenna. Sibt dil-poeżija:

TARAN'S TEARS

Haunting melodies through highland hills
Tarans' tears, lives unfulfiled
The cries of babes, unbaptised souls
Whimpering, pitiful sounds of woe.

Will someone sooth them please?
Hear their tears rustling through the trees!
I cannot gather them in my arms
Or keep them safe from further harm.

They did no wrong, but died too soon
Now forever the babes are doomed
To wander highand hills unknown
Poor frightened children, all alone.

Where is the Christ who loves us all?
Why doesn't he answer the tarans' call?
Listen now to a mother's plea
And from their torment set them free!

Il-Kelma 'Tarans' li taf ommi, u l-kelma 'Tarans' ta' l-*internet* x'aktarx li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin. Staqsejt lili nnifsi jekk fil-familja tiegħi qattx kien hemm xi kuntatt ma', ngħidu aħna, xi Ingliżi li setgħu influwenzaw lil ziti. Imma skond ommi, z-zija Mari' qatt ma kienet seftura ma' l-Ingliżi, u kemm hi u kemm ommi trabbew ir-raħal, maqtugħin minn influwenzi barranin.
Jiġifieri li bqajt ma qtajtx il-kurżità' u jekk hawn xi ħadd li sema' bil-kelma 'Tarans' f'kuntest Malti niehu pjaċir ħafna jekk jibgħat jgħarraf lill-Imnara.

ĠUŻI GATT

# It-Toponomastika ta' Kemmuna

Alex Camilleri

Wieħed mill-oqsma tal-kultura Maltija li minn dejjem laqatni huwa t-toponomastika, jiġifieri l-istudju ta' l-ismijiet tal-postijiet. Għax minbarra li jservi bħala mezz ta' identifikazzjoni ġeografika, kull isem huwa mgħobbi bl-informazzjoni dwar l-art fejn jinsab, u xi ismijiet qodma iservu wkoll bħala l-aħħar ħażniet ta' kliem Malti li llum qajla għadu jintuża u li għaldaqstant qed jgħib għal dejjem. Tista' tgħid li kull rokna fil-Gżejjer Maltin għandha isimha, xhieda ta' l-attenzjoni li missirijietna kienu jagħtu lid-dettalji li kienu jilmħu madwarhom. F'dan l-artiklu xtaqt naqsam magħkom xi tagħrif li ġbart proprju dwar l-iżgħar fost it-tliet gżejjer ewlenin tagħna: Kemmuna. Billi Kemmuna hija magħrufa l-aktar għal xtutha, jixraq li nibdew bi vjaġġ mad-dawra tagħha; nitilqu sewwasew mill-iskoll kbir ta' Kemmunett, li jinsab biswitha u li wkoll fih it-toponomastika tiegħu.

*Kemmunett u Bejn il-Kmiemen*

L-isem *Kemmunett* mhux għajr forma diminuttiva ta' "Kemmuna", minħabba r-rabta ġeografika bejn iż-żewġ gżejjer. Għalkemm tassew ċkejken (b' medda ta' 0.1 km$^2$), Kemmunett għandu għamla ta' gżira żgħira kompluta, aktar milli ta' sempliċi skoll; għandu forma ta' "S", b'irjus ta' blat maħruġa 'l barra u daħliet tal-baħar minquxin bejniethom. Hemm saħansitra l-ħjiel ta' wied, il-fdalijiet immermra ta' porvlista ta' żmien l-Ingliżi, u binja qadima donnha razzett b'taraġ wiesa' għall-baħar. Il-ġenb ta' Kemmunett li jħares lejn in-nofsinhar hu magħmul minn sies imdawwar u għoli, li jħaddan taħtu bajja żgħira miżgħuda b'għadd ta' għerien dojoq u tawwalin. Is-sies jitbaxxa lejn il-lbiċ, u jintemm ħesrem f'*Ras it-Tumbrell*. Minn hawn, il-kosta tilwi lejn il-majjistral u tinbidel f'xatt baxx li jibqa' sejjer matul il-baħar miftuħ sas-*Sikka ta' Kemmunett*. Din is-sikka twila, li tħares lejn il-port ta' l-Imġarr f'Għawdex, illum hija immarkata permezz ta' baga minħabba li hija ta' tiġrib għall-baħħara.

Max-xaqliba l-oħra ta' Kemmunett, sewwasew faċċata ta' Kemmuna, hemm ukoll *Ir-Ramla ta' Kemmunett*. Din id-daqsxejn ta' ramla għandha għamla unika fil-Gżejjer Maltin: ma tinsabx ġo bajja, u tmiss mal-baħar fuq żewġ fronti opposti. Lejn il-punent għandha medda ta' baħar li tifridha minn Kemmuna, filwaqt li mil-lvant il-baħar miftuħ jilħaqha minn ġo għar twil. Biswit Kemmunett, naraw żewġ skollijiet kbar u għoljin li, flimkien ma' sitt blatiet oħra ferm iżgħar u baxxi mal-baħar, jissejħu *L-Iskolji ta' Bejn il-Bibien*. M'għandniex xi ngħidu, il-fliegi qosra iżda mwiegħra li jifirduhom minn xulxin (kif ukoll minn Kemmunett u mill-eqreb ras ta' Kemmuna) huma magħrufa mill-baħħara bħala *Il-Bibien*. Hawnhekk naraw ukoll żewġ ħnejjiet naturali mdaqqsin (jixbħu lit-Tieqa tad-Dwejra f'Għawdex, iżda iżgħar) li jidhru sew minn fuq il-vapur f'Għawdex meta dan ikun bi dritt Kemmuna.

Il-Bibien jiftħu għal ġo fliegu ferm itwal u pittoresk li jaqta' għal kollox lil Kemmunett u l-Iskolji minn Kemmuna: *Bejn il-Kmiemen*, illum kummer-


Il-Fliegu ta' Għawdex
Il-Qala ta' San Niklaw
Il-Qala ta' Santa Marija (Il-Kola)
Daħlet il-Ħmara
Għar Għana
Tal-Fanal
Marġat l-Ożju
Għar id-Dubbien
Is-Sikka ta' Bejn il-Kmiemen (Tax-Xilep)
L-Imriek
Ta' Saver
50
Il-Banju tas-Sinjura
It-Taġen
L-Għassa
Iż-Żurżieqa
Il-Ħnejja ta' Bejn il-Kmiemen
Wied San Niklaw
Kappella ta' Santa Marija
75
Is-Sikka ta' Kemmunett
Bejn il-Kmiemen
L-Għassa
Fuq il-Bir tat-Tiġieġ
Il-Wejba
Tar-Rummien
Il-Bir tat-Tiġieġ
Kemmunett
Tal-Ful
100
Ir-Ramla ta' Kemmunett
Il-Forn
Ir-Ramlija
Ta' l-Ifrat
Wied Imdied
Ras it-Tumbrell
L-Iskolli ta' Bejn il-Bibien
Ta' Ġaland
Il-Bibien
Tal-Palma
Il-Wied ta' Skalanova
Il-Wardija
Il-Ħażina
Il-Bejta tal-Fenek
L-Għar ta' Bla Saqaf (It-Tieqa / Taħt il-Ħnejja)
Tad-Demmiela
Taħt il-Mazz
Fuq il-Qiegħa
Il-Qala tal-Mazz
Ta' Caruana
Il-Palazz
L-Għar ta' Taħt it-Torri (L-Għar tal-Ħares)
It-Torri ta' Kemmuna
Taħt it-Torri
Ir-Razzett
Taħt l-Imnadar
Il-Qortin tas-Suldati (Il-Qortin)
Wied Ernu (Wied Ternu)
Il-Ħruq ta' l-Irqieqa
Il-Ponta l-Irqieqa (Ir-Ras l-Irqieqa)
Ix-Xifer l-Aħmar (Il-Faxx / L-Għerien)

ċjalizzat bħala *"Blue Lagoon"*. Ta' min igħid li l-isem kummerċjali, li b'xorti ħażina qed iwassal biex bil-mod il-mod jintesa l-isem proprju tal-post, lanqas biss huwa korrett għax din mhix laguna. Interessanti wkoll li hawn insibu l-uniku użu tal-plural miksur tal-kelma "Kemmuna" fl-ilsien Malti, u marbuta ma' din il-lokalita nsibu wkoll idjoma partikolari li tintuża meta xi ħadd ikun indeċiż u bejn ħalltejn: "ninsab bejn il-kmiemen" (Aquilina, 1987). Sewwasew bi dritt ir-Ramla ta' Kemmunett, il-qiegħ ta' dan il-fliegu tant jitbaxxa li, jekk il-baħar ikun fieragħ, tista' timxiha minn gżira għall-oħra bla ma tgħaddas rasek taħt l-ilma.

Insibu toponimi oħra marbutin ma' Bejn il-Kmiemen. Ngħidu aħna, il-binja qadima li llum tintuża bħala latrina pubblika (iżda li dari kienet tal-gwardja kostjera) għadha magħrufa bħala *L-Għassa ta' Bejn il-Kmiemen*. Ftit aktar lejn it-tramuntana, insibu daħla ċagħkija ħelwa taħt irdum baxx (magħmul minn blat artab kemmxejn ħamrani msejjaħ "depożitu Kwaternarju" mill-ġeologi), maqsuma fi tnejn minn ħarrieġa blat magħrufa bħala *Iż-Żurżieqa*, li matulha tista' tinżel minn fuq l-irdum għall-baħar. *Il-Ħnejja ta' Bejn il-Kmiemen* (arkata naturali ċkejkna) tinsab eżatt taħt iż-Żurżieqa, u ftit aktar 'il hinn tinsab *Is-Sikka ta' Bejn il-Kmiemen* jew *Tax-Xilep*. Din is-sikka hi parti mill-qortin (*L-Imriek*) li jofroq il-baħar ta' Bejn il-Kmiemen minn dak tal-*Fliegu f'Għawdex*, il-medda baħar li tinsab bejn Kemmuna u Ħondoq ir-Rummien f'Għawdex u li tifred liż-żewġ gżejjer minn xulxin.

*Il-Fliegu f'Għawdex*

Matul dan il-fliegu, il-kosta ta' Kemmuna tista' titqies bħala sensiela ta' tliet bajjiet imdaqqsin b'ħarriġiet ta' art bejniethom iħarsu lejn Għawdex. Malli taqbeż is-Sikka ta' Bejn il-Kmiemen u l-għar għoli (msejjaħ *Għar Għana*) fuq ix-xaqliba l-oħra ta' l-istess ras, titfaċċa *Daħlet il-Ħmara*, l-inqas magħrufa fost dawn il-qaliet minħabba li mhix ramlija bħall-oħrajn. Minn dan il-post igħaddu l-*cables* u katusi ta' l-ilma lejn Għawdex; u xi strutturi relatati fil-fatt inaqqsu mis-sbuħija ta' din il-bajja pittoreska minħabba li ftit li xejn sar sforz biex dawn ikunu jaqblu aktar ma' l-ambjent tal-post. Biex tgħaxxaqha, parti sew mill-għolja *Ta' Saver* (li tħares fuq il-ġenb l-ieħor tal-bajja) tnaqqret ukoll minn żvilupp turistiku fil-viċin u munzell għoli ta' blat maqtugħ intafa' qrib ix-xatt.

*Il-Qala ta' San Niklaw*, kultant magħrufa wkoll bħala *Il-Port ta' San Niklaw*, tinsab ftit 'il bogħod. Din id-daħla b'żewġ ramliet, imsemmija għal kappella li dari kienet tinsab fil-qrib, hija mifruda minn Daħlet il-Ħmara permezz ta' ponta tawwalija msejħa *Tal-Fanal*, li fuqha għadhom jidhru l-fdalijiet ta' lampa tal-ħadid (xi pied 'il fuq mill-quċċata baxxa ta' l-art) li kienet tiggwida lill-baħħara. Il-ponta hija pjuttost stramba, peress li narawha maqsuma fi tnejn minn daħla ta' baħar dejqa, tawwalija u bi ġnub għoljin donnha ħondoq, li aktarx hija l-fdal ta' għar twil li llum sfronda. Il-ġenb sħiħ tal-Qala ta' San Niklaw illum huwa meħud minn lukanda kbira, li għarrqet mhux ftit l-ambjent u l-karattru tal-post. Wara waħda mir-ramliet żgħar fuq ġewwanett tal-qala, li illum huma wkoll privati u mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku, insibu għadd kbir ta' qasab li jikber folt peress li din hi l-bokka ta' wied żgħir (*Il-Wied ta' San Niklaw*). Ftit metri 'l bogħod mir-ramla ewlenija jinsab *Il-Banju tas-Sinjura*, għar ċkejken fil-baħar b'taraġ qadim maqtugħ fis-saqaf tiegħu għal għanijiet li mhumiex magħrufa u li wasslu biex inħolqot leġġenda fost l-abitanti ta' l-imgħoddi dwar mara li kienet tinżel dan it-taraġ u tgħib f'daqqa.

Jekk inkomplu nduru max-xatt skond id-direzzjoni ta' l-arloġġ, nerġgħu noħorġu 'l barra mill-qala. U hekk naslu ħdejn *Ħarġet l-Ozju*, skoll wiesa' maqtugħ għal kollox mill-art permezz ta' ħondoq dejjaq bi ġnub weqfin, ħlief għal pont naturali li jsaqqaf parti mill-ħondoq. Din il-formazzjoni tal-blat, li f'xi kitbiet qodma qegħda indikata bħala "Ħaġret Kuzzu" jew "Ħaġret l-Użif", inħolqot wara li parti minn xaqq kbir fil-blat (wieħed mill-*faults* ġeoloġiċi tas-sistema li fatmet 'il Kemmuna minn Għawdex u Malta) sfat mgħarrqa u mwessgħa mill-baħar. U fil-qrib hemm ukoll *L-Għar ta' Ħarġet l-Ozju*, għar żgħir fil-baħar li huwa imsejjaħ ukoll *Għar id-Dubbien*. Tgħid hija biss kumbinazzjoni li meta tidħol fl-għar idur għalik xebgħa nemus kbir li jistkenn fl-għar? Fil-qrib jibda kumpless turistiku ieħor (it-tieni medda mdaqqsa ta' bini fuq din in-nitfa ta' gżira !) li wkoll jidher bħal ġerħa kbira fil-pajsaġġ ta' madwaru. Minn hawn ikollna ngħaddu minn mogħdija dejqa max-xifer tal-baħar, għax l-iżvilupp iwassal kważi sax-xatt, sa ma naslu fil-*Qala ta' Santa Marija* (jew *Il-Port ta' Santa Marija*). F'din il-bajja hemm l-akbar ramla f'Kemmuna, imwennsa minn masġar ta' bruk xjuħ u minn bini antik (*L-Għassa*) li għadu jintuża sa llum mill-pulizija. Il-post ħa ismu mill-kappella antika ta' *Santa Marija ta' l-Eġittu* li għadha tinsab fil-qrib, u li hi meqjusa bħala waħda mill-eqdem fil-ġżejjer Maltin, iżda l-abitanti tal-post aktar jafuh bħala *Il-Kola* (aktarx taħsira djalettali ta' "qala"). Anke l-wied kbir li jiżbokka hawn huwa magħruf bħala *Il-Wied tal-Kola*, dan lħaddan fih il-kotra tal-ftit raba' li jeżisti fuq Kemmuna, u fih iferrgħu erba' widien oħra li nitkellmu dwarhom dalwaqt.

Kif nerħu r-ramla, naslu mill-ewwel f'wieħed mill-aktar imkejjen esposti f'Kemmuna: *L-Imnieri*. Fuq in-naħa ta' ġewwa (biswit il-bajja), dan l-ilsien kbir ta' art jidher bħala xatt baxx li jkennen ir-ramla u li jibqa' ħiereġ sal-*Ponta ta' l-Imnieri*. Dan huwa l-aktar tarf imbiegħed tal-gżira fuq in-naħa tal-grigal; bejnu u Ras il-Qala jintemm il-Fliegu f'Għawdex. F'din il-ponta hekk mikxufa, kif ukoll fi blata qribha mlaqqma *Iż-Żerżieqa*, il-qilla tal-maltemp naqqxet il-blat biex iffurmat mill-inqas żewġ ħnejjiet naturali u sensiela ta' skollijiet baxxi; wieħed minnhom huwa maqtugħ 'il barra sew bi dritt il-ponta u jissejjaħ bħalha *l-Iskoll ta' l-Imnieri*. Minħabba li d-dawra tal-ponta bis-sikek u l-iskollijiet tagħha hija mwiegħra għall-opri tal-baħar, jidher li fl-imgħoddi kienu jitqiegħdu xi dwal għall-baħħara; xhieda ta' dan huwa l-istess isem "imnieri", li mhuwiex għajr plural antikwat tal-kelma "mnara" (illum jintuża l-plural "imnajjar" minflok). Ix-xaqliba l-oħra ta' din il-peniżola li tħares lejn il-baħar miftuħ tissejjaħ *l-Imnieri ta' Barra*; hawnhekk, il-blat jogħla f'daqqa u jitfaċċaw għall-ewwel darba sisien għoljin u weqfin.

*L-Irdum ta' Kemmuna*

L-ewwel ma naraw malli nibdew telgħin lejn il-quċċata huma żewġ daħliet imnaqqrin fis-sies u mħaddnin taħtu. It-tnejn li huma jidhru miżgħuda b'għerien kbar fil-baħar, li flimkien jissejċu *L-Għerien ta' l-Imnieri*. Huwa post li jgħaxxaq bi sbuħitu, u huwa mfittex ħafna mill-bugħaddasa minħabba li fih ukoll għar twil taħt wiċċ l-ilma. Tassew ħaqqu prosit min, fis-snin sittin, fettillu jiftaħ bokka tad-dranaġġ proprju hawnhekk biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' l-istess żvilupp turistiku li ħassar il-bajjiet l-oħra! Faċċata ta' l-Għerien ta' l-Imnieri, is-sies jerġa' jisporġi 'l barra fil-*Ponta tal-Merieħa* (forsi taħsira ta' "mirjieħa", meta tqis il-qagħda mikxufa tagħha?). Ftit 'il bogħod tidher *Il-Bieqa* (roqgħa ta' tirxien kbar li nqatgħu mis-sies u waqgħu għal ġol-baħar) u mbagħad l-arkata kbira naturali magħrufa bħala *Id-Darsa* (minħabba l-għamla tagħha

li tixbaħ lil darsa maqlugħa bl-egħruq mikxufa); din ta' l-aħħar hemm ukoll min isejħilha "Sorm l-Iljunfant", xebħ kemmxejn fantażjuż u aktar reċenti.

Minn hawn 'il quddiem, fi kliem wieħed mill-ftit residenti ta' Kemmuna, *"jispiċċa s-sies u jibda l-irdum".* Għal ħafna Maltin, "sies" u "rdum" għandhom l-istess tifsira, mentri propriament l-irdum għandu wkoll ħafna rdim u tirxien (*boulders*) taħt il-faċċata għolja tiegħu. *L-Irdum ta' Kemmuna* huwa rdum għoli u li jsaħħar magħmul minn blat daqshiex li jdawwar il-lvant tal-gżira; fih jistkennu ħafna għasafar tal-baħar u għadd ta' xtieli li jikbru biss ma' l-irdumijiet tal-gżejjer Maltin, bħax-xebb (*Darniella melitensis*). Fih ukoll rokna fejn joqtor l-ilma ħelu mill-blat (*Il-Qattara*), li trid tixxabbat ftit biex tasal għaliha. Xi tirxien kbar huma mdawrin bil-baħar u jitqiesu bħala skollijiet; l-aktar imbiegħda mill-art hija *l-Imkebba* jew *Il-Qaqoċċa* (skoll mikul minn taħt, li għaldaqstant jistrieħ fuq għonq irqiq u qisu qaqoċċa mkebba ta' blat ippuntat). Hemm ukoll *L-Iskoll tal-Balla* jew *L-Iskoll tal-Kaħli* (sensiela ta' tliet blatiet kbar li jibqgħu ħerġin 'il barra fil-baħar u jidhru sew mill-Marfa f'Malta) u blata oħra li jgħidulha *Majsi.* Baħħar xiħ minn Għajnsielem darba kien irrakkuntali kif, skond ma jingħad, isem din il-blata tawwalija u dejqa (qisha nejba kbira) tnissel bħala karikatura ta' ċertu Majsi (jiġifieri Tumas), raġel Għawdxi ta' l-imgħoddi li kellu mixja kemmxejn partikolari: "dritta qisha Majsi". L-eqreb faċċata ta' l-irdum hija maħkuma minn kunsenturi kbar li jwasslu biex praxex kbar ta' blat jinqatgħu u jiġġarrfu bi vjolenza liema bħala kull tant żmien (bħalma seħħ lejn l-aħħar tas-snin '80), u l-inħawi isimhom magħhom: *Ta' Prexxa* (skond ir-residenti ta' Kemmuna, li huma ta' nisel Mellieħi) jew *Ta' Proxxa* (bl-Għawdxi). Sewwasew hawnhekk, bejn Ta' Prexxa u l-Ponta ta' l-Aħrax f'Malta, jibda l-*Fliegu ta' Malta* (għal min iħares lejh minn Kemmuna) jew *Il-Fliegu ta' Kemmuna* (kif jidher mill-Aħrax tal-Mellieħa). Għalkemm dan il-fliegu huwa usa' mill-Fliegu t'Għawdex u għandu baħar fond, mill-ġenb ta' Kemmuna toħroġ sikka kbira li fl-1889 inkalja fuqha l-bastiment Ingliż HMS Sultan; għadha magħrufa sal-lum bħala *l-Iskolji tas-Sultan*, u xi mapep tal-baħħara juru wkoll sikka oħra qribha (*l-Iskoll ta' l-Abjad tal-Proxxa*).

*Il-Fliegu ta' Malta u l-punent tal-gżira*

Hekk kif iddur għal ġol-fliegu tintlemaħ waħda mill-isbaħ irkejjen tal-gżira: *Il-Mixta.* Hawn tinsab daħla żgħira bi xtajta ċagħkija, imkennija ġo għar fil-baħar taħt sies imdaqqas; fil-għoli sew eżatt fuq din id-daħla, jispikka għar baxx iżda b'ħalq kbir, qisu niċċa enormi fil-blat li tidher anke minn Malta. Il-kelma "mixta" hija nom mimmat mill-istess għerq ta' "xita" u "xitwa", u tfisser post li jkennen mill-elementi. Fit-toponomastika tindika l-preżenza ta' għerien kennin fuq l-art (bħalma naraw f'Wied il-Mixta ħdejn Bengħisa, jew f'il-Mixta ħdejn Għajn Għabdul), u f'Għawdex anke narawha tintuża direttament minflok il-kelma "għar" (Il-Mixta ta' Wied ir-Riħan u l-Mixta tal-Qortin, it-tnejn qrib Wied ir-Riħan fin-Nadur). Ta' min isemmi li f'xi mapep uffiċċjali ta' Żmien l-Ingliżi l-isem narawh spellut ħażin bħala "Mi<u>sh</u>ta", filwaqt li f'xi pubblikazzjonijiet Maltin (fosthom il-mapep Ingliżi li nqalbu lura għall-Malti, kif ukoll fil-verżjonijiet tradotti tal-kitbiet magħrufa ta' De Soldanis) din sfat mgħawwġa għal "Miskta" u saħansitra "Mistika"! Fl-istess inħawi hemm ukoll *It-Trunċiera tal-Mixta*, batterija ta' Żmien il-Kavallieri mibnija f'għamla ta' nofs tond fl-1716 u armata bil-kanuni; uffiċċjalment kienet imsejħa *"Batteria di Santa Maria"* u t-triq antika li tgħaqqadha mat-torri (li għadha teżisti wkoll) hija murija fil-mapep bħala *"Triq il-Batterija".* Sewwasew taħt it-trunċiera


ex
Il-Qala ta' Santa Marija (Il-Kola)
L-Iskolli ta' l-Imnieri
Il-Ponta ta' l-Imnieri
Iż-Żerżieqa
Ħarġet l-Ozju
Għar id-Dubbien
L-Imnieri ta' Barra
Id-Daħla ta' l-Imnieri
L-Imnieri
L-Għerien ta' l-Imnieri
Il-Taġen
Banju Sinjura
L-Għassa
Kappella ta' Santa Marija
Il-Wied tal-Kola
Il-Ponta tal-Merieħa
Fuq il-Bir tat-Tiġieġ
Il-Wejba
Il-Bieqa
Tar-Rummien
Id-Darsa
Il-Bir tat-Tiġieġ
Il-Mutur tan-Nofs
Il-Forn
Il-Wied tal-Bieqa
L-Irdum
Ta' l-Ifrat
Wied Imdied
Il-Wied l-Aħmar
Tal-Liebru
L-Imkebba (Il-Qaqoċċa)
Għar il-Ħamrija
225
200
Tal-Palma
Il-Wardija
Il-Ħażina
Ta' Wied Imdied
It-Tliet Imdied
Il-Ħamra (Il-Modd)
Il-Qattara
Tad-Dommiela
Il-Ħabel l-Abjad
L-Iskolli tal-Balla (L-Iskoll tal-Kaħli / L-Iskoll ta' Proxxa)
Ta' Proxxa
Fuq il-Qiegħa
Tal-Maktur
Il-Ħatba s-Sewda
Ta' Caruana
Il-Palazz
150
Majsi
Il-Trunċiera tal-Mixta
Kemmuna
Tal-Berwieq
100
Il-Mixta
Il-Ħnejja (L-Arkata)
50
25
Il-Qortin tas-Suldati (Il-Qortin)
Wied Ernu (Wied Ternu)
Is-Sala
L-Iskolli tas-Sultan
L-Iskoll ta' l-Abjad tal-Proxxa
Il-Fliegu ta' Malta (Il-Fliegu ta' Kemmuna)

hemm skoll imdaqqas fil-baħar u arkata naturali fil-baħar li tissejjaħ *Il-Ħnejja* jew inkella *L-Arkata*. Lanqas jitwemmen li post il-ġmiel tiegħu bħalma huwa dan intagħżel fl-1980 biex fih issir bokka oħra tad-dranaġġ, f'dal-każ għal razzett tal-ħnieżer!

Il-bqija tal-ġenb ta' Kemmuna li jħares lejn Malta huwa xatt baxx u pjuttost monotonu, li matulu tista' tgħid tispikka biss id-daħla ta' *Wied Ernu*, li llum isservi bħala l-port ewlieni ta' Kemmuna peress li fiha jistgħu jorbtu bastimenti mdaqqsin. L-isem ta' din il-bajja spiss jidher fil-mapep bħala "Wied Ternu" (aktarx taħsira ta' "Wied t'Ernu") u kittieba oħra rnexxielhom ikissruh għal "Wied Ormu" wkoll; iżda lkoll isemmu l-"wied", li fil-fatt bilkemm jidher meta żżur il-post. Il-promontorju, jew aħjar qortin, li jkennen lil dan il-port żgħir min-naħa tal-punent (bejn wieħed u ieħor taħt it-torri) jissejjaħ *Il-Qortin tas-Suldati*. Man-naħa l-oħra ta' Wied Ernu hemm għar imdaqqas b'toqba fis-saqaf (*blowhole*) li minnha r-raxx tal-baħar ifawwar fil-maltemp. Għall-kompletezza, nsemmu wkoll *Is-Sala* (wesgħa żgħira bejn Il-Mixta u Wied Ernu, fejn ġieli tiltaqa' ma' xi sajjied bil-qasba li jkun intasab hemm għall-kwiet), *Ix-Xifer l-Aħmar* jew *Il-Faxx* (saff irqiq ta' blat ħamrani, magħmul minn ħamrija iffossilizzata li tissejjaħ "depożitu Kwaternarju" mill-ġeologi), *Taħt l-Imnadar* (fejn dari kien hemm mandra qadima li minnha m'għad fadal xejn għajr ħajt tas-sejjiegħ imġarraf) u *Taħt it-Torri*. Il-post ismu miegħu, għax fuq din ix-xaqliba jsaltan *It-Torri ta' Kemmuna* (magħruf mill-abitanti bħala *It-Torri*), li kien inbena mill-Granmastru Alof de Wignacourt fl-1618 u kien uffiċċjalment imsemmi *"Torre di Santa Maria"*. Fil-viċin tinsab ukoll *Il-Ponta Rqiqa* (kultant imsejħa wkoll *L-Irqiqa ta' Kemmuna* jew *Ir-Ras l-Irqiqa*), ilsien dejjaq u baxx faċċata ċ-Ċirkewwa f'Malta, fejn il-Fliegu jiftaħ mill-ġdid għal ġol-baħar miftuħ u għaldaqstant spiss ikun hemm kurrent qawwi.

Malli ddur mal-ponta, li tingħaraf mill-bogħod permezz tal-fanal żgħir li jinsab fuqha, il-bixra tal-kosta terġa' tinbidel. Il-blat jogħla f'daqqa sa ma jsir sies ta' bosta sulari, imsejjaħ *Il-Mazz*, li jdawwar qala imdaqqsa u sabiħa ferm li hija msemmija għalih: *Il-Qala tal-Mazz*. Ħarsa mill-qrib lejn dawn l-inħawi, mill-Ponta Rqiqa 'l ġewwa, turina għadd ta' skulturi naturali, waħda isbaħ mill-oħra: *Il-Ħruq ta' l-Irqiqa* (żewġt ixquq, jew ħruq, qrib il-ponta), *l-Għar ta' Taħt it-Torri* (għar kbir u fond, b'ramla ġo fih), *l-Iskoll ta' Taħt il-Mazz* (skoll għoli xi seba' sulari u bil-ponta, qisu nejba ġganteska ħierġa minn wiċċ il-baħar), u *l-Għar ta' Bla Saqaf*. Dan ta' l-aħħar ġieli jissejjaħ ukoll *It-Tieqa* jew *Taħt il-Ħnejja*, u huwa ħofra kbira u fonda qrib xifer l-irdum, b'żewġ bokok daqshiex: waħda fil-ġenb ta' l-irdum li minnha jidħol il-baħar, u oħra fis-saqaf li tinfed ma' wied żgħir qrib l-irdum. L-għamla ta' dan l-iskerz tan-natura tixbaħ kemmxejn lill-Maqluba (qrib il-Qrendi f'Malta), tant li xi ġeologi jaħsbu li ssawwar bl-istess mod bħala dagħbien kbir taħt l-art li mbagħad aktar tard il-baħar nifidlu ġenbu. Il-wied ċkejken li llum iferra' (jew aħjar isawwab, għax mill-għoli) l-ilma tiegħu għal ġol-Għar ta' Bla Saqaf huwa l-*Wied ta' Skalanova*, u jidher li ħa ismu minn taħsira ta' *"Scalo nuovo"*, taraġ li kien inqata' fil-blat fl-inħawi ta' Il-Bibien (li jinsabu fil-viċin) xi ftit aktar minn mitt sena ilu bħala post għall-iżbark u li llum ittiekel mill-elementi tant li bilkemm għadu jidher. Ħarsa lejn mappa, jew aħjar lejn ritratt mill-ajru, malajr turi li dan il-wied aktarx kien ferm akbar, u li Il-Bibien u Bejn il-Kmiemen mhumiex għajr partijiet mill-bokka tal-wied li llum jinsabu mgħarrqa taħt il-baħar. Dan ifisser ukoll li Kemmunett u l-Iskolji ta' Bejn il-Bibien dari kienu biċċiet mill-ġenb tal-

wied, li maż-żmien tnaqqxu u tkissru mill-baħar sa ma ġew kif nafuhom illum.

Ftit 'il bogħod mill-Wied ta' Skalanova tinsab daħla tal-baħar bi ġnub għoljin u kennija ħafna, li għandha bokka idjaq mill-bqija tad-daħla. Tissejjaħ *Il-Bejta tal-Fenek* (forsi minħabba l-għamla ta' mina twila naturali b'saqaf baxx li tinfdilha l-ġenb) u aktarx hija wkoll il-fdal ta' ħofra fonda oħra daqshiex li sfrundat taħt il-Wied ta' Skalanova, tant li l-fdalijiet tal-mogħdija ta' l-ilma (li kienet tkompli mal-wied) għadhom jidhru minquxa fuq iż-żewġ naħat tagħha bil-baħar bejniethom. Hija tassew ħasra li fl-1990 ftit li xejn ingħata każ tal-ħarsien ta' dan l-ambjent hekk sbejjaħ meta ddaħħlu l-inġenji u l-blat tqatta' bl-addoċċ biex sar moll f'din id-daħla, tant li tħalliet tiċrita kerha f'din ir-rokna hekk pittoreska. Wara l-Bejta tal-Fenek nerġgħu naslu ħdejn Il-Bibien, u b'hekk doma dawra sħiħa max-xtut tal-gżira.

*L-intern tal-gżira*

Il-ġewwieni tal-gżira tista' tgħid li huwa magħmul minn sensiela ta' għoljiet mirjieħa b'art xagħrija (jiġifieri ambjent bil- blat fil-wiċċ, fejn jibker is-sagħtar u xtieli oħra li jixbħuh), mifrudin minn widien baxxi. L-ogħla quċċata, sewwasew fuq L-Irdum ta' Kemmuna, qiegħda f'*Tal-Liebru* u taqbeż il-225 pied minn wiċċ il-baħar; jista' jkun li l-isem għandu x'jaqsam mal-fniek tal-grixti li jiġġerrew hawnhekk, peress li "liebru" ġieli tintuża biex tirreferi għall-fenek salvaġġ. Warajha tiġi l-*Ħatba s-Sewda* (għolja xi 200 pied), li qiegħda aktar lejn il-Ibiċ qrib ir-razzett tal-ħnieżer; ta' min igħid li l-kelma "ħatba" hija biss forma djalettali ta' "ħotba", u li l-isem m'għandu xejn x'jaqsam max-xitla magħrufa bħala "il-ħatba s-sewda", minkejja li din tikber hawn. F'għoli ta' 175 pied hemm ukoll *Il-Wardija*, li kemm isimha (taħsira ta' "guardia") kif ukoll ix-xaqliba fejn tinsab (qrib it-torri) jindikawha bħala lokal mnejn kienet issir l-għassa. Skond xi awturi, x'imkien f'Kemmuna hemm ukoll *Ħotbet il-Fejġel*, iżda din qatt ma rnexxieli niskopri fejn qiegħda.

Hemm tliet sistemi ta' widien ewlenin: Il-Wied tal-Kola, Wied San Niklaw u l-Wied ta' Skalanova, li diġà ltqajna mal-bokok tagħhom matul id-dawra tal-kosta. L-akbar sistema hija dik tal-Wied tal-Kola; għal ġo dal-wied jiftħu erba' widien oħra li jibdew propju bejn l-għoljiet li għadna kemm semmejna: *Il-Wied l-Aħmar* (l-akbar fost il-widien, li ħa ismu mil-lewn ħamrani ta' l-art, aktarx minħabba xi depożiti Kwaternarji li jinsabu mal-ġenb tal-punent tiegħu); *Wied Imdied* (wied ieħor imdaqqas, li ismu jidher indirettament f'xi mapep billi l-artijiet ta' madwaru huma indikati bħala *Ta' Wied Imdied*; *Il-Wied tal-Bieqa* (wied baxx ħafna, li jibda minn fuq l-Irdum bi dritt Il-Bieqa), u wied ieħor żgħir wara l-kappella. L-art imżerżqa magħrufa bħala *It-Taġen*, biswit il-kappella, ukoll tferra' għal ġol-Wied tal-Kola.

Partijiet imdaqqsin minn dawn il-widien (għajr għall-Wied ta' Skalanova) fihom ir-raba' maħdum, u xi nħawi oħra aktarx li kienu jinħadmu fl-imgħoddi. Għaldaqstant, niltaqgħu ma' bosta ismijiet ta' egħlieqi msemmija għall-prodotti tar-raba' jew għal dettalji agrikoli oħra: *Tar-Rummien* (fil-Wied tal-Kola), *Tal-Palma* (f'Wied Imdied), *Tal-Ful* (fuq Bejn il-Kmiemen), *Tad-Demmiela* (fir-ras ta' Wied Imdied) u *Fuq il-Qiegħa* (ħdejn il-Wardija). Qrib tal-Wardija nsibu wkoll żewġ ismijiet marbutin mat-trobbija tal-bhejjem: *Dar il-Baqra* li fil-fatt huwa għar artifiċjali qadim li kien jintuża bħala maqjel, u *Ta' l-Ifrat* (plural ta' fart, jiġifieri barri). Ma' dawn inżidu wkoll l-ismijiet li juru d-daqs tal-għalqa, il-kwalita tal-ħamrija, jew l-għamla tar-raba': *Il-Wejba* (fil-Wied tal-Kola), *Il-Modd* (fuq l-Irdum ta' Kemmuna), *It-Tliet Imdied* (bejn Il-Wied l-Aħmar u Wied Imdied), *Il-Ħażina* (fir-ras ta' Wied Imdied), *Ir-Ramlija* (fuq Bejn il-Kmiemen, u li xi żmien ilu kienet bdiet tintuża bħala miżbla) u *Tal-Maktur* (qrib Il-Ħażina); minkejja isimha, Il-Ħażina fiha masġar qadim u sabiħ magħmul minn għadd ta' siġar xjuħ taż-żebbuġ. Jidher ukoll li fl-imgħoddi l-art fuq Kemmuna kienet imqabbla għand aktar minn gabillott wieħed, bħalma jixhdu *Ta' Caruana* (taħt Il-Wardija) u *Ta' Ħaland* (qrib tal-Bejta tal-Fenek).

Toponimi oħra jagħtuna ħjiel ta' dettalji ġeoloġiċi, billi jiddeskrivu l-lewn tal-blat u l-ħamrija li tifforma minnu. L-istess bħall-Wied l-Aħmar u l-Ħatba s-Sewda li diġà semmejna, għandna wkoll *Il-Ħamra* jew *l-Għalqa l-Ħamra* (isem ieħor għall-Modd) u l-*Ħabel l-Abjad* (taħt il-Ħatba s-Sewda). Il-kelma "ħabel" hawn tfisser għalqa tawwalija u dejqa fuq ġenb ta' wied, u m'għandhiex x'taqsam ma' l-irbit. U nsibu wkoll mill-inqas toponimu wieħed (*Tal-Berwieq*, fuq Wied Ernu) marbut ma' l-ekoloġija tal-post, peress li jirreferi għal xitla salvaġġa li hija kotrana fl-inħawi u li tindika l-kundizzjoni ta' ambjent imfaqqar (aktarx wara sfruttar bla rażan mill-bniedem fl-imgħoddi) li qed jibda jirkupra, bħalma kultant naraw fl-egħlieqi li jkunu ilhom żdingati.

Ngħidu xi ħaġa fuq xi binjiet storiċi u fdalijiet qodma li jinsabu fuq Kemmuna. L-aktar magħrufin fosthom qegħdin qrib tal-baħar u għaldaqstant diġà tajniehom titwila: il-kappella ta' Santa Marija, It-Torri, It-Trunċiera tal-Mixta, u ż-żewġ għases. Iżda hemm oħrajn ukoll. Bla dubju, l-akbar

u l-aktar importanti huwa *Il-Palazz*, bini qadim ta' Żmien il-Kavallieri (fih ukoll stemma ta' xi Granmastru minquxa f'wieħed mill-ħitan, iżda din bilkemm tingħaraf tant kemm hi mikula) li jinsab qrib ħafna tat-Torri u li tkabbar madwar mitt sena ilu biex jintuża bħala sptar. Għalhekk huwa magħmul minn swali mdaqqsa li jagħtu għal fuq kurituri miftuħin bil-loġoġ madwar bitħa kbira li għandha t-titlu uffiċjali ta' *"Misraħ il-Liberta"*, isem kolonjali kemmxejn bombastiku li aktar tistenna li tiltaqa' miegħu f'xi pjazza ewlenija ta' belt kbira milli fuq gżira kważi diżabitata! Il-ftit residenti tal-gżira llum joqogħdu fil-Palazz jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu.

It-triq li tgħaddi minn quddiemu ssemmiet *"Triq Congreve"*, għall-gvernatur Ingliż Sir Walter Norris Congreve. Din it-triq tibqa' sejra sa Santa Marija (sewwasew sa moll u remissa qodma qrib l-Għassa, li kellhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-isptar), filwaqt li fergħa tagħha (*"Triq Kemmunett"*) twassal għal Bejn il-Kmiemen u San Niklaw. F'salib it-toroq, hemm siġra tal-bruk (*Tamarix africana*) magħrufa bħala *Is-Siġra tan-Nofs*, u eżatt warajha jidher ukoll *Il-Forn*, bini ieħor imdaqqas madwar bitħa kbira kompluta b'għadd ta' mqawel. Dari fih kien jinħema l-ħobż, u għad li partijiet mill-bini llum qed jaqgħu, it-tagħmir prinċipali (il-forn tal-ħobż, il-bank tal-ġebel bil-lembijiet fejn kienet issir l-għaġna, u l-armadji fejn l-ikel kien jitqiegħed biex jibqa' sħun) għadu sħiħ peress li kien ġie irrestawrat xi snin ilu. Fuq għolja fil-qrib hemm ukoll ċimiterju qadim, li jintagħraf mill-bogħod billi huwa mdawwar b'ħajt għoli.

Fix-xagħra ta' wara l-Forn hemm bir qadim magħruf bħala *Il-Bir tat-Tiġieġ*, li ta ismu lill-art kemmxejn ogħla li tifirdu minn San Niklaw: *Fuq il-Bir tat-Tiġieġ*. Jeżistu wkoll bjar oħra qodma: wieħed qrib il-kappella ta' Santa Marija, u ieħor fond ħafna mistur qalb ix-xagħri qrib il-Wied tal-Bieqa. Hemm ukoll spejjer fondi, uħud minnhom armati bi ġwiebi qodma maġenbhom u bi kmamar għall-makkinarju goff li kien jintuża fi snin mgħoddija għall-ippumpjar ta' l-ilma tal-pjan. Fost dawn il-kumplessi għandna *Il-Mutur ta' San Niklaw* (ħdejn ras il-Wied ta' San Niklaw), *Il-Mutur tan-Nofs* (fejn il-Wied l-Aħmar u Wied Imdied jingħaqdu mal-Wied tal-Kola) u tnejn oħra bħalhom, fil-Wied tal-Kola u l-Wied l-Aħmar.

Min ifittex bir-reqqa jintebaħ ukoll b'xi għerien ċkejknin artifiċjali, donnhom oqbra, imxerrdin 'l hawn u 'l hinn (ngħidu aħna, fil-Wied ta' Skalanova, f'Wied Imdied, u taħt il-Ħatba s-Sewda). Skond resident lokali, dawn kienu tħaffru fl-irkejjen l-aktar imwarrba bħala kenn ta' malajr f'każ ta' maltemp qawwi. Akbar minnhom hemm *Għar il-Ħamrija*, maqjel maqtugħ fil-blat fil-ġenb l-għolja li tifred il-Wied l-Aħmar minn Wied Imdied; f'dan l-għar jolqtuk l-għadd ta' slaleb imnaqqxin fis-saqaf tiegħu. Fuq il-quċċata mirjieħa ta' l-istess għolja hemm ukoll żewġ giren (waħda minnhom imġarrfa għal kollox) li aktarx ukoll kienu jintużaw għall-kenn mill-elementi.



*BLUE LAGOON?* L-isem kummerċjali, li b'xorti ħażina qed iwassal biex bil-mod il-mod jintesa l-isem proprju tal-post, lanqas biss huwa korrett għax din mhix laguna.

*Egħluq*

F'dan l-artiklu, ippruvajt nagħti ħarsa kemm jista' jkun informattiva lejn it-toponomastika ta' Kemmuna fl-isfond ġeografiku, storiku u folkloristiku tagħha, u lejn ir-rabta qawwija li dan l-aspett lingwistiku għandu ma' l-ambjent kampanjol u mal-baħar. Dawn l-elementi kollha magħġuna flimkien jagħtu lill-post l-identita tiegħu, u tkun tassew ħasra kbira jekk dan il-karattru jitħalla jitnaqqar u jiftaqar. Fl-aħħar tletin sena, il-kummerċjalizzazzjoni bla ħniena ta' din il-ġawhra tan-natura mhux biss wasslet għal qerda bla sens ta' l-ambjent innifsu, iżda għamlet ukoll ħilitha biex tipprova tnessi ismijiet awtentiċi bħal Bejn il-Kmiemen sabiex minflokhom jiddaħħlu titli eżotiċi bħal "Blue Lagoon". Daqstant ieħor, niftakar operatur partikolari jiftaħar li hu stess ivvinta l-isem "Crystal Lagoon" (tassew oriġinali !) minflok Il-Bejta tal-Fenek u l-Qala tal-Mazz, u li qed jagħmel ħiltu kollha biex dan l-isem jibda jintuża dejjem aktar fil-pubblikazzjonijiet lokali. Filwaqt li bosta awturi, minflok ma jindenjaw ruħhom iffitxu l-isem korrett tal-post qabel ma jippubblikaw xogħolhom, erħilhom jivvintaw ismijiet bl-addoċċ għal kull okkażjoni, tant li llum ġieli aktar tiltaqa' ma' ismijiet foloz bħal "Lantern Point" minflok Il-Ponta l-Irqiqa, "Santa Maria Caves" minflok l-Għerien ta' l-Imnieri (li, wara kollox, ma jinstabux f'Santa Marija) u "Smuggler's Cove" (aktar qisu isem ta' dverna milli ta' xatt il-baħar) minflok Wied Ernu. Ma' dawn inżidu wkoll l-ismijiet ibbastardjati bħal "San Niklaw Bay" (nofsu Malti u nofsu Ingliż) u "Santa Maria Bay" (nofsu Taljan u nofsu Ingliż), u l-forom Taljanizzati "Comino" ("comino" jew "cumino" hija t-traduzzjoni Taljana ta' "kemmun", tip ta' ħwawar li jintuża fit-tisjir) u "Cominotto" (diminuttiv ipotetiku ta' "comino"), li nħolqu fi żminijiet meta l-Malti ma kienx għadu rikonoxxut bħala lingwa uffiċċjali! Din l-injoranza kulturali qegħda toħnoq il-karattru tal-post b'pass dejjem aktar mgħaġġel, u hija wkoll sintomu ta' marda usa' li bil-mod il-mod qed toqtol is-sbuħija ta' l-ilsien Malti. Għaldaqstant, nittama li dan l-artiklu jgħin biex jimtela xi ftit minn dan il-baħħ kulturali. Nagħlaq billi nrodd ħajr lil dawk kollha li għenuni niġbor din l-informazzjoni sabiex ma tintilifx, u nistieden ukoll lil min għandu xi tagħrif ieħor biex jaqsmu magħna wkoll.

*Riferenzi*


1. Agius de Soldanis, Giovanni Pietro Francesco (Sek. XVIII): *Il Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano.* Verżjoni maqluba għall-Malti minn Mons. Ġużepp Farrugia (1936): *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, Edizzjoni "facsimile" maħruġa mill-Fondazzjoni Belt Vittorja (1999).
2. Aquilina, Joseph (1987): *Maltese-English Dictionary.* Midsea Books Ltd.
3. Anonima (bla data): *Piano dell'Isola del Gozzo, Commino e parte dell'Isola di Malta* (mappa qadima fl-arkivju nazzjonali f'Għawdex)
4. Boffa, Charles (1966): *The Islets of Comino & Filfla.* Lux Press.
5. Borg, Antonino (c.1795): *Piano dell'Isola di Malta, Gozo e Commino*, riprodotta f'Cini, Charles(1992): *Gozo - A Journey in the Past.* Ars Nova Publications.
6. Farrugia Randon, Stanley & Farrugia Randon, Robert (1995): *Comino, Filfla and St. Paul's Island.*
7. Mapep qodma riprodotti fil-Wignacourt College Museum tar-Rabat, u (*Plan of Comino - G.C. 12.6.72*) fir-*records* tad-Dipartment tax-Xogħlijiet Pubbliċi
8. Penza, Carmelo (1969): *Il-Flora Maltija Mediċinali*
9. Zingarelli, Nicola (2003): *Vocabolario della Lingua Italiana.* Zanichelli Editore.


*Komunikazzjonijiet personali:*

1. Massimino ("Siminu") Azzopardi - sajjied minn Għajnsielem u ex-kaptan tal-lanċa għal Kemmuna
2. Mattew Azzopardi - sajjied minn Għajnsielem u ex-kaptan tal-lanċa għal Kemmuna
3. Salvu Vella ("Il-Venew") - resident ta' Kemmuna
4. Anġlu Vella - resident ta' Kemmuna
5. Victor Scicluna - ex-PWD Kemmuna
6. Dun Ġużepp Hili - barklor Għawdxi tal-lanċ turistiċi
7. Pullu Buttigieg ("Taċ-Ċerna") - sajjied mix-Xewkija u barklor ta' luzzu għal Kemmuna

**Xogħolijiet minn Membri ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor**
**Awissu 2003 - Lulju 2004 miġbura fil-qosor minn Guido Lanfranco**

F'ħarġiet oħra ta' l-Imnara kont tlabt biex membri li ppubblikaw xi ktieb, artikoli jew xogħolijiet oħra javżawni biex nista' ninkludihom f'din it-taqsima, imma ħlief għal tliet każi ma rċevejt l-ebda nformazzjoni. Għalhekk hawn jidhru dawk li rnexxieli niġbor jien u navża li din hi l-aħħar darba li se nidħol għal dan ix-xogħol.

Jekk hawn issibu xi ftit sentenzi ta' spjegazzjoni dwar tnejn mill-kotba, dan minħabba li l-awtur ikun għaddieli l-pubblikazzjoni msemmija. Xogħolijiet oħra qed nelenkhom biss mingħajr elaborazzjoni.

ATTARD, ANTON Ħareġ ktieb *Għajn ta' Ġid li Ssaqqi Belt* (2003) 242 p.
Dan il-ktieb sabiħ jittratta l-ġrajja tal-qasam tas-subien tal-M.U.S.E.U.M. tal-Birgu sa l-2001. L-awtur ilu jiġbor informazzjoni għal dan ix-xogħol, u r-riżultat huwa mhux biss stampa ċara ta' l-istorja u l-iżvilupp ta' dik l-għaqda għat-tagħlim tad-duttrina, imma wkoll parti mill-istorja soċjali tal-Birgu. Fil-ktieb hemm mifruxin madwar 140 ritratt li juru ħafna aspetti mill-ħajja ta' l-għaqda u l-membri tagħha. Jissemmew għadd ġmielu ta' persuni li ħajjithom kienet minsuġa ma' dik l-għaqda u mal-Birgu. Dan il-ktieb żgur li għandu jinteressa mhux biss lill-membri kollha tal-M.U.S.E.U.M. tal-Birgu, ta' Malta u Għawdex, imma wkoll lin-nies tal-Birgu u dawk li jħobbu jaqraw dwar l-istorja soċjali ta' Malta. Fil-programm tal-festa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla 2003, Anton Attard kiteb artiklu dwar *Bormla mit sena ilu.*

BORĠ CARDONA, ANNA Fit-*Treasures of Malta X 1 2003* kitbet artikllu *16th Century Dances and Masquerades*. Il-grupp *Gukulari Ensemble* li kienet waqqfet hi fl-2000 ġie mistieden imur jipparteċipa fil-festival ta' f'Budapest, f'Marzu 2004; f'Sett. 2003 pparteċipa f'kunċert f'Bir Miftuħ, u f'Ott. fis-sala Isouard, Teatru Manoel

CAMILLERI, JOSEPH C. Kiteb għadd kbir ta' artikoli. Fis-*Saghtar* 4 artikli suġġetti diversi; fis-*Sunday Times* dwar bolli tal-Milied; f'*Il-Mument* kitbiet fuq bosta suġġetti, fosthom diversi serje dwar pajjiżi tal-UE, palazzi f'artijiet ora, persunaġġi magħrufa, festi, ħarsa ħafifa lejn l-istorja ta' Malta, bliet u rħula f'Għawdex, festi, eċċ.

CASSAR-PULLICINO, ĠUŻE` Ħareġ edizzjoni ġdida u aġġornata ta' *"HAġa Moħġaġa u Taħbil il-moħħ Ieħor"* 2003. L-ewwel edizzjoni ta' dan ix-xogħol kienet deheret f'erba' partijiet bejn l-1957-1959. Fis-17 ta' Diċembru 2003 saret serata f'ġieħ Ġuże Cassar Pullicino fil-bilbljoteka ta' l-universita fejn ġie preżentat dan il-ktieb u saret wirja ta' xogħolijiet tiegħu.

CHETCUTI, ĠUŻE` Ħareġ ktieb "*Ġuże Chetcuti, Ħajti mill-bidu sa qrib it-tmiem, Tifkiriet u Reminexxenzi 1914-2003*" 439 Paġna (2003). Kien intervistat (*Mument* 11-1-04) f'għeluq id-90 sena tiegħu. Kellu poeżija *Bormla Belt Twelidi* fil-progr. Festa Kunċizzjoni, Bormla 2003.

CILIA, GEORGE F'*Tas-Sliema* Apr.-Ġun. 2004 artiklu dwar *Il-mużew tal-Bank of Valletra f'Tas-Sliema.*

**DE PIRO, NICHOLAS** Ippubblika ktieb lussuż u artistiku mill-isbaħ *The Quality of Malta, fashion and taste in private collections,* 300 paġni (Nov. 2003). Kompla jikteb f'*Malta This Month* fuq Il-kok, il-ħajjat, id-dentist, l-arġentier, eċċ. Kellu ntervista fuq it-TV *Kalejdoskopju* Educ. Channel 22.

**DOUGALL, ANGELO** Fost kitbiet oħra kellu kitba *Il-Fanal ta' Dellimara* fit-*Torċa* 7-1-04; fil-progr. Tas-Soċ. Agrarja artikolu *L-Imnarja 2004* artikolu *L-Imnarja tal-1944: sittin sena ilu* li f'Lulju 1984 kien deher f'Il-Mument.

**GAMBIN, KENNETH** Kiteb *One Hundred Years of Heritage 1903-2003,* 48pp 2003; *The Inquisitor's Palace Vittoriosa* 40pp, 2003; Editja l-ktieb *Malta, Roots of a Nation* fl-okkażjoni tal-wirja fil-mużew ta' l-arkeoloġija Ġunju-Lulju 2004; kien intervistat (*Net TV*) 20-1-04 fuq il-wirja dwar devozzjonijiet.

**GANADO, ALBERT** Kiteb *Two mysterious deaths (Gius. Grech & Melchiorre Gafa) Sunday Times* 9-11-03; *The Maltese Criminal Code* fis-*Sunday Times* 7 u 14-12-03. U *Visual representation of Maltese features* taħditiet għall-Din L-Art Helwa, 11-12-2003.

**GATT, ĠUŻI** Artiklu dwar vokabularju Malti konness mat-*Trobbija tan-naħal* fil-Progr. Festa Siggiewi Festival Brass Band & Social Club 2004 p.95-121 (fl-2002 kellu dwar il-klieb u l-qtates p.85-105). Mal-grupp Etnika intervistat fuq TV Channel 22, 18-4-04 fil-programm *Gwernica.*

**GAUCI, GREGORY** Hareġ il-ktieb *Good Friday and Easter Statues and Processions of Malta and Gozo; History and Traditions* .2003 101 ritratti 167 paġ..

**GRECH, SERGIO** Fis-*Saghtar* 2003-2004 kiteb dwar Pinto, Manwel Dimech, Inkwiżizzjoni u aspetti oħra storiċi. Fuq *In-Nazzjon* kiteb dwar kotba, pulitka, Milied, poeżija, intervisti ma' poeti, u reċensjonijiet. Fil-*Fokus / Mument* kiteb dwar trejdunjoniżmu, wirt storiku, kotba, teatru, awturi, reċensjonijiet, u ntervisti. Kiteb ukoll f' *Il-Presepju, Versi,* minbarra intervisti ma' kittieba fuq *Education Channel 22.*

**GRIFFITHS, VICTOR** Kiteb id-daħla għall-ktieb ta' John Manduca *The Bonham Carter Diaries* Apr.2004

**GRIMA, JOSEPH F.** Hareġ il-ktieb "*Minn Ġrajjet Parroċċa Maltija: San Ġorġ ta' Ħal Qormi* 2003 190 paġ.

Ktieb maħruġ mill-parroċċa San Ġorġ fl-okkażjoni tat-tifkiriet ċentinarji tal-1700 sena mill-mewt tal qaddis. Huwa ppakkjat b'informazzjoni mill-aktar dettaljata u juri l-iżvilupp tal-knisja u ta' Ħal-Qormi. Jibda mill-medju evu u jkompli dieħel fiż-żminijiet ta' l-Ordni ta' San Ġwann sakemm jittratta żmien l-Ingliżi u jasal sa żmienna. Madankollu jibni l-istorja madwar l-iżvilupp tal-knisja parrokkjali u jidħol sewwa fil-ħajja soċjali u l-poplu. Fih aktar minn mitt illustrazzjoni fit-test u aktar minn tletin oħra bil-kulur barra mit-test. Minbarra l-indiċi jagħti 10 paġni ta' bibljografija. Ippubblika wkoll ktieb bilinwali *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Parroċċa San Ġorġ Ħal Qormi / Holy Week Processions at St. George's Parish, Qormi* 2003, 81 paġna. Fis-*Sacra Militia* Nru 2 2003 kiteb *Caravans and Caravanists on the Order's Galleys (c 1600-1650)* p.34-40.

**GUILLAUMIER, ALFIE** Hareġ il-ktieb *Dun Katald u Ħrejjef Oħra* 2003

**JACCARINI, CAROL** Kien intervistat dwar bini rurali fuq il-programm *Gwernica, Education Channel 22.*

**LANFRANCO, GUIDO** Hareġ gwida għall-*Għarb Folklore Museum* Jan. 04; it-tieni edizzjoni ta' *Xogħol, Ġaħġlħ u Snajja li spiċċaw* 2004. 20 artikolu għall-programmi tal-festi ta' diversi bliet u rħula, dwar l-istorja tal-Festi, qubbajt, ġbir, tqassim, leġġendi, xemgħa, kastigi, sajjetti, Għawdex, Ġimgħa l-Kbira, Santamarijiet, pellegrinaġġi, devozzjonijiet varji, fratellanzi, armar, Korpus, *chapbooks*, drammi, eċċ. F'kotba oħra kiteb sezzjonijiet e.g.: f' *Profili bijografiċi. Ta' Sliemiżi*. . (Raniero Zammit 03); *Ix-Xjenzi Naturali: Flora u Fawna* pag. 9 - 48, fl-ktieb *L-Istorja tax-Xjenza f'Malta* 2003 (editjat minn C. Savona Ventura); dwar il-Moviment tal-Malti f'*Kelinu Vella Haber* (Paul P. Borg), *Centenaries & Anniversaries 2004 of interes to the Maltese* fil-*Malta Year Book 2004;* u għamel l-illustrazzjonijiet għall-kotba *Il-misteru tar-Rotunda* (Tony Cutajar 03) u *Alice fil-pajjiż ta' l-għeġubijiet* (John Sciberras 03); 9 artikoli f'*Tagħna t-Tfal* dwar ix-xhur, 8 artikli fis-*Sagħtar* dwar *Hajjitna fl-imgħoddi (it-tielet sena).* Serje *f'Tas*-Sliema, eċċ. Ukoll artikoli fil-gazzetti dwar ganutell, Milied, reċensjonijiet ta' kotba, u programmi tat-televiżjoni, radju, intervisti, taħditiet, parteċipazzjoni f'wirjiet ta' l-arti u oħrajn folkloristiċi.

**MASINI, FRANCO** Kiteb *Marsalforn from a 19th Century Manuscript* paġ. 29-52 tal-ktieb *Marsalforn in Retrospect* antoloġija editjata minn Jos. Refalo 2003. Fil-21 Diċ. 2003 għamel diskors dwar Ċensu Tabone fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tal-medalja *Għawdex irodd ħajr* lil- *ex*-President ta' Malta f'serata li saret f'Ta' Ċenċ. Parti minn dan id-diskors deher f' *In-Nazzjon* 13-1-04.

**MIFSUD CHIRCOP, ĠORĠ** Hareġ *Il-Folklor Malti* Vol. I & II 445 paġ. 2004 fil-Kullana Kulturali; Ktejjeb *Casolina* 2003; Fil-ktieb *Malta Roots of a Nation* ikkontribwixxa artiklu dwar l-Għana. Kiteb ukoll dwar *Giants of Malta* (f'Kultura No. 1) u dwar Ġaħan (fin. No.2 2004); *In-arratur fil-Folklor* (Siġġiewi progr. Festa 2004); dwar il-*Ġimgħa ta' snajja* (Nazz.20-10-03); dwar lingwa (Nazz. 21-2-04), *Għodwa Maltija għall-istejjer, Rabat* (Nazz. 13-2-04; Ġens 14-2-04; Sun. Times 8-2-04; Fokus/Mument 8-2-04); *Bamboċċu* (Nazz. 12-12-03); *7th Folk Singing Festival* (Sund. Times 23-1-04; Malt. Indep. 16-5-04); Mal-kunsill lokali Qormi iffirma bħala president Kadenzi għaqda ta' l-Għanneja biex jużaw il-lokal.(The Times 9-3-04Nazz.12-3-04); Kellu intervisti fuq it-TV dwar l-għana; Għamel kelmtejn fl-okkażjoni ta' Ġuże Cassar Pullicino 17-12-03; Għammel kors taħditiet fis-sede ta' l-AZAD dwar il-folklor;

**PELLEGRINI, FRANCO** Ha inizzjattiva biex jiġi restawrat manuskritt l-aktar antik tal-1465 fl-arkivji tan-nurara (Sun. Times 14-9-03).

**SAVONA VENTURA** Kiteb ktieb *Knight Hospitaller Medicine in Malta 1530-1798* 2004 334 paġ. ; Editja l-ktieb *L-Istorja tax-Xjenza f'Malta* 2003, u fih ikkontribwixxa kitba dwar klima, kimika, fiżikau u mediċina; Hareġ *Devotees of Venus: A History of Sexuality in Malta* 2003 89paġ.; u *History of Maternity Care in The Maltese Islands* 2003; Kiteb *Early Medical Literature in Maltese in XIX & XX Centureis* fil-ktieb *Storja 2003-4.*

**SCIBERRAS, JOHN** Hareġ il-ktieb *Allice fil-Pajjiż ta' l-Għeġubijiet* Settembru 2003 92 paġ. Illustrat bil-kulur (traduzzjoni mill-ingliż ta' *Alice in Wonderland*). John Sciberras, għalliem u kittieb magħruf tal-Malti u poeta, sfortunatament miet ħesrem fit-8 ta' Marzu 2004.

**VELLA BONDIN, JOSEPH** F'Ottubru 2003 ix-xogħol għal palk tiegħu *Is-Sur Mastru Bella, il-Professur u Proġetti Oħra* f'żewġ atti sar f'St. James Cavalier Centre for Creativity, dirett minn John Suda. (Sun. Times 12-10-03); Fil-ktieb *Malta: Roots of a Nation* (ara Gambin, fuq) ikkontribwixxa artiklu dwar il-mużika f'Malta; Kiteb dwar Benigno Zerafa kompożitur (Sun. Times 28-3-04) u *National Theatre and Playwrights (Malt. Indep. Sund. 25-10-03)*;

**ZAHRA, LORENZO** Minbarra diversi kitbiet ta' korrispondenza u oħrajn, kiteb dwar il-festa tal-Vitorja (Mument 7-9-03); Il-Jum Nazzjonali fil-Birgu Nazz. 25-9-03); Il-Kastell Sant' Anglu (Nazz. 13-10-03); il-mużew tal-palazz ta' l-inkwiżitur (Nazz. 20-10-03); it-torri ta' l-arloġġ tal-Birgu (Nazz. U Mument 11 u 14 Marzu 2004); kellu wkoll *Paġnastorja* fuq l-RTK Radio.

**ZAMMIT MAEMPEL, GEORGE** Kiteb *The New Museum at Għar Dalam* fit-*Treasures of Malta* 9 (1) paġ.25-30; Fil-*Malta Archaeological Review* No.5 2001 p.23-39, ikkontribwixxa *Avian Representations from Prehistoric and Medieval sites in the Maltese islands.*

**L-Għaqda Maltija tal-Folklor** organizzat attivita fil-knisja ta' Porto Salvo (San Duminku) l-Belt, fid-19 ta' Nov. 2003 meta filgħaxija saret quddiesa għar-ruħ il-presidenti u membri mejtin ta' l-Għaqda. Wara l-quddiesa Fr. T. Mallia-Milanes dawwar lill-membri preżenti makl-knisja biex jispjega l-istorja u t-teżori tagħha.

## IL-PUBBLIKAZJONI TA' ARTIKOLI MILL-IMNARA

***Aktar tard is-sena d-dieħla, il-Klabb Kotba Maltin se jniedi pubblikazzjoni li tiġbor fiha artikoli li dehru fl-IMNARA matul is-snin. Kull minn qatt kiteb fl-Imnara se jkun irrappreżentat b'mill-inqas artiklu wieħed. Il-copyright tal-materjal kollu ppubblikat tibqa' ta' l-awturi kkonċernati.***

***Il-membri huma mħeġġa jakkwistax kopja.***

# Il-MEMBRI TA' L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR

Agius Muscat, Anton, 64, Triq Borg Olivier, San Ġiljan STJ 08
Attard, Anton, "Sidtna Marija", Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn ZBR 10
Attard, Karmenu, 3 Guthrie Str., Dichsen A.C.T. 2601, Canberra, Australia
Bajada, Joseph, "Madonna ta' Pinu", Vjal it-8 ta' Settembru, Ix-Xagħra, Għawdex 103
Baldacchino, Emmanuel, 279, Triq il-Kbira, Ħal Qormi QRM 02
Bezzina, Christine, 59, Triq iz-Zekka, Valletta VLT 12
Bianchi, Nicholas C. B. Sc., "Villa Fort", Triq Preca, Ħal Lija 04
Bonanno, Henry, "Ophryns", Triq Ġuċe Cardona, Ħal Qormi QRM 08
Bonella, E., 52, Triq l-Isqof Labini, B'kara BKR 05
Bonnici, John Dip. Bus. Law & Acc., "Marise", Flat 2, Old Railway Ave., Ħal Balzan
Borg, Alfred, 104, Ashton Rd., Frome, Somerset BA11 2SF, U.K.
Borg, Steve, "Faith" Flat 6, Triq Iċ-Ċrieki, Wied il-Għajn
Borg, T., "Amphora", Flat 2, Triq Mons. A. Buhagiar, ir-Rabat RBT 08
Borg Cardona, Anna B.A., L.T.C.L. "Ciklamina", Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan BZN 07
Borg Cardona, Chris H., "Dar Żanira", Balzan Valley, Ħal Balzan BZN 08
Brockdorff, Vincienne, "Il-Pruna" 55, Triq l-Imgħażel, In-Naxxar NXR 02
Brown, Joseph C., "St. Lawrence" Flat 1, Triq La Vallette, il-Birgu
Bugelli, David, 19, Triq Melita, Tas-Sliema
Buttigieg, Denise, "Chez Mary Ann", Triq Is-Santwarju, Il-Mensija, San Ġwann SGN 10
Calleja, Frankie, "Tinkerbelle", Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar ZBR 04
Camilleri, Jos. C. B.A. (Hons) Dip. Educ., "Ilqugħ", 32, Triq il-Muskatell, Ħ'Attard BZN 04
Camilleri, Saviour, "Richrose", Triq Villambrosa, Il-Ħamrun HMR 10
Caruana, J., 202, Triq it-Tama, Il-Mosta MST 03
Cassar, Dr. George, 78, Triq Papa Piju XII, il-Mosta MST 05
Cassar, Lawrence, 24-25, Triq Żondadori, Ir-Rabat RBT 12
Cassar Pullicino, Ġuże, "Lares", Triq it-Tabib Zammit, Ħal Balzan,
Catania, D., "Popie" 50, Triq Iż-Żafran, Wied il-Għajn ZBR 11
Cauchi, Catherine, "The Cycads" Triq is-Sienja, Ħ'Attard BZN 06
Cefai, Carmel, 26, Triq Willie Arena, Il-Gżira GZR 06
Cesare, Salv., 14, Triq il-Laqxija, B'kara BKR 03
Chetcuti, Ġuże M.O.M., "Żerniq", 8 Flat 10, Triq Għar il-Lembi, Tas-Sliema SLM 16
Chircop, Dr. John Ph.D, 53, Triq il-Fikus, Ħaż-Żabbar ZBR 07
Ciantar, Josette, 2, Flat 2, Triq il-Kardinal, Il-Birgu CSP 08
Cilia, George, 64, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema SLM 07
Cini, Hubert, 71, Paola Rd., Ħal Tarxien
Cini, Joseph, "Merħba", Triq Leli Falzon, in-Naxxar NXR 04
Commerce Division Library, Policy and Regulatory Directorate, Lascaris, Valletta CMR 02
Commerce Division, Small Industries and Crafts Directorate, Lascaris, Valletta
Cremona, John, 54, Triq San Ġwann Bosco, VICTORIA VCT 104
Cuschieri, Carmel, "St. Mary", Triq Ross, San Ġiljan STJ 10
D'Amota, Carmen, "Widien" 6, Triq L-Ammiraljat, Raħal Ġdid PLA 08
Debono, John, 63, Triq N. Cottoner, Ħal Lija BZN 10
Deguara, Frans, 10, "Dediolanum", Triq Papa Pija X11, Il-Mosta MST 05
Deguara, Raymond, 36, Triq ix-Xitwa, Il-Mosta
Delicata, John, "Doris", 26, Triq Sir Anthony Micallef, Ħal Balzan BZN 08
De Piro, Marquis Nicholas, Casa Rocca Piccola, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 05
Diacono, Josephin, 43, Triq Agius Muscat, Ħaż-Żabbar
Dougalll, Angelo, 76, Triq San Mikiel, Birżebbuġa BBG 02
Ellul, Joe, 8, Triq San Rokku, Ħal Qormi
Ellul-Galea, Karmenu M.O.M., 32, Triq Tal-Borg, Paola PLA 06
Farrugia, Frans, "Mon Delice", Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq ZTN 13
Farrugia, Joseph A., 61, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien PLA 11
Felice, John B. Ch. D., Krypton Chemists, Triq Ta' L-Ibraġ, St. Andrew's STJ 13
Fenech, Alfred, "Grezz", 35, Triq id-Dirsa, Ħ'Attard BZN 05
Fenech, Joseph, "Massabielle", 186, Triq Mons. M. Azzopardi, Is-Siġġiewi, QRM 15
Fenech, Giuliiano, 59A, Triq Lorenzo Gafa, Il-Mosta MST 09
Fenech, Louis, "Faraġ", Triq Stefano Erardi, L-Iklin
Fenech, Martha, 26, Triq Ponsomby, Il-Mosta MST 07
Formosa, Patrick B.A., "Patros", Triq Wignacourt, B'kara BKR 08
Ganado, Dr. Albert, 1, Triq M'Anton Vassalli, Valletta VLT 13
Gambin, Kenneth B.A. (Hons), M.A., "Monserrat", Triq Ġananton Tanti, Ħal Tarxien PLA 18
Gatt, Emmanuel, 8, Triq Santa Katerina, Ħal Qormi QRM 04
Gatt, Ġużi, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan SLM 13
Gatt, Tony, 225, Triq Stefana Zerafa, il-Marsa HMR 03
Gauci, Gregory, 13/1, Old Governer's Palace Str., Il-Birgu CSP 08
Glanville, George, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura PLA 16
Gouder, Cathleen, "Kikmor" 76, Triq Erin Seraccino Inglott, Bormla CSP 02

Goggi, Joseph, 26, Triq Guze Ellul, Gwardamangia
Grech, Sergio, 1, Wesgħa 5 ta' Ottubru 1974, Iż-Żejtun
Griffiths, Prof. V., M.D., F.R.C.S., U.O.M, 7, Triq il-Palma, San Ġiljan STJ 12
Grima, Arthur, 129, Triq San Mikiel, Birżebbuġa
Grima, Dr. Jos. F. B.A., M.A., Ph.D., "Kosi Kot", Triq Ġuże Ellul Mercer, Ħal Qormi QRM 06
Grima, Sylvana, 27, Triq Ħal Tartarni, Ir-Rabat RBT 07
Grixti, Raymond, "The Winds", Triq Clematis, Santa Luċija PLA 10
Guillaumier, Alfie, 12, Triq Villambrosa, Il-Ħamrun HMR 06
Jaccarini, Dr. C., M.D., F.R.C.P., U.O.M., "Dovedale", Garden Crescent, The Garden's, San Giljan
Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard
Kunsill Lokali ta' Għajnsielem, "Calypso Court", Flat 3, Triq Għajnsielem, Għajnsielem
Kunsill Lokali ta' Marsaskala, "Ann", Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn
Kunsill Lokali ta' Santa Venera, Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta. Venera
Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, Triq Depiro, Tas-Sliema
Kunsill Lokali taż-Żejtun, 28, Triq Sant Anġlu, Iż-Żejtun
Lanfranco, Guido, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02
Laspina, Joseph P., "Casa Laspina", Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard
Lia, Gloria Anna, B.Sc., P.G.C.E., "Jubilate Deo", Triq Ġdida fi Triq Melqart, Marsaxlokk ZTN 09
Lia, Carmel, B. Ed. (Hons), B.A. 18, Main Street, Ħaż-Żabbar ZBR 02
Mallia, Alfred A.C.I.B., F.I.Met., 10A, "Ocean Heights", Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar
Magri-Naudi, Magda, "Torsance", 5, Triq Karlu Darmanin, Ħal-Lija BZN 14
Mangion, Felix, "Felcarm", Triq 23 ta' Lulju, 1942, Iż-Żurrieq ZRQ 06
Mangion, Josephine, "Felcarm", Triq 23 ta' Lulju, 1942, Iż-Żurrieq ZRQ 06
Mazini, Franco L.P., "Cittadella", Triq il-Linja, Ħ'Attard BZN 05
Micallef, Antonia, "Shalom", 75 Triq il-Knisja l-Qadima, B'kara
Mifsud, Rita, 230, "Casa d'Amore", Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta MST 03
Mifsud Chircop, Dr, G. B.A. (Hons.) M.A., P.G.C.E. Ph. D., "Fommu bil-Għasel", Triq il-Bufula l-Ħamra, Il-Mosta MST 02.
Mikallef-Buħagar, Karmen, Dar Bebbuxa, 55 Douton Ave., London SE2 3TU, U.K.
Muscat, Victoria, "Il-Musbieħ", Triq il-Wied, L-Imsida
Pace, Carmelo, "Carmar", Triq Ġużeppi D'Arena, il-Qrendi
Pace, Tony, "La Traviata", Triq Dun Karm, L-Iklin BZN 11
Pellegrini, Dr. F. B.A. LL.D., "Sonata", Triq Tal-Mirakli, Ħal-Lija BZN 10
Pisani, Maria R., 194,Triq San Pawl, Valletta VLT 02
Pisani, Dr. Paul George B.A. LL.D., 40C, Main Gate Str., Victoria VCT 103
Porsella Flores, Joseph, 69, Triq il-Palma, Raħal Ġdid, PLA 03
Privitelli, Michelle, "La Salette" 117, Vjal Cottoner, Il-Fgura PLA 17
Puli, Mary M.Q.R., 52, Triq Sant'Agata, Tas-Sliema SLM 07
Rapa, Mariliana, "Mariliana", Triq San Leonardu, Victoria
Ragonesi, Anita, "The Oasis", Flat 6, B'kara Hill, San Ħiljan STJ 09
Risso, Cat. R., "Mon Fleur", Triq Sant'Antnin, San Ġwann SGN 04
Saliba, Louis, "Hesparus" 65, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard
Sammut, Julian, 79, Triq Tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ ZBG 04
Sammut Testaferrata Jos. M.A. M. Phil., "Demaris" Triq Lascaris, Qawra SPB 05
Sare, John C., 166, Triq Rudolph, Tas-Sliema SLM 02
Savona-Ventura, Dr. Charles, "North Wynds" 7, Triq Antonio Zammit, Ix-Xwieki, Ħal Għargħur NXR08
Scembri, Anthony, "Renton", Triq Ħaż-Żabbar, Il-Fgura
Schembri, Lt. Col. Mario A.F.M., Block B. Flat 4, Triq Bellavista, San Ġwann SGN 03
Scembri, Vincent, "Orestin", Triq l-Għarnuq, Il-Fgura PLA 14
Sciberras, Joseph, "Stefanotis", Triq il-Knisja l-Qadima, B'kara BKR 12
Sciberras, Louise, 175, Triq Birbal, Ħal Balzan BZN 08
Sciclua, John C., "Casa Scicluna", Triq Robert Sammut, Tal-Virtu, Ir-Rabat RBT 09
Seychel, Charles, "Il-Qannata", Triq l-Arkibusier, Iż-Żejtun ZTN 07
Soler, Albert, "Villa Maria", Triq Iż-Żerniq, Tal-Qattus, B'kara
Spiteri Maempel, Mario, "Marvic", Triq l-Imdina, Ħal Balzan BZN 07
Stella Maris College, Upper St. Albert Street, Il-Gżira
Tabone, Michael, "L-Għorfa tal-Fuklar", Triq Ħal Far, Iż-Żurrieq
Tedesco, Joe, "Sunshine", Triq l-Aħwa Zammit, Ħal Qormi QRM 13
Testaferrata-Bonnici, Marquis J.P., 36, Triq il-Kbira, Ħal Lija BZN 10
Tonna, Albino, "St. Jude", Triq Dun Ġużepp Zammit, Iż-Żurrieq ZRQ 04
Vassallo, Rose, "Primavera", Triq San Ġakbu, Is-Siġġiewi QRM 13
Vella, Antonia, "By the Way", Triq il-Mosta, Ħ'Attard BZN 09
Vella, Graziella, 68, Flat 4, Triq il-Lvant, Valletta VLT 06
Vella, John, Blk. XII Flat 2, Govt. Buildings, Vjal De La Crux, Ħal Qormi QRM 11
Vella-Bondin, Joe, 54, Triq il-Parroċċa, Santa Venera HMR 18
Verie, Madame Aurore, 22 Avenue Des Buros, 64000 Pau, France
Zahra, Lorenzo, 18, Triq Zerafa, Il-Marsa HMR 03
Zahra, Vincent, 18/1 Block C, Triq Sophia, Bormla CSP 02
Zammit, Caroline, "Casa Zammit" 7, Triq Mons. Alfredo Mifsud, Ta' Xbiex
Zammit, John, 94A, Triq il-Mandolina, Birżebbuġa
Zammit-Testaferrata, Helene, 3, Villa Zimmermann, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex
Zammit-Maempel, Dr. G. M.Q.R., D. Sc., M.D., 148, Triq San Franġisk, Ħal Balzan
Zarb, Marie Claire, 2, "Planet Court" Tigne Seafront, Tas-Sliema SLM 15
Zerafa, Adelaide, 45, Triq Idmejda, Ħal Balzan BZN 06